IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Strasburgu, 24.11.2015
COM(2015) 586 final

2015/0270 (COD)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li jemenda r-Regolament (UE) 806/2014 sabiex tiġi stabbilita Skema Ewropea ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti**

MT MT

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Din il-proposta leġiżlattiva tipprevedi l-istabbiliment ta' Skema Ewropea ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti (EDIS) bħala t-tielet pilastru tal-Unjoni Bankarja fi tliet stadji suċċessivi: skema ta' riassigurazzjoni għall-parteċipazzjoni ta' SGD nazzjonali fl-ewwel perjodu ta' tliet snin, skema ta' koassigurazzjoni għal SGD nazzjonali parteċipanti f'perjodu ieħor ta' erba' snin, u l-assigurazzjoni sħiħa għal SGD nazzjonali parteċipanti fl-istat stabbli. SGD nazzjonali tista' tibbenefika biss mill-EDIS jekk il-fondi tagħha jkunu qegħdin jinbnew f'konformità ma' perkors preċiż ta' finanzjament u mill-bqija tikkonforma bis-sħiħ mar-rekwiżiti essenzjali skont il-liġi tal-Unjoni. Il-Bord Uniku tar-Riżoluzzjoni, li jkun estiż biex jamministra l-EDIS, se jagħmel monitoraġġ tal-iSGD nazzjonali u joħroġ fondi biss meta jkunu ssodisfati kundizzjonijiet definiti b'mod ċar. L-introduzzjoni tal-EDIS tkun akkumpanjata minn miżuri ambizzjużi b'mod parallel biex jitnaqqsu r-riskji fis-setturi bankarji tal-Istati Membri.

## 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

### 1.1. Ir-raġunijiet għall-proposta u l-għanijiet tagħha

Fl-2012, il-Kummissjoni talbet għal Unjoni Bankarja li tpoġġi s-settur bankarju fuq bażi iktar soda u biex jerġa' jkun hemm fiduċja fl-euro bħala parti minn viżjoni ta' terminu itwal għal integrazzjoni ekonomika u fiskali[1]. L-Unjoni Bankarja għandha tiġi implimentata billi tmexxi s-superviżjoni għal-livell Ewropew, tistabbilixxi qafas integrat għall-ġestjoni ta' kriżijiet bankarji u, daqstant importanti, sistema komuni għall-protezzjoni tad-depożiti. Filwaqt li l-ewwel żewġ passi kienu ntlaħqu bl-istabbiliment tal-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku (MSU) u l-Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRM), sistema komuni għall-protezzjoni tad-depożiti għadha ma ġietx stabbilita.

Ir-Rapport tal-Ħames Presidenti[2] u l-Komunikazzjoni ta' segwitu tal-Kummissjoni[3] stabbilixxew pjan ċar għat-tisħiħ tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja (UEM), inklużi passi biex jitnaqqsu iktar ir-riskji għall-istabilità finanzjarja. It-tlestija tal-Unjoni Bankarja hija pass indispensabbli lejn UEM sħiħa u approfondita. Għall-munita unika, sistema finanzjarja unifikata u integrata b'mod sħiħ hija essenzjali għat-trażmissjoni effettiva tal-politika monetarja, għal diversifikazzjoni adegwata tar-riskju fost l-Istati Membri u għal fiduċja ġenerali fis-sistema bankarja fiż-żona tal-euro.

B'mod partikolari, ir-Rapport tal-Ħames Presidenti jipproponi li jistabbilixxi, fit-tul, Skema Ewropea ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti (EDIS), bħala t-tielet pilastru ta' Unjoni Bankarja żviluppata bis-sħiħ flimkien ma' superviżjoni bankarja, li tkun ġiet fdata lill-MSU, u mar-riżoluzzjoni tal-bank, li ġiet fdata lill-SRM.

Ir-Rapport tal-Ħames Presidenti jiġbed l-attenzjoni li hekk kif l-organizzazzjoni attwali bl-Iskemi ta' Garanzija tad-Depożiti (iSGD) nazzjonali tibqa' vulnerabbli għal xokkijiet lokali kbar, assigurazzjoni ta' depożitu komuni żżid ir-reżiljenza tal-Unjoni Bankarja kontra kriżijiet futuri.

---

[1] Kommunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill "Pjan Direzzjonali lejn Unjoni Bankarja", COM(2012) 510, 12.9.2012.

[2] Ir-Rapport tal-Ħames Presidenti tat-22 ta' Ġunju 2015 "Nikkompletaw l-Unjoni Ekonomika u Monetarja tal-Ewropa", http://ec.europa.eu/priorities/economic-monetary-union/docs/5-presidents-report_mt.pdf

[3] Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Bank Ċentrali Ewropew Dwar passi lejn l-Ikkompletar tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja, COM(2015) 600 final 21.10.2015.

Il-Kummissjoni impenjat lilha nnifisha fil-Komunikazzjoni ta' segwitu tal-21 ta' Ottubru biex tressaq proposta leġiżlattiva qabel tmiem l-2015 dwar l-ewwel passi lejn l-EDIS bil-għan li tinħoloq sistema iktar Ewropea, lil hinn mis-sovran, sabiex tissaħħaħ l-istabbiltà finanzjarja, iċ-ċittadini jkunu jistgħu jkunu ċerti li s-sigurtà tad-depożiti tagħhom ma tiddependix fuq il-post ġeografiku tagħhom, u l-banek sodi ma jkunux penalizzati skont il-post fejn ikunu stabbiliti.

Il-Kummissjoni indikat, f'konformità mar-Rapport tal-Ħames Presidenti, li l-ewwel pass għandu jittieħed lejn sistema iktar komuni, u jibni fuq approċċ "ibbażat fuq ir-riassigurazzjoni" li jqis il-livelli differenti ta' finanzjament fl-iskemi nazzjonali u kwistjonijiet ta' periklu morali. Se jinħoloq Fond ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti konġunt, ġestit taħt il-patroċinju tal-Bord Uniku tar-Riżoluzzjoni eżistenti. L-EDIS tkun obbligatorja għall-Istati Membri taż-żona tal-euro u miftuħa għall-Istati Membri li mhumiex fiż-żona tal-euro lesti biex jissieħbu fl-Unjoni Bankarja.

L-EDIS se tevolvi progressivament minn skema ta' riassigurazzjoni fi skema ta' koassigurazzjoni mutwalizzata bis-sħiħ fuq numru ta' snin. Fil-kuntest tal-isforzi biex japprofondixxu l-UEM, flimkien mal-ħidma dwar l-istabbiliment ta' arranġamenti ta' finanzjament tranżitorju għall-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRF) u fuq l-iżvilupp ta' garanzija ta' kontinġenza fiskali komuni, dan il-pass huwa meħtieġ biex jitnaqqsu r-rabtiet bejn il-banek u s-sovrani fi Stati Membri individwali permezz ta' passi lejn kondiviżjoni tar-riskji bejn l-Istati Membri kollha fl-Unjoni Bankarja, u b'hekk biex l-Unjoni Bankarja tissaħħaħ fil-kisba tal-għan ewlieni tagħha. Madankollu, kondiviżjoni tar-riskju bħal din implikata minn passi biex tissaħħaħ l-Unjoni Bankarja għandha tipproċedi b'mod parallel ma' miżuri li jnaqqsu r-riskji maħsuba biex ikissru r-rabta bejn il-banek u s-sovrani b'mod iktar dirett.

## 1.2. Il-konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti ta' politika fil-qasam ta' politika

Dan ir-Regolament propost huwa konsistenti ma' dispożizzjonijiet ta' politiki eżistenti.

Wara t-twaqqif tal-MSU permezz tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013[4] u tal-SRM permezz tar-Regolament (UE) Nru 806/2014[5], EDIS tindirizza l-allinjament ħażin bejn is-superviżjoni tal-Unjoni u r-riżoluzzjoni ta' banek fl-Istati Membri parteċipanti, min-naħa waħda, u l-effikaċja u l-kredibbiltà ta' SGD nazzjonali f'każ ta' falliment ta' dawk l-istess banek skont id-Direttiva 2014/59/UE dwar l-Iskemi ta' Garanzija tad-Depożiti[6] (Direttiva SGD), min-naħa l-oħra.

Dan ir-Regolament propost jibni fuq il-qafas eżistenti ta' SGD nazzjonali kif irregolat mid-Direttiva SGD. L-applikazzjoni uniformi tal-qafas tal-garanzija tad-depożiti fl-Istati Membri parteċipanti f'EDIS għandha tittejjeb bħala riżultat ta' dan ir-Regolament propost permezz tal-

4 Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 tal-15 ta' Ottubru 2013 li jikkonferixxi kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu ĠU L 287, 29.10.2013, p. 63-89.

5 Ir-Regolament (UE) Nru 806/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2014 li jistabbilixxi regoli uniformi u proċedura uniformi għar-riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet tal-kreditu u ċerti ditti tal-investiment fil-qafas ta' Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni u Fond Uniku għar-Riżoluzzjoni u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 ĠU L 225, 30.7.2014, p. 1-90.

6 Id-Direttiva 2014/49/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar skemi ta' garanzija tad-depożiti, ĠU L 173, 12.6.2014, p. 149-178.

attribuzzjoni għal Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni u Garanzija tad-Depożiti ("il-Bord") ta' setgħat ta' teħid tad-deċiżjonijiet, il-monitoraġġ u l-infurzar b'rabta mal-qafas ta' garanzija tad-depożiti.

### 1.3. Il-konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni

L-EDIS se tikkontribwixxi għat-tnaqqis tar-rabta bejn il-perċezzjoni tal-pożizzjoni fiskali ta' Stati Membri individwali u l-ispejjeż ta' finanzjament tal-banek li joperaw f'dawk l-Istati Membri u b'hekk tgħin biex tinkiser ir-rabta bejn is-sovrani u l-banek. Dan għandu jżid ir-reżiljenza tas-settur bankarju kontra kriżijiet futuri u jikkontribwixxi għall-għan ġenerali ta' stabbiltà finanzjarja li tirfed il-**politika ekonomika u monetarja tal-Unjoni.** Ir-riskji jinfirxu b'mod iktar wiesgħa, bl-istabbiltà finanzjarja tissaħħaħ mhux biss fl-Istat Membru kkonċernat, iżda anki fi Stati Membri parteċipanti u mhux parteċipanti oħra, billi tillimita l-effetti potenzjali ta' kontaġju. Barra minn hekk, din se tgħin sabiex jinġiebu lura l-kundizzjonijiet ekwi fis-suq intern billi tillimita l-iżvantaġġ kompetittiv li banek sodi qegħdin ibatu minnu minħabba l-post fejn ikunu stabbiliti. F'ambjent ta' stabbiltà finanzjarja, is-self minn istituzzjonijiet finanzjarji għall-ekonomija ġenerali huwa inċentivizzat billi jitnaqqsu l-ispejjeż ta' finanzjament għall-istituzzjonijiet finanzjarji, biex b'hekk jissaħħaħ it-tkabbir u l-impjiegi u tittejjeb il-kompetittività tal-ekonomija tal-Unjoni.

## 2. IL-BAŻI ĠURIDIKA, IS-SUSSIDJARJETÀ U L-PROPORZJONALITÀ

### 2.1. Bażi ġuridika

Il-bażi ġuridika għal dan ir-Regolament propost hija l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), li jippermetti l-adozzjoni tal-miżuri għall-approssimazzjoni tad-dispożizzjonijiet nazzjonali li bħala għan għandhom l-istabbiliment u l-funzjonament tas-suq intern.

Ir-Regolament propost jimmira li jippreserva l-integrità u jsaħħaħ il-funzjonament tas-suq intern. Applikazzjoni uniformi ta' sett wieħed ta' regoli għall-protezzjoni tad-depożiti, flimkien ma' aċċess għal Fond Ewropew ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti ("il-Fond ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti") ġestit minn awtorità ċentrali tikkontribwixxi għall-funzjonament tajjeb tas-swieq finanzjarji tal-Unjoni u għall-istabbiltà finanzjarja fl-Unjoni. Din tneħħi l-ostakoli għall-eżerċitar tal-libertajiet fundamentali u tevita distorsjoni sinifikanti tal-kompetizzjoni, mill-inqas f'dawk l-Istati Membri li jikkondividu s-superviżjoni u r-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet tal-kreditu u l-protezzjoni tad-depożitanti fil-livell Ewropew.

L-Artikolu 114 tat-TFUE huwa għalhekk il-bażi ġuridika xierqa.

### 2.2. Is-sussidjarjetà (għal kompetenza mhux esklużiva)

Skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà stabbilit fl-Artikolu 5(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), fl-oqsma li ma jaqgħux taħt ir-responsabbiltà esklużiva tagħha, l-Unjoni għandha taġixxi biss jekk u sa fejn l-objettivi tal-azzjoni proposta ma jkunux jistgħu jinkisbu biżżejjed mill-Istati Membri, la fil-livell ċentrali u lanqas fil-livell reġjonali u lokali, iżda jkunu jistgħu, minħabba l-iskala jew l-effetti tal-azzjoni proposta, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni.

Fis-sitwazzjoni attwali, fejn l-SGD jibqgħu purament nazzjonali, huma vulnerabbli għal xokkijiet lokali kbar filwaqt li jżommu interazzjoni qawwija bejn il-banek u s-sovran nazzjonali tagħhom. Din is-sitwazzjoni ddgħajjef l-omoġeneità ta' protezzjoni għad-depożiti u tista' tikkontribwixxi għal nuqqas ta' fiduċja fost id-depożitanti.

Barra minn hekk, differenzi sostanzjali fil-protezzjoni tad-depożitanti meħuda fil-livell nazzjonali, u soġġetti għall-ispeċifiċitajiet lokali u r-restrizzjonijiet ta' finanzjament, jistgħu jdgħajfu l-integrità tas-suq intern.

Azzjoni fuq il-livell Ewropew biss tista' tiżgura assigurazzjoni ta' depożitu xierqa għad-depożitanti fis-suq intern u ddgħajjef ir-rabta bejn l-iSGD nazzjonali u l-pożizzjoni finanzjarja tas-sovrana rispettivi.

L-MSU jassigura kundizzjonijiet ekwi fis-superviżjoni tal-banek u jnaqqas ir-riskju ta' tolleranza. L-SRM jiżgura li, meta jfalli bank, l-istrutturar jista' jitwettaq bl-inqas spiża, il-kontribwenti huma protetti b'mod xieraq, u l-kredituri u l-istituzzjonijiet tal-kreditu jirċievu trattament ġust u ugwali fis-suq intern mingħajr ma jiġu ppenalizzati minħabba l-post fejn ikunu stabbiliti. Bl-istess mod, huwa xieraq li l-Unjoni tieħu azzjoni leġiżlattiva biex tistabbilixxi l-arranġamenti neċessarji biex jipproteġu d-depożiti ta' istituzzjonijiet tal-kreditu li jaqgħu taħt l-ambitu tal-Unjoni Bankarja.

Barra minn hekk, l-EDIS iġġib ekonomiji ta' skala sinifikanti u tevita l-esternalitajiet negattivi li jistgħu jirriżultaw minn deċiżjonijiet u fondi purament nazzjonali.

### 2.3. Proporzjonalità

Il-proposta hija konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità stabbilit fl-Artikolu 5(4) tat-TUE, il-kontenut u l-forma tal-azzjoni tal-Unjoni ma jaqbżux dak li huwa neċessarju biex jintlaħqu l-għanijiet tat-Trattati.

Fl-Unjoni Bankarja, is-superviżjoni u r-riżoluzzjoni tal-banek huma eżerċitati fl-istess livell ta' awtorità. Jistgħu jinqalgħu xi tensjonijiet jekk xi awtorità Ewropea tar-riżoluzzjoni jkollha tiddeċiedi fuq il-likwidazzjoni jew ir-riżoluzzjoni ta' bank mingħajr ma tkun tista' tiżgura li d-depożiti huma protetti fil-proċess, bil-ħolqien ta' riskji ta' stabbilità finanzjarja. Fil-fatt, il-kriżi riċenti enfasizzat il-ħtieġa ta' azzjoni rapida u deċiżiva appoġġjata minn arranġamenti ta' finanzjament fuq livell Ewropew. L-EDIS se tiżgura li l-istess regoli jiġu applikati bl-istess mod biex jipproteġu d-depożiti fi kwalunkwe Stat Membru parteċipanti. Finanzjament xieraq ta' riżerva jista' jevita li l-problemi fil-banek individwali jirriżultaw fi tnaqqis tal-fiduċja fis-sistema bankarja kollha tal-Istat Membru jew ta' Stati Membri oħra li s-swieq iqisu li hija esposta għal riskji simili.

Iż-żieda ta' ċertezza legali, l-inċentivi allinjati fil-kuntest tal-Unjoni Bankarja, u l-benefiċċji ekonomiċi ta' protezzjoni ċentrali u uniformi tad-depożitanti jagħmlu r-regolament propost konformi mal-prinċipju ta' proporzjonalità.

### 2.4. Għażla ta' strumenti

Applikazzjoni progressivament ċentralizzata tar-regoli dwar il-garanzija tad-depożiti stipulati fid-Direttiva SGD minn awtorità unika tal-Unjoni fl-Istati Membri parteċipanti, tista' tkun żgurata biss fejn ir-regoli li jirregolaw l-istabbiliment u l-funzjonament ta' EDIS huma direttament applikabbli fl-Istati Membri sabiex jiġu evitati interpretazzjonijiet diverġenti fost l-Istati Membri. Dan u l-fatt li Fond ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti huwa stabbilit fil-livell tal-Unjoni Bankarja, li għandu jkun ġestit minn Bord li jirrappreżenta l-membri kollha tal-Unjoni Bankarja, jeħtieġ Regolament bħala l-istrument legali xieraq.

## 3. IR-RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX-POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET TAL-PARTIJIET INTERESSATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

### 3.1. X'inhi l-problema u għaliex hija problema?

Fl-Unjoni Bankarja, assigurazzjoni ta' depożitu tibqa' purament nazzjonali, li jħalli l-iSGD nazzjonali vulnerabbli għal xokkijiet lokali kbar u l-baġits tal-Istati Membri jkomplu jkunu esposti għal riskji fis-setturi bankarji tagħhom. Dan jimpedixxi r-realizzazzjoni tal-benefiċċji

sħaħ tas-suq intern u tal-Unjoni Bankarja u potenzjalment jaffettwa b'mod negattiv il-fiduċja tad-depożitanti u d-drittijiet ta' stabbiliment ta' istituzzjonijiet tal-kreditu u d-depożitanti.

L-SGD huma fis-seħħ fl-Istati Membri kollha, kif meħtieġ mid-Direttiva SGD. Għalkemm diġà għandhom xi aspetti komuni dwar il-karatteristiċi ewlenin u l-funzjonament tagħhom, l-aspetti importanti għadhom jitħallew għad-diskrezzjoni tal-Istati Membri. L-Istati Membri jistgħu wkoll jawtorizzaw, wara approvazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea, livelli fil-mira mnaqqsa għal mezzi finanzjarji disponibbli.

Id-differenzi fil-livelli ta' finanzjament u d-daqs tat-38 SGD eżistenti fl-UE jistgħu jaffettwaw b'mod negattiv il-fiduċja tad-depożitanti u jistgħu jfixklu l-funzjonament tas-suq intern.

### 3.2. Għaliex għandha tieħu azzjoni l-UE?

L-EDIS għandha tikkumplimenta l-Unjoni Bankarja flimkien mas-superviżjoni u riżoluzzjoni bankarja. Dan għandu jnaqqas kemm il-vulnerabbiltà tad-depożitanti bankarji għal xokkijiet lokali kbar kif ukoll inaqqas iktar ir-rabta bejn il-banek u s-sovrani ta' pajjiżhom. Barra minn hekk, f'sistema fejn ir-responsabbiltajiet għas-superviżjoni u riżoluzzjoni bankarja huma kondiviżi, iċ-ċirkostanzi li taħthom jistgħu jintużaw l-SGD diġà ma għadhomx taħt il-kontroll nazzjonali. Kemm id-Direttiva 2014/59/UE (id-Direttiva dwar l-Irkupru u r-Riżoluzzjoni tal-Banek – BRRD) u r-Regolament (UE) Nru 806/2014 (ir-Regolament dwar il-Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni RMUR) fihom dispożizzjonijiet dwar l-użu possibbli ta' fondi tal-iSGD fir-riżoluzzjoni. Għaldaqstant, it-twaqqif ta' sistema komuni għall-assigurazzjoni tad-depożiti wkoll, huwa l-pass loġiku li jmiss fit-tlestija tal-Unjoni Bankarja, u tallinja aħjar ir-responsabbiltà u l-kontroll.

### 3.3. X'jista' jinkiseb?

Analiżi kwantitattiva kkunsidrat l-effettività ta' EDIS kompletament mutwalizzata biex tlaħħaq ma' żborżi potenzjali. L-analiżi tindika li n-numru u d-daqs tal-banek li għalihom il-Fond ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti jista' jipproċessa l-iżborżi jiżdiedu b'mod sinifikanti għall-Istati Membri kollha taħt l-EDIS meta mqabbla mal-iSGD nazzjonali.

Barra minn hekk, l-analiżi tindika li n-nuqqas mistenni ta' żborż, espress bħala perċentwal tal-livell fil-mira, ikun iktar baxx għall-EDIS milli għal kwalunkwe SGD nazzjonali.

Il-valutazzjonijiet imsemmija hawn fuq saru taħt is-suppożizzjoni li l-EDIS ma tirrikjedix kontribuzzjonijiet addizzjonali mill-banek, imma li l-kontribuzzjonijiet bankarji previsti għall-iżvilupp ta' fondi nazzjonali jintużaw minflok biex tiġi żviluppata l-EDIS. Ir-riżultati juru li jekk ikun hemm l-istess ammont ta' fondi, iżda jkunu magħmula disponibbli għal SGD unika Ewropea, jista' jikkostitwixxi protezzjoni u użu tal-fondi iktar effiċjenti milli jinżammu l-iSGD purament nazzjonali.

### 3.4. X'inhuma d-diversi opzjonijiet biex jintlaħqu l-għanijiet?

#### *3.4.1. Livelli attwali tal-finanzjament tad-disinn tal-EDIS*

Il-valutazzjoni turi li l-EDIS tibda abbażi ta' livelli ta' finanzjament eteroġenji ħafna tal-iSGD nazzjonali. Dan jimplika li l-EDIS għandha bżonn tipprovdi appoġġ ta' likwidità fil-fażi inizjali tagħha, għaliex inkella l-iSGD lokali jkunu jiddependu kważi esklussivament fuq mezzi alternattivi ta' finanzjament nazzjonali. It-tieni, l-EDIS għandha tkun imfassla b'tali mod li tevita vantaġġi sproporzjonati għal skemi li għadhom ma bdewx jiġbru fondi *ex-ante* u tevita diżinċentivi li tagħmel dan fil-futur.

*3.4.2. Kamp ta' applikazzjoni tal-EDIS*

Huwa mistenni li differenzi fil-livelli ta' finanzjament ma għandhomx ikunu iktar ta' kwistjoni meta l-iSGD ikunu segwew l-obbligi tagħhom fid-Direttiva SGD biex jiżviluppaw il-fondi *ex-ante*. L-analiżi turi li sistema komuni topera b'mod iktar effiċjenti, jiġifieri tipprovdi livell ogħla ta' protezzjoni mingħajr il-bżonn li jiżdiedu l-kontribuzzjonijiet b'mod ġenerali. Din tkun f'pożizzjoni aħjar biex jitnaqqas l-esponiment tal-Istati Membri għas-sistema bankarja domestika tagħhom.

*3.4.3. Kontribuzzjonijiet*

L-analiżi turi li (i) l-ippeżar tar-riskju tal-kontribuzzjonijiet ibiddel id-distribuzzjoni tal-piż finanzjarju fost il-banek ta' settur bankarju partikolari, (ii) il-valutazzjoni tar-riskju ta' bank partikolari relattiv għall-banek tal-Unjoni Bankarja iktar milli l-banek tas-settur bankarju tal-iSGD jew nazzjonali x'aktarx se tbiddel il-livell ta' kontribuzzjoni li għandha titħallas minn dak il-bank *individwali*. Madankollu, l-ebda grupp ta' banek ma kien identifikat bħala vantaġġjat jew żvantaġġjat.

Il-probabbiltà li SGD tista' timmobilizza l-fondi biex tikkumpensa lid-depożitanti tiżdied mar-riskju ta' dak il-bank. Għaldaqstant il-proposta hija prevista sabiex taġġusta għar-riskju l-kontribuzzjonijiet, jiġifieri tkompli l-prinċipju diġà stabbilit fid-Direttiva SGD.

It-tieni, l-analiżi turi li l-grupp ta' paragun għandu impatt fuq il-kontribuzzjonijiet imħallsa minn istituzzjonijiet individwali. Għaldaqstant, fil-fażi ta' riassigurazzjoni tal-EDIS, fejn il-biċċa l-kbira r-riskji jibqgħu fuq il-livell nazzjonali, il-profil ta' riskju ta' bank individwali huwa determinat b'mod relattiv għall-bqija tas-sistema bankarja nazzjonali tiegħu. Ladarba EDIS issir sistema ta' responsabbiltà konġunta fuq il-livell tal-Unjoni Bankarja, il-profil ta' riskju ta' bank individwali huwa determinat b'rabta mal-banek kollha tal-Unjoni Bankarja. Dan jiżgura li l-EDIS tibqa' newtrali fejn jidħlu spejjeż b'mod ġenerali għall-banek u l-SGD nazzjonali, u tevita kumplikazzjonijiet meta tiddetermina l-profil ta' riskju tal-banek fil-fażi tal-iżvilupp tal-Fond ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti.

### 3.5. Drittijiet fundamentali

Ir-Regolament propost ma għandu l-ebda konsegwenza għall-protezzjoni ta' drittijiet fundamentali lil hinn minn dawk tar-Regolament u tad-Direttiva li jimmodifika u li huma rispettivament trattati fil-memoranda ta' spjegazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 806/2014, li jistabbilixxi Riżoluzzjoni Unika.

## 4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Rigward il-funzjonijiet abbinati mal-EDIS, il-Bord ikun iffinanzjat bis-sħiħ permezz ta' kontribuzzjonijiet amministrattivi minn istituzzjonijiet tal-kreditu affiljati mal-iSGD parteċipanti. Dan imbagħad ifisser li l-funzjonijiet abbinati mal-EDIS mhux se jkunu jeħtieġu kontribut mill-baġit tal-UE. Ir-riżorsi umani addizzjonali tal-Bord li jammontaw għal 22 unità ekwivalenti għal *full-time* fil-forma ta' pożizzjonijiet skont it-tabella tal-persunal, aġenti kuntrattwali u Esperti Nazzjonali Sekondati fid-disa' sena, wara li l-fażi ta' assigurazzjoni sħiħa tkun intlaħqet, jirriflettu l-kompiti li r-Regolament propost jagħtih. Bl-istess mod tal-ħolqien tal-Bord Uniku tar-Riżoluzzjoni, il-pożizzjonijiet meħtieġa għall-estensjoni tal-kompiti ta' dan il-korp ġdid jaqgħu barra mill-ambitu tal-mira ta' tnaqqis tal-persunal ta' 5 % stabbilit fil-komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill COM(2013) 519 tal-10 ta' Lulju 2013.

Rigward il-funzjonijiet abbinati mal-EDIS, il-Bord ikun iffinanzjat bis-sħiħ permezz ta' kontribuzzjonijiet amministrattivi minn istituzzjonijiet tal-kreditu affiljati mal-iSGD

parteċipanti. Ir-riżorsi addizzjonali tal-Bord jirriflettu l-kompiti li r-Regolament propost jagħtih.

# 5. SPJEGAZZJONI DETTALJATA TAL-PROPOSTA

## 5.1. Skema Ewropea ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti

Din il-proposta tipprevedi l-istabbiliment tal-EDIS permezz ta' emenda tar-Regolament (UE) Nru 806/2014 (ir-Regolament SRM). Ir-regoli dwar il-funzjonament tal-SRM ma jinbidlux permezz ta' din l-emenda.

### *5.1.1. Evoluzzjoni gradwali tal-EDIS*

L-emenda proposta tar-Regolament tal-SRM tistabbilixxi l-EDIS fi tliet stadji suċċessivi (l-Artikolu 2(2)): skema ta' riassigurazzjoni, skema ta' koassigurazzjoni u skema ta' assigurazzjoni sħiħa. L-EDIS tkun amministrata mill-Bord fl-istadji kollha flimkien ma' SGD parteċipanti jew, fejn SGD ma tamministrax lilha nnifisha, mill-awtorità nazzjonali maħtura responsabbli għall-amministrazzjoni tal-iSGD parteċipanti rispettivi (l-Artikolu 2(2) subparagrafu 2). Il-Fond ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti huwa parti mill-EDIS. Dan jimtela minn kontribuzzjonijiet dovuti u mħallsa minn banek direttament lill-Bord u kkalkolati u fatturati mill-iSGD parteċipanti.

### *5.1.2. Kamp ta' applikazzjoni tal-EDIS*

L-EDIS tapplika għall-iSGD kollha li huma uffiċjalment rikonoxxuti fi Stat Membru parteċipanti u għall-istituzzjonijiet tal-kreditu affiljati ma' skemi bħal dawn. L-Istati Membri parteċipanti huma dawk li l-munita tagħhom hija l-euro u dawk l-Istati Membri l-oħra li stabbilixxew kooperazzjoni mill-qrib mal-Bank Ċentrali Ewropew biex jipparteċipaw fl-MSU (l-Artikolu 4(1)).

Peress li l-kopertura prevista mill-EDIS hija limitata għall-funzjonijiet obbligatorji li l-iSGD għandhom taħt id-Direttiva, jiġifieri żborżi lil depożitanti u kontribuzzjonijiet għar-riżoluzzjoni, l-EDIS tapplika għall-iskemi kollha li jistgħu, fil-prinċipju, jiltaqgħu ma' eventi ta' żborż jew ikunu mitluba sabiex jikkontribwixxu għal proċedura ta' riżoluzzjoni. Dan jinkludi SGD statutorji, skemi ta' protezzjoni istituzzjonali (IPS) u skemi kuntrattwali li jkunu uffiċjalment rikonoxxuti bħala SGD minn Stat Membru (l-Artikolu 1(2) tad-Direttiva SGD). Ir-rikonoxximent tagħhom bħala SGD huwa marbut b'mod inseparat mal-obbligi tagħhom biex jikkumpensaw lid-depożitanti f'każ li d-depożiti ma jkunux disponibbli u sabiex jikkontribwixxu għall-proċedimenti ta' riżoluzzjoni.

Id-drittijiet u l-obbligi li l-iSGD parteċipanti għandhom fi ħdan l-EDIS huma dawk ta' awtorità maħtura fejn l-iSGD mhijiex amministrata minn entità privata iżda mill-awtorità maħtura nnifisha (l-Artikolu 2(2) subparagrafu 2). Dan iqis id-diskrezzjoni li l-Istati Membri għandhom rigward l-introduzzjoni, ir-rikonoxximent u l-amministrazzjoni tal-iSGD fuq il-livell nazzjonali (ara l-Artikolu 2(18) tad-Direttiva).

Jekk il-kooperazzjoni mill-qrib ta' Stat Membru mhux fiż-żona tal-euro hija sospiża jew terminata, l-iSGD parteċipanti rikonoxxuti uffiċjalment f'dan l-Istat Membru u l-istituzzjonijiet tal-kreditu affiljati ma' dawn l-iSGD jieqfu jkunu koperti mir-Regolament tal-SRM rigward kemm l-SRM kif ukoll l-EDIS (l-Artikolu 4). F'każ ta' terminazzjoni biss, kull waħda minn dawn l-iSGD hija intitolata wkoll għal sehem mill-mezzi finanzjarji disponibbli li l-Fond ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti tiddisponi minnhom fiż-żmien tat-terminazzjoni. Dan l-intitolament iservi biex jipprovdi lill-iSGD rispettiva bil-fondi li għandha bżonn sabiex tissodisfa l-obbligi ta' finanzjament skont id-Direttiva. L-azzjoni li l-iSGD rispettiva tista' titlob hija soġġetta għal metodu ta' kalkolazzjoni. Bil-ħsieb tal-livell limitu l-iktar baxx għal

bizżejjed finanzjament stabbilit fl-Artikolu 11(5) tad-Direttiva SGD, SGD ma tistax titlob iktar mill-Fond ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti milli hu neċessarju għall-mezzi finanzjarji disponibbli sabiex tilħaq żewġ terzi tal-livell fil-mira. Il-Bord jiddeċiedi, bi qbil ma' dak l-Istat Membru, dwar il-modalitajiet u l-kundizzjonijiet għat-trasferiment tal-fondi lill-iSGD rispettivi fi żmien tliet xhur.

### 5.1.3. *Prinċipji ġenerali li jirregolaw l-EDIS*

L-Artikolu 6 jistipula prinċipji ġenerali li japplikaw kemm għall-SRM kif ukoll għall-EDIS. Dawn il-prinċipji jsiru rilevanti meta l-Bord jew l-awtoritajiet u korpi pubbliċi oħra jkollhom id-diskrezzjoni fit-teħid ta' xi deċiżjoni jew azzjoni oħra.

La l-Bord u lanqas SGD parteċipanti ma jistgħu jiddiskriminaw kontra entitajiet (inklużi l-iSGD u l-banek membri tagħhom), detenturi tad-depożitu, investituri jew kredituri oħra stabbiliti fl-Unjoni abbażi tan-nazzjonalità jew tal-post tal-operat (l-Artikolu 6(1)). Din ir-regola hija prinċipju fundamentali tal-liġi tal-Unjoni u ta' importanza partikolari fi swieq finanzjarji fejn it-tranżazzjonijiet bejn il-partijiet ta' nazzjonalitajiet differenti u b'postijiet differenti ta' negozju huma mifruxa.

L-obbligu tal-Bord u l-SGD parteċipanti huwa li kull azzjoni, proposta jew politika għandha tittieħed b'kunsiderazzjoni sħiħa u fi dmir ta' diliġenza għall-unità u l-integrità tas-suq intern (l-Artikolu 6(2)). It-tneħħija tal-frammentazzjoni finanzjarja hija motivatur ewlieni għall-Unjoni Bankarja u l-awtoritajiet li jamministraw l-EDIS jeħtiġilhom jivvalutaw b'mod sħiħ l-impatt ta' kwalunkwe azzjoni jew deċiżjoni diskrezzjonali li jikkunsidraw fid-dawl tal-funzjonament tas-suq intern.

Filwaqt li l-paragrafi minn 3 sa 5 tal-Artikolu 6 dwar it-trattament tal-gruppi mhumiex applikabbli fil-kuntest tal-EDIS, l-Artikolu 6(6) jipprevjeni lill-Bord milli jieħu deċiżjonijiet fi ħdan l-EDIS li jobbligaw lill-Istati Membri jipprovdu appoġġ finanzjarju pubbliku straordinarju jew li jaffettwaw is-sovranità baġitarja u r-responsabbiltajiet fiskali.

Fil-kuntest tal-EDIS, il-Bord jista' jadotta deċiżjonijiet indirizzati lill-iSGD parteċipanti (l-Artikolu 74f). L-iSGD parteċipanti jridu jikkonformaw, iżda l-Artikolu 6(7) jippermettilhom biex jispeċifikaw ulterjorment il-miżuri li għandhom jittieħdu, sakemm dawn il-miżuri huma konformi mad-deċiżjoni tal-Bord inkwistjoni.

## 5.2. Stadji differenti tal-EDIS

Fit-tliet stadji kollha, ir-riassigurazzjoni, il-koassigurazzjoni u l-assigurazzjoni sħiħa, l-EDIS kemm tipprovdi l-finanzjament kif ukoll tkopri t-telf ta' skemi ta' garanzija tad-depożiti parteċipanti.

Il-finanzjament previst mill-EDIS jindirizza l-bżonn inizjali ta' likwidità ta' SGD sabiex tikkumpensa d-depożitanti fi żmien l-iskadenza tal-iżborż stipulata mid-Direttiva (normalment sebat ijiem ta' xogħol), iżda anki biex jissodisfa fil-ħin it-talba ta' kontribuzzjoni għal proċedura ta' riżoluzzjoni. Il-finanzjament irid jiġi rimborżat lill-Bord mill-iSGD parteċipanti.

Fl-istadji kollha, l-EDIS tkopri wkoll it-telf li l-iSGD parteċipanti fl-aħħar mill-aħħar iġġarrab billi tikkumpensa lid-depożitanti jew tikkontribwixxi għar-riżoluzzjoni. It-telf aħħari ta' SGD parteċipanti huwa normalment inqas mill-pagamenti ta' kumpens lid-depożitanti jew il-kontribuzzjonijiet tagħha għar-riżoluzzjoni. Wara event ta' żborż l-iSGD tista' tiġbor mill-pretensjonijiet ta' ħlas lura ta' depożiti (koperti) li d-depożitanti kellhom fil-konfront tal-bank fallut u li jiġu trasferiti lill-iSGD parteċipanti sa fejn ikun ikkumpensa lil dawn id-depożitanti (l-Artikolu 9(2), l-ewwel sentenza, tad-Direttiva SGD). Għalkemm, jekk bank isir insolventi,

u għalhekk dawn il-pretensjonijiet ma jkunux issodisfati bis-sħiħ, kwalunkwe rikavat mill-proprjetà tal-insolvenza jnaqqas it-telf aħħari tal-iSGD.

Jekk SGD ikkontribwixxiet għar-riżoluzzjoni, it-telf tagħha jista' jkun inqas mill-ammont ta' dik il-kontribuzzjoni, b'mod partikolari jekk l-ammont li l-iSGD jkollha tagħti bħala kontribuzzjoni jkun imnaqqas abbażi ta' valutazzjoni sussegwenti (l-Artikolu 109(1) subparagrafu 4 flimkien mal-Artikolu 75 tal-BRRD).

L-EDIS ma tkoprix it-telf permezz ta' pagamenti addizzjonali lill-iSGD parteċipanti. Pjuttost, l-ammont ta' finanzjament inizjali li l-iSGD parteċipanti trid tħallas lura huwa mnaqqas mis-sehem tat-telf kopert mill-EDIS.

Il-livell ta' finanzjament provdut u s-sehem tat-telf kopert mill-EDIS jiżdiedu ma' kull stadju.

*5.2.1. Riassigurazzjoni*

Fil-fażi ta' riassigurazzjoni, li hija proposta li tieħu tliet snin, l-EDIS tista' tipprovdi finanzjament limitat, u tkopri sehem limitat tat-telf ta' SGD parteċipanti li taffaċċja event ta' żborż jew intalbet biex tikkontribwixxi għal riżoluzzjoni (l-Artikolu 41a).

Fil-fażi inizjali ta' riassigurazzjoni, il-kopertura hija limitata għall-proċedimenti ta' riżoluzzjoni mmexxija mill-Bord (l-Artikoli 41a(2) u 79). Proċedimenti ta' riżoluzzjoni purament nazzjonali huma koperti biss permezz ta' koassigurazzjoni u assigurazzjoni sħiħa.

5.2.1.1. L-għoti ta' finanzjament fl-istadju ta' riassigurazzjoni

Il-finanzjament fl-istadju ta' riassigurazzjoni jiġi previst jekk ikun hemm nuqqas ta' likwidità tal-iSGD parteċipanti (l-Artikolu 41a(2)). Il-proċess biex jiġi stabbilit nuqqas ta' likwidità jvarja skont jekk (a) l-iSGD parteċipanti taffaċċjax event ta' żborż jew (b) ikollha tikkontribwixxi għal riżoluzzjoni.

(a) F'event ta' żborż SGD parteċipanti (l-Artikolu 41b(1)) jkollha nuqqas ta' likwidità jekk l-ammont ta' depożiti koperti bil-bank li qiegħed ifalli huwa akbar mit-total ta' (a) l-ammont ta' mezzi finanzjarji disponibbli li l-iSGD parteċipanti ipotetikament suppost ikollha, minħabba l-perkors ta' finanzjament stabbilit mill-Artikolu 41j, u (b) l-ammont ta' kontribuzzjonijiet (*ex-post*) straordinarji li l-iSGD parteċipanti tista' tiġbor fi żmien tlett ijiem mill-event ta' żborż.

    L-ammont ta' depożiti koperti użati biex jikkalkolaw in-nuqqas ta' likwidità jikkonsisti biss minn depożiti eliġibbli sal-livell ta' kopertura standard ta' EUR 100 000 jew l-ekwivalenti tiegħu f'munita nazzjonali (l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva SGD). Bilanċi temporanjament għoljin kif definiti fl-Artikolu 6(2) tad-Direttiva SGD jew kwalunkwe tnaqqis li l-iSGD tista' tagħmel skont l-Artikoli 7 jew 8 tad-Direttiva SGD qabel tikkumpensa lid-depożitanti normalment ma jkunux magħrufa fiż-żmien tal-event ta' żborż u għalhekk huma injorati. L-użu tal-livell *ipotetiku* ta' mezzi finanzjarji disponibbli iktar milli l-livell reali jservi biex jiddgħajjef l-inċentiv potenzjali għal SGD parteċipanti biex tonqos mill-obbligu tagħha biex tiġbor kontribuzzjonijiet *ex-ante* f'konformità ma' perkors preċiż ta' finanzjament. Finalment, kontribuzzjonijiet (*ex-post*) straordinarji (l-Artikolu 10(8) tad-Direttiva), sa fejn ikunu jistgħu jinġabru f'perjodu qasir ħafna, huma sors addizzjonali ta' likwidità li jista' jbaxxi n-nuqqas ta' likwidità ta' SGD parteċipanti. Il-perjodu ta' tliet ijiem joħloq bilanċ xieraq bejn l-objettiv li l-ewwel jiġu eżawriti r-riżorsi ta' likwidità fl-iSGD u l-ħtieġa li d-depożitanti jiġu kkumpensati fi żmien sebat ijiem ta' xogħol mill-event ta' żborż.

(b) F'każ ta' riżoluzzjoni (l-Artikolu 41b(2)) in-nuqqas ta' likwidità huwa l-ammont li l-iSGD parteċipanti għandha tikkontribwixxi għal riżoluzzjoni, li minnu jitnaqqas l-

MT



MT

ammont ta' mezzi finanzjarji disponibbli li l-iSGD parteċipanti ipotetikament għandu jkollha fis-seħħ minħabba l-perkors ta' finanzjament stabbilit fl-Artikolu 41j. Il-livell ipotetiku tal-mezzi finanzjarji disponibbli huwa l-uniku riżors ta' likwidità li l-iSGD parteċipanti għandha bżonn tisfrutta biex tbaxxi n-nuqqas ta' likwidità tagħha. F'każ ta' riżoluzzjoni m'hemmx bżonn li l-iSGD parteċipanti tiġbor kontribuzzjonijiet *ex-post* fi żmien qasir peress li Artikolu 10(8) tad-Direttiva SGD huwa limitat għall-eventi ta' żborż.

Jekk l-iSGD parteċipanti għandha nuqqas ta' likwidità, tista' titlob għal finanzjament mill-Fond ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti sa 20 % ta' dak in-nuqqas. It-80 % li jifdal tan-nuqqas ta' likwidità jeħtieġ li jkun kopert minn sorsi oħra ta' finanzjament. Permezz tal-applikazzjoni tal-livell *ipotetiku* tal-mezzi finanzjarji disponibbli biex jiġi kkalkolat in-nuqqas ta' likwidità, l-EDIS tippermetti lil dawk l-iSGD parteċipanti li, fiż-żmien tal-event ta' żborż, ikollhom *iktar* mezzi finanzjarji disponibbli milli jeħtieġu biex jiksbu finanzjament mill-EDIS għan-nuqqas (tekniku) ta' likwidità tagħhom u sabiex jużaw il-fondi addizzjonali tagħhom biex ikopru (parti minn) 80 % li jifdal tan-nuqqas ta' likwidità tagħhom. Hemm limitu fuq il-finanzjament provdut mill-EDIS.

5.2.1.2. Kopertura ta' telf fl-istadju ta' riassigurazzjoni

Fl-istadju ta' riassigurazzjoni, minbarra li tipprovdi finanzjament għal nuqqas ta' likwidità, l-EDIS tkopri wkoll 20 % tat-*telf eċċessiv* tal-iSGD parteċipanti fit-tieni pass. Il-kunċett ta' telf eċċessiv ivarja skont jekk l-iSGD parteċipanti ffaċċjatx event ta' żborż jew kinitx mitluba biex tikkontribwixxi għal riżoluzzjoni.

F'event ta' żborż (l-Artikolu 41c(1)) l-iSGD parteċipanti ġġarrab telf eċċessiv jekk l-ammont totali li ħallset lura lid-depożitanti (l-Artikolu 8 tad-Direttiva) jaqbeż is-somma ta' (a) l-ammont li tkun ġabret fi proċedimenti ta' insolvenza fuq il-pretensjonijiet ta' depożiti li tkun kisbet (l-Artikolu 9(2), l-ewwel sentenza, tad-Direttiva SGD) billi tikkumpensa lid-depożitanti, (b) l-ammont ta' mezzi finanzjarji disponibbli li l-iSGD parteċipanti ipotetikament għandu jkollha fis-seħħ minħabba l-perkors ta' finanzjament stabbilit fl-Artikolu 41j, u (c) l-ammont ta' kontribuzzjonijiet (*ex-post*) straordinarji li l-iSGD parteċipanti tista' tiġbor fi żmien sena mill-event ta' żborż.

Filwaqt li n-nuqqas ta' likwidità huwa kkalkolat abbażi tal-ammont ta' depożiti koperti (depożiti eliġibbli sa EUR 100 000), il-kalkolazzjoni tat-telf eċċessiv, li ssir iktar tard fil-proċedura ta' riassigurazzjoni, tista' tkun ibbażata fuq l-ammonti reali mħallsin lura lid-depożitanti. Dan l-ammont jitnaqqas mir-rikavat mill-proprjetà tal-insolvenza li l-iSGD parteċipanti tkun kisbet. Barra minn hekk, l-ammont ipotetiku ta' mezzi finanzjarji disponibbli, li l-iSGD parteċipanti kellu jkollha fis-seħħ fiż-żmien tal-event ta' żborż, jitnaqqas ukoll. Finalment, huwa preżunt li l-iSGD parteċipanti kienet kapaċi tiġbor l-ammont ta' kontribuzzjonijiet *ex-post* li hija permessa tiġbor fi żmien sena mill-event ta' żborż skont id-Direttiva SGD. Dan huwa 0,5 % mid-depożiti koperti totali tal-banek membri tagħha (l-Artikolu 10(8) tad-Direttiva SGD bil-kontribuzzjonijiet *ex-post* li kienu miġbura fi żmien perjodu ta' tlett ijiem wara l-event ta' żborż. L-ammont li jirriżulta huwa t-telf eċċessiv tal-iSGD parteċipanti.

F'każ ta' riżoluzzjoni (l-Artikolu 41c(2)), it-telf eċċessiv huwa l-ammont li l-iSGD parteċipanti għandha tikkontribwixxi għal riżoluzzjoni *li minnha titnaqqas* is-somma ta':

(a) l-ammont li jista' jkun ġie rimborżat wara li valutazzjoni sussegwenti sabet li l-kontribuzzjoni tagħha kellha tkun inqas milli mitlub inizjalment mill-awtorità ta' riżoluzzjoni[7], u

(b) l-ammont ta' mezzi finanzjarji disponibbli li l-iSGD parteċipanti għandu jkollhom fis-seħħ minħabba l-perkors ta' finanzjament stabbilit fl-Artikolu 41j.

Għal darb'oħra, m'hemmx bżonn li l-iSGD parteċipanti jiġbru kontribuzzjonijiet *ex-post* peress li l-Artikolu 10(8) tad-Direttiva huwa limitat għal event ta' żborż.

Il-kopertura tat-telf ta' 20 % tat-telf eċċessiv hija applikata billi jitnaqqas l-ammont ta' finanzjament li l-iSGD parteċipanti hija obbligata tħallas lura lill-EDIS bl-ammont ta' kopertura ta' telf. Hemm limitu fuq il-kopertura ta' telf mill-EDIS.

*5.2.2. Koassigurazzjoni*

Wara l-fażi inizjali ta' riassigurazzjoni ta' tliet snin, l-iSGD parteċipanti huma koassigurati mill-EDIS għal perjodu ta' erba' snin. L-iSGD parteċipanti jistgħu jitolbu kemm finanzjament kif ukoll kopertura ta' telf mill-Fond ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti f'każ li jaffaċċjaw event ta' żborż jew kienu ġew mitluba sabiex jikkontribwixxu għal riżoluzzjoni (Artikolu 41d). L-EDIS tipprovdi finanzjament għall-kontribuzzjonijiet għal proċedimenti ta' riżoluzzjoni *nazzjonali* , u tkopri telf li jirriżulta minnhom.

Id-differenza mill-fażi ta' riassigurazzjoni hija li l-finanzjament huwa provdut u t-telf huwa kopert sa mill-"ewwel euro" u s-sehem assunt mill-EDIS jiżdied gradwalment waqt il-perjodu ta' koassigurazzjoni.

L-EDIS tipprovdi finanzjament għal perċentwal tal-bżonn ta' likwidità tal-iSGD parteċipanti li jirriżulta minn event ta' żborż jew minn talba għal kontribuzzjoni għal riżoluzzjoni. Hija tkopri wkoll l-istess perċentwal tat-telf li l-iSGD parteċipanti finalment iġġarrab minn dawn l-eventi. Is-sehem ikun ta' 20 % fl-ewwel sena tal-fażi ta' koassigurazzjoni u jiżdied kull sena sussegwenti b'20 punt perċentwali, fejn jilħaq 80 % fl-aħħar sena ta' koassigurazzjoni.

F'każ ta' event ta' żborż, il-bżonn ta' likwidità huwa daqs l-ammont totali tad-depożiti koperti tal-bank li qiegħed ifalli, jiġifieri depożiti eliġibbli sa EUR 100 000 (l-Artikolu 41f(1)). It-telf huwa ddeterminat billi jitnaqqas ir-rikavat tal-iSGD parteċipanti mill-proprjetà tal-insolvenza (l-Artikolu 41g(1)).

F'każ ta' riżoluzzjoni, il-bżonn ta' likwidità huwa daqs l-ammont ta' kontribuzzjoni mitluba mill-Bord u l-awtorità nazzjonali ta' riżoluzzjoni, rispettivament (l-Artikolu 41f(2)). It-telf huwa ddeterminat billi titnaqqas id-differenza li l-iSGD parteċipanti setgħet tħallset wara li valutazzjoni sussegwenti tkun iddeterminat li l-kontribuzzjoni inizjali kellha tkun inqas (l-Artikolu 41g(2)).

Ma jkun hemm l-ebda limitu fuq l-għoti ta' finanzjament jew fuq il-kopertura ta' telf.

[7] Il-ħlas tal-ammont ta' differenza skont l-Artikolu 75 tad-Direttiva 2014/59/UE: huwa preżunt li din ir-regola tapplika permezz ta' analoġija anki f'każijiet ta' riżoluzzjoni SRM skont l-Artikolu 79.

### *5.2.3. Assigurazzjoni sħiħa*

Wara l-fażi ta' koassigurazzjoni ta' erba' snin, l-iSGD parteċipanti jkunu kompletament assigurati mill-EDIS. L-assigurazzjoni sħiħa tipprovdi finanzjament sħiħ tal-bżonn ta' likwidità u tkopri t-telf kollu ġej minn event ta' żborż jew minn talba għal kontribuzzjoni ta' riżoluzzjoni. Il-mekkaniżmu huwa l-istess bħal dak fil-fażi ta' koassigurazzjoni, iżda bl-EDIS tkopri sehem ta' 100 %.

### *5.2.4. Salvagwardji għal kopertura mill-EDIS*

Il-proposta tinkludi salvagwardji kontra aċċess mhux korrett jew mhux iġġustifikat għall-EDIS mill-iSGD nazzjonali. Dawn ikunu esklużi jekk jonqsu milli jkunu konformi mal-obbligi skont ir-Regolament jew il-liġi nazzjonali li timplimenta d-dispożizzjonijiet ewlenin tad-Direttiva, jew jekk l-Istat Membru rispettiv naqas milli jimplimenta dawn l-Artikoli b'mod korrett (l-Artikolu 41i). Ikunu koperti mill-EDIS biss jekk il-mezzi finanzjarji disponibbli tagħhom jammontaw għal minn tal-anqas il-perkors ta' finanzjament armonizzat stipulat fir-Regolament (l-Artikolu 41j). Dan iservi biex ikun żgurat li dawk l-iSGD parteċipanti biss li jkunu osservaw l-obbligi tagħhom stess li jillimitaw r-riskju fil-livell tal-EDIS jistgħu jibbenefikaw mill-protezzjoni tagħha. Il-Bord jista' jiddeċiedi li jiskwalifika SGD parteċipanti mill-kopertura tal-EDIS permezz ta' rekwiżiti speċifiċi tal-vot.

## 5.3. Valutazzjoni tal-għajnuna mill-Istat

Filwaqt li l-ħlas ta' kumpens tal-iSGD lid-depożitanti mhuwiex għajnuna mill-Istat, il-kontribuzzjoni tagħha għal riżoluzzjoni, għalkemm hija maħsuba sabiex tiżgura li d-depożitanti jibqa' jkollhom aċċess għad-depożiti, tirriżulta f'benefiċċju għall-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni. Għaldaqstant il-kontribuzzjoni tista' titqies bħala għajnuna mill-Istat u tista' teħtieġ notifika u approvazzjoni mill-Kummissjoni. Fejn il-kontribuzzjoni hija magħmula minn fondi fuq il-livell Ewropew (l-SRF u l-Fond ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti), il-proċedura tal-għajnuna mill-Istat tapplika b'analoġija (l-Artikolu 19).

## 5.4. Amministrazzjoni tal-EDIS

L-EDIS se tkun amministrata mill-Bord flimkien mal-iSGD parteċipanti (jew l-awtorità maħtura li qiegħda tamministra SGD parteċipanti). Il-proċedura tista' bejn wieħed u ieħor tinqasam f'fażi li twassal għall-għoti ta' finanzjament u fażi wara l-għoti ta' finanzjament.

### *5.4.1. Proċedura li twassal għall-finanzjament*

L-SGD parteċipanti huma mitluba javżaw lill-Bord mingħajr dewmien ladarba jsiru jafu dwar ċirkostanzi li x'aktarx sejrin jirriżultaw f'event ta' żborż jew talba mill-awtorità ta' riżoluzzjoni għal kontribuzzjoni ta' riżoluzzjoni (l-Artikolu 41(i)). Dawn għandhom jipprovdu stima tan-nuqqas ta' likwidità mistennija (fażi ta' riassigurazzjoni) jew bżonn ta' likwidità (koassigurazzjoni u fażi ta' assigurazzjoni sħiħa) lill-Bord. Dan jippermetti lill-Bord biex iħejji lilu nnifsu għall-għoti immedjat ta' finanzjament f'każ ta' event ta' żborż jew talba għal kontribuzzjoni ta' riżoluzzjoni.

L-iSGD parteċipanti għandhom javżaw immedjatament lill-Bord dwar event ta' żborż jew talba għal kontribuzzjoni ta' riżoluzzjoni (l-Artikolu 41l). Anki jekk il-Bord innifsu jitlob kontribuzzjoni ta' riżoluzzjoni (l-Artikolu 79), notifika bħal din hija formalment neċessarja minħabba li l-kompożizzjoni tal-Bord fl-EDIS hija differenti mill-kompożizzjoni tiegħu fl-SRM (ara hawn isfel) u l-iSGD parteċipanti *mhijiex meħtieġa* titlob għal finanzjament jew kopertura ta' telf mill-EDIS. Man-notifika, l-iSGD parteċipanti trid tipprovdi informazzjoni lill-Bord biex jivvaluta jekk il-kundizzjonijiet rilevanti humiex issodisfati (l-Artikolu 41j):

– L-ammont ta' depożiti koperti biex jiġi kkalkolat in-nuqqas ta' likwidità jew bżonn ta' likwidità.

– Il-mezzi finanzjarji disponibbli fl-aħħar tal-event ta' żborż jew l-użu f'riżoluzzjoni biex jiddetermina liema livell ta' mezzi finanzjarji disponibbli li l-iSGD parteċipanti *għandu jkollhom* fiż-żmien tal-event ta' żborż ta' użu f'riżoluzzjoni, minħabba l-perkors ta' finanzjament stabbilit mill-Artikolu 41j.

– L-istima tal-kontribuzzjonijiet *ex-post* straordinarji li tista' tiġbor fi żmien tlett ijiem mill-event ta' żborż ta' użu f'riżoluzzjoni.

– Kwalunkwe impediment materjali ieħor tal-iSGD parteċipanti sabiex tissodisfa l-obbligazzjonijiet tagħha lejn id-depożitanti jew l-awtorità ta' riżoluzzjoni u rimedji possibbli.

Il-Bord jiddetermina fi żmien 24 siegħa jekk il-kundizzjonijiet għall-EDIS, kif stipulat fl-Artikolu 41a (riassigurazzjoni), l-Artikolu 41d (koassigurazzjoni) jew l-Artikolu 41h (assigurazzjoni sħiħa), humiex issodisfati (Artikolu 41l(1). Dan se jiddetermina aktar, normalment fl-istess perjodu ta' żmien, l-ammont ta' finanzjament li se jipprovdi lill-iSGD parteċipanti (l-Artikolu 41l(2) subparagrafu 2).

Fejn SGD parteċipanti waħda jew iktar jaffaċċjaw diversi eventi ta' żborż jew użi ta' riżoluzzjoni (eventi) simultanjament, il-mezzi finanzjarji disponibbli tal-Fond ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti jistgħu ma jkunux biżżejjed. F'dan il-każ il-finanzjament li kull SGD parteċipanti tista' takkwista għal kull event ikun limitat minn sehem tal-mezzi finanzjarji disponibbli tal-Fond ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti, skont kalkolazzjoni *pro-rata* (l-Artikolu 41l(3).

Il-Bord għandu jinforma immedjatament lill-iSGD parteċipanti dwar jekk il-kundizzjonijiet għal kopertura mill-EDIS humiex issodisfati, u l-ammont ta' finanzjament li se jipprovdi lill-iSGD parteċipanti. L-iSGD parteċipanti jistgħu, fi żmien 24 siegħa, jitolbu għal rieżami tad-deċiżjoni(jiet) tal-Bord li dwaru l-Bord għandu jiddeċiedi fi żmien 24 siegħa oħra (l-Artikolu 41m).

Il-finanzjament se jiġi previst immedjatament wara li l-Bord iddetermina l-ammont u se jitħallas fil-forma ta' kontribuzzjoni fi flus lill-iSGD parteċipanti (l-Artikolu 41n). Fejn il-Bord iżid l-ammont ta' finanzjament wara li jkun irreveda d-deċiżjoni inizjali tiegħu wara talba mill-iSGD parteċipanti, dak l-ammont ikun dovut ladarba l-Bord adotta d-deċiżjoni tiegħu fuq talba għal rieżami.

*5.4.2. Proċedura wara l-finanzjament*

Wara l-għoti ta' finanzjament, il-Bord għandu jiddetermina t-telf eċċessiv (riassigurazzjoni) jew it-telf (koassigurazzjoni, assigurazzjoni sħiħa) tal-iSGD parteċipanti, jagħmel monitoraġġ tal-użu tal-finanzjament ipprovdut għal żborżi lid-depożitanti jew għal kontribuzzjoni ta' riżoluzzjoni, u jissorvelja l-isforzi tal-iSGD parteċipanti biex tiġbor il-pretensjonijiet ta' depożitu mill-proprjetà tal-insolvenza.

Wara event ta' żborż, l-ammont ta' telf (eċċessiv) isir iktar evidenti maż-żmien, hekk kif l-iSGD parteċipanti tkun qiegħda tiġbor kontribuzzjonijiet *ex-post* u tikseb ir-rikavat mill-proprjetà tal-insolvenza minn żmien għal żmien. F'każ ta' kontribuzzjoni għal riżoluzzjoni, fejn l-ebda kontribuzzjonijiet *ex-post* ma jistgħu jinġabru mill-iSGD parteċipanti u ma għandha ebda pretensjoni għal rikors kontra partijiet terzi, it-telf (eċċessiv) jista' jiġi determinat diġà wara li l-iSGD parteċipanti tkun irċeviet il-ħlas ta' kwalunkwe differenza li tista' tkun intitolata għaliha wara li valwazzjoni sussegwenti tkun stabbiliet li l-kontribuzzjoni inizjali kellha tkun inqas. Għaldaqstant, wara event ta' żborż biss, il-Bord għandu kontinwament jivvaluta l-iżvilupp tat-telf (eċċessiv) qabel ma jiddetermina t-telf (eċċessiv) finali. B'mod parallel, l-iSGD parteċipanti għandha tħallas lura lill-Bord il-finanzjament li

kisbet f'porzjonijiet li jikkorrispondu għall-kontribuzzjonijiet *ex-post* jew ir-rikavat mill-proprjetà tal-insolvenza hekk kif isiru disponibbli għall-iSGD parteċipanti (l-Artikolu 41o).

Id-differenza bejn il-finanzjament inizjali li tikseb l-iSGD parteċipanti mill-Fond ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti u l-ammont ta' finanzjament li finalment għandha tħallas lura lill-Bord tirriżulta fit-telf (eċċessiv) kopert mill-EDIS.

Wara event ta' żborż, il-Bord jissorvelja b'mod rigoruż ukoll il-proċedura ta' żborż, u b'mod partikolari l-użu tal-finanzjament li pprovda lill-iSGD parteċipanti għal dak l-għan, u kif l-iSGD parteċipanti segwiet il-pretensjonijiet ta' depożitu fil-proċedura ta' insolvenza. L-iSGD parteċipanti hija mitluba li tipprovdi, f'intervalli regolari stabbiliti mill-Bord, informazzjoni preċiża, affidabbli u kompluta, b'mod partikolari dwar il-proċedura ta' żborż u fuq l-eżerċitar tad-drittijiet issurrogati tagħha fil-proċedimenti ta' insolvenza. L-iSGD parteċipanti għandha tistinka biex timmassimizza r-rikavat tagħha mill-proprjetà tal-insolvenza. Imġiba negliġenti mill-iSGD parteċipanti tista' tirriżulta fi pretensjonijiet għad-danni mill-Bord, iżda l-Bord jista', wara li jisma' lill-iSGD parteċipanti, anki jiddeċiedi li jeżerċita d-drittijiet kollha li jirriżultaw minn pretensjonijiet ta' depożitu li fihom issurrogat l-SGD parteċipanti. Il-Bord imbagħad jista' jiġbor ir-rikavat direttament mill-kont tiegħu stess biex jissodisfa t-talba għal ħlas mill-ġdid tal-finanzjament provdut lill-iSGD parteċipanti (l-Artikolu 41q)

### 5.5. Dispożizzjonijiet finanzjarji għall-EDIS

Il-funzjonament tal-EDIS jeħtieġ riżorsi finanzjarji biex ikopri l-infiq amministrattiv u jipprovdi l-kopertura neċessarja (finanzjament u kopertura ta' telf) għall-iSGD parteċipanti.

#### *5.5.1. Dispożizzjonijiet ġenerali baġitarji u kontribuzzjonijiet amministrattivi*

Attwalment il-baġit għandu żewġ partijiet: Il-Parti I għall-amministrazzjoni tal-Bord u l-Parti II għall-SRF.

L-infiq amministrattiv tal-EDIS se jkun kopert minn kontribuzzjonijiet amministrattivi eżistenti li jinġabru fil-Parti I tal-baġit tal-Bord, filwaqt li jitqies il-piż amministrattiv addizzjonali kkawżat mill-EDIS u l-fatt li l-kamp ta' applikazzjoni *ratione personae* tal-SRM u tal-EDIS mhumiex l-istess (l-Artikolu 65(5)).

Il-Fond ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti se jkun inkluż fil-Parti III tal-baġit tal-Bord. L-istruttura tiegħu ta' dħul u nfiq (l-Artikolu 60a) tikkorrispondi ma' dik tal-Parti II għall-SRF (l-Artikolu 60) u hija spjegata iktar fit-Taqsima 5.5.2 iktar 'l isfel.

Id-dispożizzjonijiet ġenerali baġitarji (l-Artikoli 57, 58, 61 sa 64, u 66) japplikaw ukoll għal Parti III tal-baġit.

Il-Bord ikun responsabbli mill-amministrazzjoni kemm tal-SRF kif ukoll tal-Fond ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti u se jinvesti l-fondi tagħhom skont ir-regoli tar-Regolament tal-SRM u l-atti delegati adottati mill-Kummissjoni (l-Artikolu 75).

#### *5.5.2. Kontribuzzjonijiet ex-ante lill-Fond ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti*

Il-Fond ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti jimtela minn kontribuzzjonijiet *ex-ante* dovuti u mħallsa minn banek direttament lill-Bord u kkalkolati u fatturati mill-iSGD parteċipanti f'isem il-Bord (l-Artikolu 74a(1)). Dawn il-kontribuzzjonijiet *ex-ante* huma obbligu separat mill-obbligu li jitħallsu l-kontribuzzjonijiet *ex-ante* lill-iSGD parteċipanti f'konformità mal-Artikolu 10(1), subparagrafu 2, tad-Direttiva SGD. Madankollu, sabiex tinkiseb in-newtralità f'termini ta' kostijiet għas-settur bankarju, il-kontribuzzjonijiet *ex-ante* mħallsa lill-Fond ta'

Assigurazzjoni tad-Depożiti jistgħu jiġu kkumpensati fil-livell tal-iSGD parteċipanti (ara aktar 'l isfel, it-Taqsima 5.5.2.2)[8].

5.5.2.1. Il-livelli fil-mira tal-Fond ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti

Il-mezzi finanzjarji disponibbli tal-Fond ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti jridu jilħqu żewġ livelli fil-mira sussegwenti (l-Artikolu 74b(1) u (2): (a) livell fil-mira inizjali ta' 20 % ta' erbgħa minn kull disgħa tas-somma tal-livelli minimi nazzjonali fil-mira kollha sa tmiem il-fażi ta' riassigurazzjoni ta' tliet snin u (b) livell finali fil-mira li jkun indaqs għas-somma tal-livelli minimi fil-mira li l-iSGD parteċipanti jridu jilħqu skont id-Direttiva sa tmiem tal-perjodu ta' koassigurazzjoni ta' erba' snin. Il-livelli minimi fil-mira jkunu armonizzati kompletament għall-iSGD parteċipanti kollha. Flimkien, il-livelli minimi fil-mira tal-Fond ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti u l-iSGD parteċipanti jiżdiedu b'mod lineari, b'wieħed minn kull disgħa kull sena fil-perjodu sal-2024.

Il-kontribuzzjonijiet *ex-ante* li għandhom jitħallsu mill-banek jitqassmu maż-żmien b'mod kemm jista' jkun uniformi sakemm il-livell fil-mira inizjali jew finali jintlaħaq. Wara l-perjodu ta' riassigurazzjoni, jekk il-mezzi finanzjarji disponibbli ntużaw sabiex jipprovdu finanzjament jew ikopru telf u niżlu taħt il-livell fil-mira inizjali, dawn għandhom jittellgħu sakemm il-livell fil-mira jerġa' jintlaħaq.

Kull sena, il-kontribuzzjonijiet *ex-ante* dovuti u li għandhom jitħallsu minn kull bank lill-Bord huma determinati f'żewġ passi: (a) il-Bord jiddetermina l-ammont totali ta' kontribuzzjonijiet *ex-ante* li jista' jitlob mill-banek membri ta' kull SGD parteċipanti (l-Artikolu 74d(1)). (b) Kull SGD parteċipanti mbagħad, abbażi tal-ammont totali rilevanti determinat mill-Bord, tikkalkola l-kontribuzzjoni dovuta u li għandha titħallas minn kull bank membru tagħha (l-Artikolu 74d(2)) u tiffattura dan l-ammont f'isem il-Bord.

Waqt il-fażi ta' riassigurazzjoni, il-kontribuzzjoni *ex-ante* bbażata fuq ir-riskju ta' kull bank membru li għandha titħallas lill-Fond ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti tiġi kkalkolata mill-SGD parteċipanti fir-rigward tal-banek membri kollha tagħha. Wara l-fażi ta' riassigurazzjoni, il-kontribuzzjonijiet *ex-ante* bbażati fuq ir-riskju ta' kull bank jiġu kkalkolati fir-rigward tal-banek kollha fil-kamp ta' applikazzjoni tal-EDIS. Dan isir mill-Bord, bl-għajnuna tal-iSGD parteċipanti, u abbażi ta' sett ta' metodi bbażati fuq ir-riskju stabbiliti minn att delegat tal-Kummissjoni.

Il-kontribuzzjoni *ex-ante* fatturata mill-iSGD parteċipanti f'isem il-Bord trid titħallas mill-bank direttament lill-Bord, li jikkredita l-ammont lill-Fond ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti (u bħala introjtu fil-Parti III tal-baġit tiegħu).

5.5.2.2. Kumpens fil-livell tal-iSGD parteċipanti

Din il-proposta tippermetti l-Istati Membri parteċipanti sabiex jilħqu n-newtralità f'termini ta' kostijiet għall-banek membri tal-iSGD parteċipanti tagħhom. Jistgħu jiddeċiedu li l-ħolqien ta' obbligu separat mill-banek biex iħallsu kontribuzzjonijiet *ex-ante* lill-Fond ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti jiġġustifika kumpens fil-livell tal-iSGD parteċipanti. Fit-teħid ta' din id-deċiżjoni, l-Istati Membri jeħtieġ iqisu b'mod dovut il-prinċipju tal-proporzjonalità u jikkunsidraw jekk il-livell ta' protezzjoni tad-depożitu li qiegħed jinħoloq mill-istabbiliment li qiegħed jevolvi tal-EDIS jiġġustifikax tnaqqis fir-riżorsi finanzjarji għall-protezzjoni tad-depożiti fil-livell tal-iSGD parteċipanti.

---

8 Graff li tqabbel l-evoluzzjoni tal-fondi tal-EDIS mal-evoluzzjoni tal-fondi ta' SGD parteċipanti, f'każ li l-Istat Membru u l-iSGD parteċipanti jagħżlu li jikkumpensaw lill-banek membri għall-kontribuzzjonijiet *ex-ante* mħallsa lill-EDIS, tinsab fuq is-sit web tal-Kummissjoni: http://ec.europa.eu/finance/general-policy/banking-union/european-deposit-insurance-scheme/index_en.htm

In-newtralità f'termini ta' spejjeż hija prevista fl-Artikolu 74c(4): (a) Il-kontribuzzjonijiet *ex-ante* li l-banek iħallsu lill-Fond ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti jgħoddu fir-rigward tal-livell fil-mira li l-iSGD parteċipanti teħtieġ tilħaq skont id-Direttiva; (b) jekk, sa tmiem il-fażi ta' żvilupp (it-3 ta' Lulju 2024 jew wara), SGD tkun ikkonformat mal-perkors preċiż ta' finanzjament (l-Artikolu 41j) u l-banek membri tagħha jkunu ħallsu l-kontribuzzjonijiet kollha li kienu dovuti lid-DIF, dawn il-kontribuzzjonijiet jikkostitwixxu l-ammont ta' kontribuzzjonijiet neċessarji sabiex jintlaħaq il-livell nazzjonali fil-mira ta' 0,8 %; u (c) l-Istati Membri parteċipanti jistgħu jħallu lill-iSGD tagħhom biex iqisu l-kontribuzzjonijiet li l-banek membri tagħhom ħallsu lill-EDIS meta jikkalkolaw il-livell ta' kontribuzzjonijiet u/jew jirrimborżaw lill-banek membri tagħhom mill-mezzi finanzjarji disponibbli tagħhom sa fejn dawn jeċċedu l-ammonti stipulati fil-perkors preċiż ta' finanzjament.

Skont il-livell ta' mezzi finanzjarji disponibbli li l-iSGD parteċipanti ġabret diġà, tista' jew tikkumpensa lill-banek membri tagħha permezz ta' kontribuzzjonijiet iktar baxxi jew permezz ta' kontribuzzjonijiet ta' rimborż li diġà rċeviet mill-banek membri tagħha.

*5.5.3. Kontribuzzjonijiet straordinarji ex post*

Sa mill-bidu tal-fażi ta' koassigurazzjoni, il-Bord jista' anki jitlob ħlas ta' kontribuzzjonijiet *ex-ante* straordinarji mill-banek affiljati ma' SGD parteċipanti meta l-mezzi disponibbli tal-Fond ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti ma jkunux biżżejjed għall-finanzjament u l-kopertura tat-telf. L-iSGD nazzjonali jibqgħu responsabbli għall-ġbir ta' kontribuzzjonijiet *ex-ante* mis-settur bankarju nazzjonali sabiex jirrifornu s-sistema nazzjonali tagħhom wara event ta' żborż jew kontribuzzjoni ta' riżoluzzjoni.

Kontribuzzjonijiet *ex-post* huma koperti u mħallsa mill-banek direttament lill-Bord u, waqt il-perjodu ta' koassigurazzjoni, ikkalkolati u fatturati mill-iSGD parteċipanti rispettiva f'isem il-Bord. Il-Bord jiddetermina l-ammont totali ta' kontribuzzjonijiet *ex-post* li jista' jitlob mill-banek membri ta' kull SGD parteċipanti fil-limiti stabbiliti minn att delegat tal-Kummissjoni. L-iSGD parteċipanti jikkalkolaw il-kontribuzzjoni *ex-post* dovuta minn kull bank membru tagħhom abbażi tal-ammont totali determinat mill-Bord, billi japplikaw l-istess metodu fuq bażi ta' riskju li japplika sabiex jikkalkola l-kontribuzzjoni *ex-ante* skont l-Artikolu 10(1) tad-Direttiva.

Wara l-fażi ta' koassigurazzjoni, il-kontribuzzjoni *ex-post* dovuta minn kull bank hija kkalkolata mill-Bord abbażi tal-metodi fuq bażi ta' riskju stabbiliti mill-att delegat tal-Kummissjoni li huwa applikat ukoll sabiex jikkalkola l-kontribuzzjonijiet *ex-ante* wara l-fażi ta' koassigurazzjoni. L-iSGD parteċipanti jiffatturaw il-kontribuzzjoni *ex-ante* f'isem il-Bord.

Kemm fil-fażijiet ta' koassigurazzjoni u assigurazzjoni sħiħa, il-Bord jista', fuq inizjattiva tiegħu jew fuq proposta mill-awtorità kompetenti rilevanti, jiddiferixxi l-ħlas tal-kontribuzzjoni *ex-post* minn bank individwali bis-sħiħ jew b'mod parzjali. Id-diferiment għandu jkun neċessarju sabiex iħares il-pożizzjoni finanzjarja tal-bank, ma jistax ikun iktar minn sitt xhur, imma jista' jiġġedded fuq talba tal-bank.

Att delegat tal-Kummissjoni se jistipula l-ammonti massimi li jistgħu jinġabru *ex-post* mill-EDIS, filwaqt li jqis l-kontribuzzjonijiet nazzjonali *ex-post.*

*5.5.4. Sorsi finanzjarji addizzjonali għall-Fond tal-Assigurazzjoni tad-Depożiti*

Barra mill-ġbir ta' kontribuzzjonijiet *ex-ante* u *ex-post*, il-Bord jista' jikkuntratta sorsi finanzjarji addizzjonali għall-Fond ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti. Bis-sostituzzjoni gradwali tal-finanzjament fil-livell tal-iSGD parteċipanti, jista' jitlob self mill-iskemi ta' garanzija tad-depożiti rikonoxxuti fi Stati Membri mhux parteċipanti li jistgħu jieħdu deċiżjoni fuq talba bħal din f'konformità mal-Artikolu 12 tad-Direttiva (l-Artikolu 74g). Biex tinkiseb ir-

reċiproċità, il-Bord jista', min-naħa tiegħu, jiddeċiedi wkoll li jagħti self lil skemi ta' garanzija tad-depożiti fi Stati Membri mhux parteċipanti.

Il-Bord jista' jikkuntratta mezzi alternattivi ta' finanzjament minn partijiet terzi għall-Fond ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti b'mod partikolari jekk il-fondi li l-Bord jista' jiġbor permezz ta' kontribuzzjonijiet *ex-ante* u kontribuzzjonijiet *ex-post* mhumiex (immedjatament) disponibbli (l-Artikolu 74h). Mezzi ta' finanzjament li jistgħu jitħallsu lura se jiġu rkuprati billi jinġabru kontribuzzjonijiet *ex-post* u *ex-ante* waqt il-perjodu ta' maturità.

*5.5.5. EDIS - Teħid ta' deċiżjonijiet*

L-EDIS tkun amministrata mill-Bord, kemm fis-sessjonijiet eżekuttivi kif ukoll plenarji. Is-sessjoni eżekuttiva tkun magħmula mill-istess membri għal deċiżjonijiet u kompiti relatati kemm mal-EDIS kif ukoll mal-SRM. Il-kompiti speċjali tal-EDIS jeħtieġu kompożizzjoni speċjali tas-sessjoni plenarja għal deċiżjonijiet li jirrigwardaw l-EDIS biss. Membri li jirrappreżentaw l-awtoritajiet nazzjonali ta' riżoluzzjoni fis-sessjoni plenarja jiġu sostitwiti minn membri li jirrappreżentaw l-awtoritajiet maħtura nazzjonali.

Is-sessjoni plenarja jkollha kompiti speċifiċi attribwiti lilha.

Billi xi deċiżjonijiet tal-Bord huma rilevanti għall-Bord kollu kemm hu jew kemm għall-SRM kif ukoll għall-EDIS, dawn jittieħdu f'sessjoni plenarja konġunta ġdida b'rappreżentanti u proċedimenti ta' votazzjoni speċifiċi.

Id-deċiżjonijiet kollha l-oħra dwar l-EDIS jiġu adottati fis-sessjoni eżekuttiva tal-Bord.

## 5.6. Regoli oħrajn

Dispożizzjonijiet dwar suġġetti speċifiċi li japplikaw għall-SRM japplikaw ukoll għall-Bord meta jeżerċita l-funzjonijiet tiegħu fl-EDIS: privileġġi u immunitajiet, arranġamenti lingwistiċi, persunal u skambju ta' persunal, kumitati interni, bord tal-appelli, azzjonijiet quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, ir-responsabbiltà tal-Bord, segretezza professjonali u skambju ta' informazzjoni, protezzjoni tad-dejta, aċċess għal dokumenti, regoli tas-sigurtà dwar informazzjoni sensittiva jew klassifikata, il-Qorti tal-Awdituri.

L-emendi li jintroduċu l-EDIS jiġu applikati mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament emendatorju.

**Proposta għal**

# REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**li jemenda r-Regolament (UE) 806/2014 sabiex tiġi stabbilita Skema Ewropea ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew[9],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[10],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) Tul l-aħħar snin, l-Unjoni għamlet progress fil-ħolqien ta' suq intern għas-servizzi bankarji. Suq intern integrat aħjar għas-servizzi bankarji sabiex fl-Unjoni jitrawwem it-tkabbir ekonomiku, sabiex titħares l-istabbiltà tas-sistema bankarja u sabiex jiġu protetti d-depożitanti.

(2) Fit-18 ta' Ottubru 2012, il-Kunsill Ewropew ikkonkluda li "Fid-dawl tal-isfidi fundamentali li qiegħda tiffaċċja, jeħtieġ li l-Unjoni Ekonomika u Monetarja (UEM) tissaħħaħ biex jiġi żgurat il-ġid ekonomiku u soċjali kif ukoll l-istabbiltà u l-prosperità sostnuta" u li "Il-proċess lejn unjoni ekonomika u monetarja iktar profonda għandu jibni fuq il-qafas istituzzjonali u legali tal-Unjoni u għandu jkun karatterizzat minn attitudni miftuħa u trasparenti lejn Stati Membri li l-munita tagħhom mhijiex l-euro u minn rispett għall-integrità tas-suq intern". Għal dak il-għan, twaqqfet l-Unjoni Bankarja, mirfuda minn ġabra unika ta' regoli komprensivi u dettaljati għas-servizzi finanzjarji għas-suq intern fit-totalità tiegħu. Il-proċess lejn it-twaqqif tal-Unjoni Bankarja kien ikkaratterizzat minn attitudni miftuħa u trasparenti fil-konfront tal-Istati Membri mhux parteċipanti u mir-rispett tal-integrità tas-suq intern.

(3) Il-Parlament Ewropew, fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-20 ta' Novembru 2012 "Lejn Unjoni Ekonomika u Monetarja Ġenwina", sostna li huwa essenzjali għall-funzjonament tajjeb tal-UEM li jinkiser iċ-ċirku vizzjuż negattiv bejn l-emittenti sovrani, il-banek u l-ekonomija reali, enfasizza li l-bżonn urġenti ta' miżuri addizzjonali ta' portata wiesgħa sabiex il-kriżi fis-settur bankarju tiġi solvuta u għall-ksib ta' Unjoni Bankarja totalment operattiva filwaqt li jiżgura l-funzjonament korrett kontinwu tas-suq intern għas-servizzi finanzjarji u l-moviment liberu tal-kapital.

(4) Filwaqt li saru passi importanti ħafna lejn l-iżgurar tal-funzjonament effiċjenti tal-Unjoni Bankarja, bil-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku (l-"MSU") stabbilit bir-

[9] ĠU C , , p. .
[10] ĠU C , , p. .

Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013[11] li jiżgura li l-politika tal-Unjoni relatata mas-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet tal-kreditu fl-Istati Membri taż-żona tal-euro u dawk l-Istati Membri li mhumiex fiż-żona tal-euro li jagħżlu li jipparteċipaw fl-MSU (l-"Istati Membri parteċipanti"), tiġi implimentata b'mod koerenti u effikaċi u bil-Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni (l-"SRM") stabbilit bir-Regolament (UE) Nru 806/2014 li jiżgura qafas konsistenti għar-riżoluzzjoni tal-banek li qegħdin ifallu jew li x'aktarx se jfallu fl-Istati Membru parteċipanti, għad hemm bżonn iktar passi biex titlesta l-Unjoni Bankarja.

(5) F'Ġunju 2015, ir-Rapport tal-Ħames Presidenti dwar It-Tlestija tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja tal-Ewropa indika li sistema bankarja waħda tista' verament tkun waħda jekk il-fiduċja fis-sikurezza tad-depożiti tal-bank tkun l-istess irrispettivament mill-Istat Membru minn fejn jopera l-bank. Dan jeħtieġ superviżjoni bankarja waħda, riżoluzzjoni bankarja waħda u assigurazzjoni tad-depożiti unika. Għaldaqstant ir-rapport tal-Ħames Presidenti ppropona t-tlestija tal-Unjoni Bankarja billi tiġi stabbilita Skema Ewropea ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti (EDIS), it-tielet pilastru ta' Unjoni Bankarja żviluppata bis-sħiħ flimkien ma' superviżjoni u riżoluzzjoni bankarja. Passi konkreti f'dik id-direzzjoni diġà għandhom jittieħdu bħala prijorità, b'sistema ta' riassigurazzjoni fil-livell Ewropew għall-iskemi ta' garanzija tad-depożiti nazzjonali bħala l-ewwel pass lejn approċċ mutwalizzat b'mod sħiħ. Il-kamp ta' applikazzjoni ta' din is-sistema ta' riassigurazzjoni għandu jikkoinċidi ma' dak tal-MSU.

(6) Il-kriżi riċenti wriet li l-funzjonament tas-suq intern jista' jkun mhedded u li hemm riskju li dejjem qiegħed jiżdied ta' frammentazzjoni finanzjarja. Il-falliment ta' bank li huwa relattivament kbir meta mqabbel mas-settur bankarju nazzjonali jew il-falliment parallel ta' parti mis-settur bankarju nazzjonali jista' jpoġġi lill-iSGD f'pożizzjoni vulnerabbli għal xokkijiet kbar lokali, anki bil-mekkaniżmi ta' finanzjament addizzjonali previsti mid-Direttiva 2014/49/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[12]. Din il-vulnerabilità tal-iSGD nazzjonali għal xokkijiet kbar lokali tista' tikkontribwixxi għal rispons avvers bejn il-banek u s-sovrani nazzjonali tagħhom li jdgħajjef l-omoġeneità tal-ħarsien tad-depożiti u jikkontribwixxi għal nuqqas ta' fiduċja fost id-depożitanti u jirriżulta f'instabbiltà tas-suq.

(7) In-nuqqas ta' livell omoġenju ta' ħarsien għad-depożitanti jista' jwassal għal distorsjoni tal-kompetizzjoni u joħloq ostaklu effettiv għal-libertajiet ta' stabbiliment u l-forniment liberu ta' servizzi minn istituzzjonijiet tal-kreditu fis-suq intern. Għaldaqstant skema ta' assigurazzjoni tad-depożiti komuni hija essenzjali għat-tlestija ta' suq intern fis-servizzi finanzjarji.

(8) Għalkemm id-Direttiva 2014/49/UE ttejjeb b'mod sinifikanti l-kapaċità tal-iskemi nazzjonali biex jiġu kkumpensati d-depożitanti, arranġamenti ta' garanzija tad-depożiti iktar effiċjenti huma meħtieġa fil-livell tal-Unjoni Bankarja sabiex jiġu żgurati mezzi finanzjarji suffiċjenti li jirfdu l-fiduċja tad-depożitanti kollha u għaldaqstant titħares l-istabbiltà finanzjarja. L-EDIS iżżid ir-reżiljenza tal-Unjoni Bankarja kontra kriżijiet futuri billi taqsam ir-riskju fuq firxa iktar wiesa' u toffri ħarsien ugwali għad-depożitanti assigurati, billi tappoġġja l-funzjonament xieraq tas-suq intern.

11 Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 tal-15 ta' Ottubru 2013 li jikkonferixxi kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu (ĠU L 287, 29.10.2013, p. 63).

12 Id-Direttiva 2014/49/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar skemi ta' garanzija tad-depożiti (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 149).

(9) Il-fondi użati minn skemi ta' garanzija tad-depożiti biex jitħallsu lura d-depożitanti għal depożiti koperti li ma jkunux disponibbli f'konformità mal-Artikolu 8 tad-Direttiva 2014/49/UE dwar skemi ta' garanzija tad-depożiti ma jikkostitwixxux għajnuna mill-Istat jew għajnuna mill-Fond. Madankollu, fejn dawn il-fondi jintużaw fir-ristrutturar tal-istituzzjonijiet tal-kreditu u jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat jew għajnuna mill-Fond, iridu jkunu konformi mal-Artikolu 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u rispettivament, mal-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 806/2014[13], li għandu jiġi emendat għal dak il-għan.

(10) Minkejja iktar armonizzazzjoni introdotta mid-Direttiva 2014/49/UE, l-iSGD nazzjonali għad għandhom ċerti għażliet u diskrezzjonijiet, inkluż fir-rigward ta' ċerti elementi essenzjali bħal livelli fil-mira, il-fatturi ta' riskju li għandhom jiġu applikati fil-valutazzjoni tal-kontribuzzjonijiet tal-istituzzjonijiet tal-kreditu, perjodi ta' rimborż jew l-użu tal-fondi. Dawn id-differenzi bejn ir-regoli nazzjonali jistgħu jostakolaw l-forniment liberu ta' servizzi u joħolqu distorsjoni fil-kompetizzjoni. F'settur bankarju integrat ħafna, uniformità tar-regoli u l-approċċi hija meħtieġa sabiex tiżgura livell robust konsistenti ta' protezzjoni tad-depożitanti madwar l-Unjoni u għaldaqstant tiggarantixxi l-objettiv tal-istabbilità finanzjarja.

(11) L-istabbiliment ta' EDIS, b'setgħat ta' teħid tad-deċiżjonijiet, il-monitoraġġ u l-infurzar ċentralizzat u fdat lill-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni u Garanzija tad-Depożiti ("il-Bord"), se jkun essenzjali fil-kisba tal-għan ta' qafas armonizzat ta' garanzija tad-depożiti. L-applikazzjoni uniformi tar-rekwiżiti ta' garanzija tad-depożiti fl-Istati Membri parteċipanti se tissaħħaħ bħala konsegwenza tal-fatt li hija fdata lill-awtorità ċentrali bħal din. B'dan il-mod, il-ħidma tal-EDIS għandha tiffaċilita, billi tappoġġja u tipprovdi qafas għall-istabbiliment u l-implimentazzjoni sussegwenti ta' regoli uniformi dwar l-arranġamenti ta' garanziji tad-depożiti, il-proċess ta' armonizzazzjoni fil-qasam tas-servizzi finanzjarji.

(12) Barra minn hekk, l-EDIS hija parti mir-regoli tal-UE usa' li jarmonizzaw is-superviżjoni prudenzjali u l-irkupru u r-riżoluzzjoni, li huma aspetti kumplimentarji tas-suq intern għas-servizzi bankarji. Is-superviżjoni tista' tkun biss effettiva u sinifikanti jekk tinħoloq skema ta' assigurazzjoni tad-depożiti li tikkorrispondi għall-iżviluppi fil-qasam tas-superviżjoni. Għaldaqstant l-EDIS hija instrumentali għal proċess usa' ta' armonizzazzjoni u l-objettivi tagħha huma marbutin mill-qrib mal-qafas tal-Unjoni dwar is-superviżjoni prudenzjali u l-irkupru u r-riżoluzzjoni li l-applikazzjoni ċentralizzata tagħhom hija reċiprokament dipendenti. Pereżempju, koordinazzjoni xierqa fil-livell tas-superviżjoni u l-garanzija tad-depożiti hija meħtieġa fil-każijiet fejn il-Bank Ċentrali Ewropew (il-BĊE) jipprevedi l-iritirar ta' awtorizzazzjoni għal istituzzjoni tal-kreditu jew fejn istituzzjoni tal-kreditu ma tkunx konformi mal-obbligu biex tkun membru ta' SGD. Livell għoli simili ta' integrazzjoni huwa meħtieġ bejn l-azzjonijiet ta' riżoluzzjoni u l-kompiti ta' assigurazzjoni tad-depożiti attribwiti lill-Bord.

(13) Dan ir-Regolament japplika biss fir-rigward ta' dawk il-banek li s-superviżur ta' domiċilju tagħhom huwa l-BĊE jew l-awtorità nazzjonali kompetenti fi Stati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro jew fi Stati Membri li l-munita tagħhom mhijiex l-euro li ħolqu kooperazzjoni mill-qrib skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru

---

[13] Ir-Regolament (UE) Nru 806/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2014 li jistabbilixxi regoli uniformi u proċedura uniformi għar-riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet tal-kreditu u ċerti ditti tal-investiment fil-qafas ta' Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni u Fond Uniku għar-Riżoluzzjoni u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 (ĠU L 225, 30.7.2014, p. 1).

1024/2013. Il-kamp ta'applikazzjoni ta' dan ir-Regolament huwa marbut mal-ambitu tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013. Fil-fatt, fid-dawl tal-livell sinifikanti li huma minsuġa bih il-kompiti superviżorji attribwiti lill-MSU u l-azzjonijiet ta' garanzija tad-depożiti, l-istabbiliment ta' sistema ċentralizzata ta' superviżjoni mħaddma skont l-Artikolu 127(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea huwa ta' importanza fundamentali fil-proċess ta' armonizzazzjoni tal-garanzija tad-depożiti fl-Istati Membri parteċipanti. Il-fatt li jkunu soġġetti għas-superviżjoni tal-MSU huwa attribut speċifiku li jpoġġi lill-entitajiet li jaqgħu taħt l-ambitu tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013 f'pożizzjoni distinta b'mod oġġettiv u kkaratterizzata għall-finijiet tal-garanzija tad-depożiti. Huwa meħtieġ li jiġu adottati miżuri biex tinħoloq skema unika ta' assigurazzjoni tad-depożiti għall-Istati Membri kollha parteċipanti fl-MSU sabiex jiġi ffaċilitat il-funzjonament xieraq u stabbli tas-suq intern.

(14) Sabiex ikun żgurat paralleliżmu mal-MSU u l-SRM, l-EDIS għandha tapplika għall-Istati Membri parteċipanti. Il-banek stabbiliti fl-Istati Membri mhux parteċipanti fl-MSU ma għandhomx ikunu soġġetti għall-EDIS. Sakemm is-superviżjoni fi Stat Membru tibqa' barra mill-MSU, dak l-Istat Membru għandu jibqa' responsabbli sabiex ikun żgurat il-ħarsien tad-depożitanti kontra l-konsegwenzi tal-insolvenza ta' istituzzjoni ta' kreditu. Meta l-Istati Membri jingħaqdu mal-MSU, dawn għandhom awtomatikament isiru soġġetti għall-EDIS ukoll. Fl-aħħar mill-aħħar, l-EDIS tista' potenzjalment tiġi estiża għas-suq intern kollu kemm hu.

(15) Biex jiġu garantiti kundizzjonijiet ekwi fis-suq intern kollu, dan ir-Regolament huwa konsistenti mad-Direttiva 2014/49/UE. Dan jikkumplimenta r-regoli u l-prinċipji ta' dik id-Direttiva sabiex jiżgura l-funzjonament tajjeb tal-EDIS u li l-finanzjament xieraq huwa disponibbli għal tal-aħħar. Għaldaqstant il-liġi materjali dwar il-garanzija tad-depożiti li għandha tiġi applikata fil-qafas tal-EDIS se tkun konsistenti ma' dik applikabbli mill-iSGD nazzjonali jew mill-awtoritajiet maħtura tal-Istati Membri mhux parteċipanti, armonizzata permezz tad-Direttiva 2014/49/UE.

(16) Fi swieq finanzjarji integrati, kwalunkwe appoġġ finanzjarju biex jiġu rimborżati d-depożitanti jtejjeb l-istabbiltà finanzjarja mhux biss fl-Istat Membru parteċipanti kkonċernat iżda anki fi Stati Membri oħra, billi jipprevjeni r-riperkussjonijiet tal-kriżijiet tal-banek fi Stati Membri mhux parteċipanti. Il-konferiment ta' kompiti ta' assigurazzjoni tad-depożiti lill-Bord ma għandu bl-ebda mod ixekkel il-funzjonament tas-suq intern għas-servizzi finanzjarji. Għaldaqstant l-Awtorità Bankarja Ewropea (l-EBA) għandha żżomm ir-rwol tagħha u s-setgħat u l-kompiti eżistenti tagħha: għandha tiżviluppa u tikkontribwixxi għall-applikazzjoni konsistenti tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni applikabbli għall-Istati Membri kollha u ttejjeb il-konverġenza ta' prattiki ta' garanzija tad-depożiti madwar l-Unjoni kollha.

(17) L-EDIS għandha tevolvi progressivament minn skema ta' riassigurazzjoni fi skema ta' koassigurazzjoni mutwalizzata bis-sħiħ fuq għadd ta' snin. Fil-kuntest tal-isforzi biex japprofondixxu l-UEM, flimkien mal-ħidma dwar l-istabbiliment ta' arranġamenti ta' finanzjament tranżitorju għall-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRF) u dwar l-iżvilupp ta' garanzija ta' kontinġenza fiskali komuni, dan il-pass huwa meħtieġ biex jitnaqqsu r-rabtiet bejn il-banek u s-sovrani fi Stati Membri individwali permezz ta' passi lejn kondiviżjoni tar-riskji bejn l-Istati Membri kollha fl-Unjoni Bankarja, u b'hekk isaħħu l-Unjoni Bankarja fil-kisba tal-għan ewlieni tagħha. Madankollu, kondiviżjoni tar-riskji bħal din implikata b'passi biex tissaħħaħ l-Unjoni Bankarja għandha tipproċedi b'mod parallel ma' miżuri li jnaqqsu r-riskji maħsuba biex ikissru r-rabta bejn il-banek u s-sovrani b'mod iktar dirett.

(18) L-EDIS għandha tkun stabbilita fi tliet stadji sekwenzjali, l-ewwel skema ta' riassigurazzjoni li tkopri sehem min-nuqqas ta' likwidità u tat-telf eċċessiv tal-iSGD parteċipanti, segwita minn skema ta' koassigurazzjoni li tkopri sehem dejjem jikber gradwalment tan-nuqqas ta' likwidità u t-telf tal-iSGD parteċipanti u eventwalment tirriżulta fi skema ta' assigurazzjoni sħiħa li tkopri l-bżonnijiet kollha ta' likwidità u telf tal-iskemi ta' garanzija tad-depożiti parteċipanti.

(19) Fl-istadju ta' riassigurazzjoni, u sabiex tiġi limitata l-obbligazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti ("il-Fond ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti") u sabiex jitnaqqas ir-riskju ta' periklu morali fil-livell nazzjonali, assistenza mill-Fond ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti tista' tiġi mitluba biss jekk l-iSGD nazzjonali tkun ġabret kontribuzzjonijiet *ex-ante* f'konformità ma' perkors preċiż ta' finanzjament, u jekk l-ewwel nett teżawrixxi dawn il-fondi. Madankollu, sa fejn SGD nazzjonali tkun ġabret fondi iktar minn dak meħtieġ mill-perkors ta' finanzjament, għandha bżonn biss tuża l-fondi li ġabret sabiex tkun konformi mal-perkors ta' finanzjament qabel tkun tista' tirċievi kopertura mill-EDIS. Għaldaqstant, l-iSGD li ġabru iktar fondi milli hemm bżonn sabiex ikunu konformi mal-perkors ta' finanzjament ma għandhomx ikunu f'pożizzjoni agħar minn dawk li ġabru fondi li ma jaqbżux il-livelli stipulati fil-perkors ta' finanzjament.

(20) Peress li l-Fond ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti, fl-istadju ta' riassigurazzjoni, jipprovdi biss sors addizzjonali ta' finanzjament u jdgħajjef biss ir-rabta bejn il-banek u s-sovrani nazzjonali tagħhom, mingħajr iżda ma jiżgura li d-depożitanti kollha fl-Unjoni Bankarja jgawdu minn livell indaqs ta' ħarsien, l-istadju ta' riassigurazzjoni għandu, wara tliet snin, javvanza gradwalment għal skema ta' koassigurazzjoni u finalment għal skema ta' koassigurazzjoni mutwalizzata bis-sħiħ.

(21) Filwaqt li l-istadji ta' riassigurazzjoni u koassigurazzjoni jaqsmu bosta karatteristiċi komuni, filwaqt li jiżguraw evoluzzjoni gradwali bla xkiel, l-iżborżi fl-istadju ta' koassigurazzjoni jinqasmu bejn l-iSGD nazzjonali u l-Fond ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti mill-ewwel euro ta' telf. Il-kontribuzzjoni relattiva tal-Fond ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti tiżdied gradwalment sa mija fil-mija, li tirriżulta fil-mutwalizzazzjoni sħiħa tar-riskju tad-depożitant madwar l-Unjoni Bankarja wara erba' snin.

(22) Għandu jkun hemm salvagwardji fl-EDIS sabiex jiġi llimitat ir-riskju ta' periklu morali u sabiex jiżguraw li l-kopertura tal-EDIS tkun prevista biss meta l-iSGD nazzjonali jaġixxu b'mod prudenti. L-ewwel nett, l-iSGD nazzjonali għandhom ikunu konformi mal-obbligi tagħhom skont dan ir-Regolament, id-Direttiva 2014/49/UE u liġi rilevanti oħra tal-UE, b'mod partikolari l-obbligu tagħhom li jiżviluppaw il-fondi tagħhom f'konformità mal-Artikolu 10 tad-Direttiva 2014/49/UE kif speċifikat ulterjorment f'dan ir-Regolament. Sabiex jibbenefikaw minn kopertura tal-EDIS, l-iSGD parteċipanti jeħtieġ li jiġbru kontribuzzjonijiet *ex-ante* f'konformità mal-perkors preċiż ta' finanzjament. Dan jimplika wkoll li l-possibbiltà ta' tnaqqis fil-livell fil-mira skont l-Artikolu 10(6) tad-Direttiva 2014/49/UE mhuwiex disponibbli iktar jekk l-iSGD trid tibbenefika mill-EDIS. It-tieni nett, f'każ ta' event ta' żborż jew fejn il-fondi tagħha jintużaw f'riżoluzzjoni, SGD nazzjonali għandha ġġarrab is-sehem ġust tagħha. Għaldaqstant għandha tkun mitluba biex tiġbor il-kontribuzzjonijiet *ex-ante* mill-membri tagħha sabiex jirrifornu l-fond tagħhom u biex iħallsu lura lill-EDIS sal-punt li l-finanzjament li tkun irċeviet inizjalment jaqbeż is-sehem tat-telf li għandu jiġġarrab mill-EDIS. It-tielet nett, wara event ta' żborż, l-iSGD nazzjonali għandha timmassimizza r-rikavat mill-proprjetà tal-insolvenza u tħallas lura lill-Bord u l-Bord għandu jkollu biżżejjed setgħat biex

iħares id-drittijiet tiegħu. Ir-raba' nett, il-Bord għandu jkollu s-setgħat biex jirkupra l-finanzjament kollu jew parti minnu f'każ li SGD parteċipanti ma kinitx konformi ma' obbligi ewlenin.

(23) Il-Fond ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti huwa element essenzjali li mingħajru l-istabbiliment progressiv tal-EDIS ma jinkisibx. Sistemi nazzjonali ta' finanzjament differenti ma jipprovdux għal assigurazzjoni omoġenja tad-depożitu madwar l-Unjoni Bankarja. Matul it-tliet stadji, il-Fond ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti għandu jgħin biex jiġi żgurat ir-rwol ta' stabilizzazzjoni tal-iSGD, livell għoli uniformi ta' ħarsien lid-depożitanti kollha f'qafas armonizzat madwar l-Unjoni u l-evitar ta' ħolqien ta' ostakli għall-eżerċitar tal-libertajiet fundamentali jew id-distorsjoni tal-kompetizzjoni fis-suq intern minħabba l-livelli differenti ta' ħarsien fil-livell nazzjonali.

(24) Il-Fond ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti għandu jkun iffinanzjat permezz ta' kontribuzzjonijiet diretti mill-banek. Id-deċiżjonijiet meħudin fl-EDIS, li jeħtieġu l-użu tal-Fond ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti jew skema ta' garanzija tad-depożiti nazzjonali ma għandhomx jaffettwaw ir-responsabbiltajiet fiskali tal-Istati Membri. F'dak ir-rigward, hija biss l-għajnuna finanzjarja pubblika straordinarja li għandha titqies bħala interferenza mas-sovranità baġitarja u mar-responsabbiltajiet fiskali tal-Istati Membri.

(25) Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-modalitajiet għall-użu tal-Fond ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti u l-kriterji ġenerali sabiex ikunu determinati l-iffissar u l-kalkolazzjoni ta' kontribuzzjonijiet *ex-ante* u *ex-post* u jistipula s-setgħat tal-Bord għall-użu u l-ġestjoni tal-Fond ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti.

(26) Il-kontribuzzjonijiet ikunu imposti b'mod dirett fuq il-banek sabiex jiffinanzjaw il-Fond ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti. Il-Bord jiġbor il-kontribuzzjonijiet u jamministra l-Fond ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti, filwaqt li l-iSGD nazzjonali jkomplu jiġbru l-kontribuzzjonijiet nazzjonali u jamministraw il-fondi nazzjonali. Sabiex ikunu żgurati kontribuzzjonijiet ġusti u armonizzati għall-banek parteċipanti u sabiex ikunu pprovduti inċentivi għall-ħidma taħt mudell li jippreżenta inqas riskju, iż-żewġ kontribuzzjonijiet lill-EDIS u lill-iSGD nazzjonali għandhom ikunu kkalkolati abbażi tad-depożiti koperti u fattur ta' aġġustament għar-riskju għal kull bank. Matul il-perjodu ta' riassigurazzjoni, il-fattur ta' aġġustament għar-riskju għandu jikkunsidra l-grad tar-riskju mġarrab minn bank relattiv għall-banek l-oħrajn kollha affiljati mal-istess SGD parteċipanti. Ladarba jintlaħaq l-istadju tal-koassigurazzjoni, il-fattur ta' aġġustament għar-riskju għandu jqis il-grad tar-riskju mġarrab minn bank relattiv għall-banek l-oħra kollha stabbiliti fl-Istati Membri parteċipanti. Dan jiżgura li, b'mod ġenerali, l-EDIS tkun newtrali fejn jidħlu spejjeż għall-banek u l-iSGD nazzjonali u tevita kwalunkwe ridistribuzzjoni tal-kontribuzzjonijiet waqt il-fażi ta' żvilupp tal-Fond ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti.

(27) Bħala prinċipju, il-kontribuzzjonijiet għandhom jinġabru mill-industrija qabel kwalunkwe azzjoni ta' assigurazzjoni tad-depożiti u indipendentement minnha. Meta l-finanzjament minn qabel ma jkunx biżżejjed biex ikopri t-telf jew l-kostijiet imġarrba bl-użu tal-Fond ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti, għandhom jinġabru kontribuzzjonijiet addizzjonali biex ikopru l-kostijiet jew it-telf addizzjonali. Barra minn hekk, il-Fond ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti għandu jkun jista' jikkuntratta teħid ta' self jew forom oħra ta' għajnuna minn istituzzjonijiet tal-kreditu jew partijiet terzi oħra fil-każ li l-kontribuzzjonijiet *ex ante* u *ex post* ma jkunux

immedjatament aċċessibbli jew ma jkoprux l-kostijiet imġarrba bl-użu tal-Fond ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti fir-rigward ta' azzjonijiet ta' assigurazzjoni tad-depożiti.

(28) Sabiex tintlaħaq massa kritika u jiġu evitati effetti proċikliċi li jinħolqu kieku l-Fond ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti kellu jiddependi biss fuq kontribuzzjonijiet *ex post* fi kriżi sistemika, huwa indispensabbli li l-mezzi finanzjarji disponibbli *ex ante* tal-Fond ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti jammontaw mill-inqas għal ċertu livell fil-mira minimu.

(29) Il-livell fil-mira inizjali u finali tal-Fond ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti għandu jkun stabbilit bħala perċentwal tal-livelli fil-mira minimi totali tal-SGD parteċipanti. Għandu jilħaq progressivament 20 % ta' erbgħa minn kull disgħa tal-livelli fil-mira minimi totali sa tmiem il-perjodu ta' riassigurazzjoni u s-somma tal-livelli fil-mira minimi kollha sa tmiem il-perjodu ta' koassigurazzjoni. Il-possibbiltà li ssir applikazzjoni biex ikun awtorizzat livell fil-mira aktar baxx f'konformità mal-Artikolu 10(6) tad-Direttiva 2014/49/UE ma għandhiex tkun ikkunsidrata meta jiġu ffissati l-livelli fil-mira inizjali jew finali tal-Fond ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti. Qafas ta' żmien xieraq għandu jiġi stipulat biex jintlaħaq il-livell fil-mira għall-Fond ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti.

(30) L-iżgurar ta' finanzjament effettiv u suffiċjenti tal-Fond ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti huwa importanti ħafna għall-kredibbiltà tal-EDIS. Il-kapaċità tal-Bord biex jikkuntratta mezzi alternattivi ta' finanzjament għall-Fond ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti għandha tissaħħaħ b'tali mod li tottimizza l-ispejjeż tal-finanzjament u tippreserva l-affidabbiltà kreditizja tal-Fond ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti. Immedjatament wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, għandhom jittieħdu l-passi neċessarji mill-Bord f'kooperazzjoni mal-Istati Membri parteċipanti għall-iżvilupp tal-metodi u modalitajiet xierqa li jippermettu t-tisħiħ tal-kapaċità tas-self tal-Fond ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti li għandha tkun fis-seħħ sad-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

(31) Huwa neċessarju li jiġi żgurat l-Fond ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti jkun disponibbli bis-sħiħ għall-finijiet tal-iżgurar tal-garanzija tad-depożiti. Għaldaqstant, il-Fond ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti għandu jintuża primarjament għall-implimentazzjoni effiċjenti tar-rekwiżiti u tal-azzjonijiet ta' garanzija tad-depożiti. Barra minn hekk, għandu jintuża biss skont l-għanijiet u l-prinċipji tal-garanzija tad-depożiti applikabbli. Taħt ċerti kundizzjonijiet, il-Fond ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti jista' wkoll jipprovdi finanzjament fejn il-mezzi finanzjarji disponibbli ta' SGD jintużaw f'riżoluzzjoni skont l-Artikolu 79 ta' dan ir-Regolament.

(32) Sabiex jiġi protett il-valur tal-ammonti miżmuma fil-Fond ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti, dawn l-ammonti għandhom jiġu investiti f'assi sikuri, diversifikati u likwidi biżżejjed.

(33) Fejn kooperazzjoni mill-qrib ta' Stat Membru parteċipanti li l-munita tiegħu mhijiex l-euro mal-BĊE tiġi terminata skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013, għandha tittieħed deċiżjoni dwar il-qsim ġust tal-kontribuzzjonijiet kumulati tal-Istat Membru parteċipanti kkonċernat filwaqt li jitqiesu l-interessi tal-Istat Membru parteċipanti kkonċernat kif ukoll tal-Fond ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti.

(34) Sabiex ikunu ggarantiti l-awtonomija u l-indipendenza sħiħa tiegħu meta jitwettqu azzjonijiet ta' assigurazzjoni tad-depożiti skont dan ir-Regolament, il-Bord għandu jingħata baġit awtonomu bi dħul minn kontribuzzjonijiet obbligatorji mill-

istituzzjonijiet fl-Istati Membri parteċipanti. Dan ir-Regolament għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-ħila tal-Istati Membri li jimponu tariffi li jkopru l-ispejjeż amministrattivi tal-iSGD nazzjonali jew tal-awtoritajiet maħtura tagħhom.

(35) Meta l-kriterji kollha rigward l-użu tal-Fond ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti jkunu ssodisfati, il-Bord għandu jipprovdi l-finanzjament rilevanti u l-kopertura tat-telf lill-iSGD nazzjonali.

(36) Il-Bord għandu jaħdem f'sessjonijiet konġunti-plenarji, plenarji u eżekuttivi. Il-Bord, fis-sessjoni eżekuttiva tiegħu, għandu jħejji d-deċiżjonijiet kollha dwar il-proċeduri ta' żborż u, kemm jista' jkun possibbli, jadotta dawk id-deċiżjonijiet. Rigward l-użu tal-Fond ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti, huwa importanti li ma jkunx hemm vantaġġi għal min jidħol l-ewwel u li jsir monitoraġġ tal-ħruġ ta' flus mill-Fond ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti. Ladarba l-użu akkumulat nett tal-Fond ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti fit-tnax-il xahar konsekuttivi ta' qabel jilħaq il-limitu ta' 25 % tal-livell fil-mira finali, is-sessjoni plenarja għandha tevalwa l-applikazzjoni tal-azzjonijiet tal-assigurazzjoni tad-depożiti jew il-parteċipazzjonijiet f'azzjonijiet ta' riżoluzzjoni u l-użu tal-Fond ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti, u għandha tipprovdi gwida li s-sessjoni eżekuttiva għandha ssegwi f'deċiżjonijiet sussegwenti. Il-gwida għas-sessjonijiet eżekuttivi għandha, b'mod partikolari, tiffoka fuq l-iżgurar tal-applikazzjoni non-diskriminatorja tal-azzjonijiet tal-assigurazzjoni tad-depożiti jew parteċipazzjoni f'azzjonijiet tar-riżoluzzjoni, dwar miżuri li għandhom jittieħdu sabiex jiġi evitat it-tnaqqis tal-Fond ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti.

(37) L-effiċjenza u l-uniformità tal-azzjoni tal-assigurazzjoni tad-depożiti għandhom jiġu żgurati fl-Istati Membri parteċipanti kollha. Għal dak il-għan, fejn SGD parteċipanti ma applikatx jew ma kinitx konformi ma' deċiżjoni tal-Bord skont dan ir-Regolament jew applikatha b'mod li hija ta' theddida għal kwalunkwe wieħed mill-għanijiet tal-iskema tal-assigurazzjoni tad-depożiti jew għall-implimentazzjoni effiċjenti tal-azzjoni tal-assigurazzjoni tad-depożiti, il-Bord għandu jkollu s-setgħa li jordna kwalunkwe azzjoni neċessarja li tindirizza b'mod sinifikanti t-tħassib jew it-theddida għall-għanijiet tal-EDIS. Kwalunkwe azzjoni minn SGD parteċipanti li żżomm jew taffettwa l-eżerċizzju tas-setgħat jew il-funzjonijiet tal-Bord għandha tiġi eskluża.

(38) Meta jittieħdu deċiżjonijiet jew azzjonijiet, b'mod partikolari fir-rigward ta' entitajiet stabbiliti kemm fl-Istati Membri parteċipanti kif ukoll fi Stati membri mhux parteċipanti, għandu jittieħed kont tal-effetti avversi possibbli fuq dawk l-Istati Membri, bħal theddid għall-istabbiltà finanzjarja tas-swieq finanzjarji tagħhom u fuq l-entitajiet stabbiliti f'dawk l-Istati Membri.

(39) Il-Bord, l-awtoritajiet maħtura, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni, inkluż il-BĊE, u l-awtoritajiet kompetenti għandhom, fejn ikun meħtieġ, jikkonkludu memorandum ta' qbil li jiddeskrivi f'termini ġenerali kif se jikkooperaw ma' xulxin fit-twettiq tal-kompiti rispettivi tagħhom skont id-dritt tal-Unjoni. Il-memorandum għandu jiġi rieżaminat fuq bażi regolari.

(40) L-entitajiet, il-korpi u l-awtoritajiet rilevanti involuti fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom jikkooperaw ma' xulxin skont id-dmir ta' kooperazzjoni sinċiera inkluż fit-Trattati.

(41) Il-Bord u l-awtoritajiet maħtura u l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri mhux parteċipanti għandhom jikkonkludu wkoll memoranda ta' qbil li jiddeskrivu f'termini ġenerali kif se jikkooperaw ma' xulxin fit-twettiq tal-kompiti tagħhom skont id-

Direttiva 2014/49/UE. Il-memoranda ta' qbil jistgħu, fost l-oħrajn, jiċċaraw il-konsultazzjoni rigward id-deċiżjonijiet tal-Bord li jkollhom effett fuq fergħat li jinsabu fl-Istati Membri mhux parteċipanti, meta l-istituzzjoni tal-kreditu tkun stabbilita fi Stat Membru parteċipanti. Il-memoranda għandhom jiġu rieżaminati fuq bażi regolari.

(42) Il-proċedura relatata mal-adozzjoni tad-deċiżjonijiet tal-Bord tirrispetta l-prinċipju tad-delega ta' setgħat lil aġenziji kif interpretat mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

(43) Dan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva d-drittijiet, il-libertajiet u l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta, u b'mod partikolari d-dritt għall-propjetà, il-protezzjoni ta' dejta personali, il-libertà ta' negozju, id-dritt għal rimedju effikaċi u għal smigħ ġust u d-dritt għal difiża, u għandu jiġi implimentat skont dawk id-drittijiet u l-prinċipji.

(44) Ladarba l-objettivi ta' dan ir-Regolament, jiġifieri l-istabbiliment ta' qafas ta' garanzija tad-depożiti iktar effiċjenti u effettiv u li tiġi żgurata l-applikazzjoni konsistenti tar-regoli tal-garanzija tad-depożiti, ma jkunux jistgħu jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, iżda jkunu jistgħu jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu dawk l-għanijiet.

(45) Il-Kummissjoni għandha tirrevedi l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament sabiex tivvaluta l-impatt tiegħu fuq is-suq intern u sabiex tiddetermina jekk hijiex meħtieġa xi modifikazzjoni jew iktar żviluppi sabiex titjieb l-effiċjenza u l-effikaċja tal-EDIS.

(46) Sabiex l-EDIS tiffunzjona b'mod effikaċi minn [...], id-dispożizzjonijiet dwar l-għoti tal-ħlas ta' kontribuzzjonijiet lill-Fond ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti, l-istabbiliment tal-proċedimenti rilevanti kollha u kwalunkwe aspett operattiv u istituzzjonali ieħor għandhom japplikaw minn XX.

(47) Ir-Regolament (UE) Nru 806/2014 għandu jiġi emendat sabiex jinkorpora u jqis rispettivament l-istabbiliment tal-EDIS,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*
*Emendi għar-Regolament (UE) Nru 806/2014*

Ir-Regolament (UE) Nru 806/2014 huwa emendat kif ġej:

1. It-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

   "IR-REGOLAMENT (UE) Nru 806/2014 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL tal-15 ta' Lulju 2014 dwar Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni u Skema Ewropea ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1093/2010";

2. L-Artikolu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 1*
*Suġġett*

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli uniformi u proċedura uniformi għar-riżoluzzjoni tal-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 2 li huma stabbiliti fl-Istati Membri parteċipanti msemmija fl-Artikolu 4.

   Dawn ir-regoli uniformi u dik il-proċedura uniformi għandhom jiġu applikati mill-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni stabbilit skont l-Artikolu 42 ("il-Bord") flimkien mal-Kunsill u l-Kummissjoni u l-awtoritajiet nazzjonali ta' riżoluzzjoni fil-qafas tal-Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRM) stabbilit minn dan ir-Regolament. L-SRM għandu jkun appoġġjat minn Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni (l-"SRF").

   L-użu tal-SRF għandu jkun jiddependi fuq id-dħul fis-seħħ ta' ftehim fost l-Istati Membri parteċipanti ("il-Ftehim") dwar it-trasferiment tal-fondi li jinġabru fil-livell nazzjonali għall-SRF kif ukoll dwar il-fużjoni progressiva tal-fondi differenti li jinġabru fil-livell nazzjonali biex jiġu allokati lill-kompartimenti nazzjonali tal-Fond.

2. Barra minn hekk, dan ir-Regolament jistabbilixxi Skema Ewropea ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti ("EDIS") fi tliet stadji suċċessivi:

   – skema ta' riassigurazzjoni li, sa ċertu punt, tipprovdi l-finanzjament u tkopri sehem mit-telf ta' skemi ta' garanzija tad-depożiti parteċipanti f'konformità mal-Artikolu 41a;

   – skema ta' koassigurazzjoni li, b'mod dejjem iktar gradwali, tipprovdi l-finanzjament u tkopri t-telf ta' skemi ta' garanzija tad-depożiti parteċipanti f'konformità mal-Artikolu 41c;

   – skema ta' assigurazzjoni sħiħa li tipprovdi l-finanzjament u tkopri t-telf ta' skemi ta' garanzija tad-depożiti parteċipanti f'konformità mal-Artikolu 41e.

   L-EDIS għandha tiġi amministrata mill-Bord b'kooperazzjoni mal-iSGD parteċipanti u mal-awtoritajiet maħtura skont il-Parti IIa. L-EDIS għandha tiġi appoġġjata minn Fond ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti ("DIF", Deposit Insurance Fund )."

3. L-Artikolu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 2*

*Kamp ta' Applikazzjoni*

1. Għall-finijiet tal-SRM, dan ir-Regolament japplika għall-entitajiet li ġejjin:

(a) istituzzjonijiet tal-kreditu stabbiliti fi Stat Membru parteċipanti;

(b) impriżi prinċipali, inklużi l-kumpaniji azzjonarji finanzjarji u l-kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħallta, stabbiliti fi Stat Membru parteċipanti, meta jkunu soġġetti għal superviżjoni konsolidata mwettqa mill-BĊE f'konformità mal-Artikolu 4(1)(g) tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013;

(c) ditti tal-investiment u istituzzjonijiet finanzjarji stabbiliti fi Stat Membru parteċipanti, meta jkunu koperti mis-superviżjoni konsolidata tal-impriża prinċipali mwettqa mill-BĊE f'konformità mal-Artikolu 4(1)(g) tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013;

2. Għall-finijiet tal-EDIS dan ir-Regolament japplika għall-entitajiet li ġejjin:

(a) skemi ta' garanzija tad-depożiti parteċipanti kif definiti fil-punt (1) tal-Artikolu 3(1a);

(b) istituzzjonijiet tal-kreditu affiljati ma' skemi ta' garanzija tad-depożiti parteċipanti.

Meta dan ir-Regolament joħloq drittijiet jew obbligi għal SGD parteċipanti amministrata minn awtorità maħtura kif definit fil-punt (18) tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2014/49/UE, id-drittijiet jew l-obbligi jitqiesu bħala dawk tal-awtorità maħtura.";

4. L-Artikolu 3 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, jiżdiedu l-punti li ġejjin (55), (56) u (57):

"(55) 'skemi ta' garanzija tad-depożiti parteċipanti' jew 'SGD parteċipanti' jfissru skemi ta' garanzija tad-depożiti kif definiti fil-punt (1) tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2014/49/UE li huma introdotti u uffiċjalment rikonoxxuti fi Stat Membru parteċipanti;

(56) 'event ta' żborż' tfisser l-okkorrenza ta' depożiti mhux disponibbli kif definiti fil-punt 8 tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2014/49/UE rigward istituzzjoni ta' kreditu affiljata ma' SGD parteċipanti;

(57) 'mezzi finanzjarji disponibbli tad-DIF' tfisser flus, depożiti u assi b'riskju baxx li jistgħu jiġu likwidati fi żmien li ma jaqbiżx dak imsemmi fl-Artikolu 8(1) tad-Direttiva 2014/49/UE.";

(b) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. "Fin-nuqqas ta' definizzjoni rilevanti fil-paragrafi preċedenti, japplikaw id-definizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 2014/49/UE u fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 2014/59/UE.

Fin-nuqqas ta' definizzjoni rilevanti fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 2014/49/UE u fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 2014/59/UE, japplikaw id-definizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 3 tad-Direttiva 2013/36/UE."

5. fl-Artikolu 4, il-paragrafi 2, 3 u 4 huma sostitwiti b'dan li ġej :

“2. “Meta l-kooperazzjoni mill-qrib bejn Stat Membru u l-BĊE tiġi sospiża jew terminata skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013, l-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 2 ta’ dan ir-Regolament li huma stabbiliti jew rikonoxxuti f’dak l-Istat Membri ma jibqgħux koperti minn dan ir-Regolament mid-data tal-applikazzjoni tad-deċiżjoni sabiex tiġi sospiża jew terminata l-kooperazzjoni mill-qrib.

3. F’każ li l-kooperazzjoni mill-qrib mal-BĊE ta’ Stat Membru li l-munita tiegħu mhijiex l-euro tiġi terminata f’konformità mal-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013, il-Bord għandu jiddeċiedi fi żmien tliet xhur wara d-data tal-adozzjoni tad-deċiżjoni dwar it-terminazzjoni ta’ kooperazzjoni mill-qrib, bi ftehim ma’ dak l-Istat Membru, dwar il-modalitajiet u kwalunkwe kundizzjoni applikabbli għal:

(a) l-irkupru ta’ kontribuzzjonijiet li l-Istat Membru kkonċernat ittrasferixxa lill-SRF;

(b) it-trasferiment ta’ kontribuzzjonijiet lil SGD uffiċjalment rikonoxxuti fl-Istat Membru kkonċernat li tħallsu fid-DIF mill-istituzzjonijiet tal-kreditu affiljati ma’ dawk l-iSGD.

Għall-finijiet tal-punt (a) tal-ewwel subparagrafu, l-irkupri jinkludu l-parti tal-kompartiment li tikkorrispondi għall-Istat Membru kkonċernat li mhijiex soġġetta għall-mutwalizzazzjoni. Jekk matul il-perjodu tranżizzjonali, kif stipulat fil-Ftehim, l-irkupri tal-parti mhux mutwalizzata ma jkunux biżżejjed sabiex jippermettu l-finanzjament tal-istabbiliment, min-naħa tal-Istat Membru kkonċernat, tal-arranġament finanzjarju nazzjonali tiegħu f’konformità mad-Direttiva 2014/59/UE, l-irkupri jkunu jinkludu wkoll it-total jew parti tal-parti tal-kompartiment li tikkorrispondi għal dak l-Istat Membru soġġetta għal mutwalizzazzjoni skont il-Ftehim jew inkella, wara l-perjodu ta’ tranżizzjoni, it-total jew parti tal-kontribuzzjonijiet trasferiti mill-Istat Membru kkonċernat waqt il-kooperazzjoni mill-qrib, f’ammont suffiċjenti li jippermetti l-finanzjament ta’ dak l-arranġament finanzjarju nazzjonali.

Fl-evalwazzjoni tal-ammont ta’ mezzi finanzjarji li għandhom jiġu rkuprati mill-parti mutwalizzata jew inkella, wara l-perjodu ta’ tranżizzjoni, mill-Fond, għandu jittieħed kont tal-kriterji addizzjonali li ġejjin:

(a) il-mod kif tkun saret it-terminazzjoni tal-kooperazzjoni mill-qrib mal-BĊE, jekk seħħitx b’mod volontarju, f’konformità mal-Artikolu 7(6) tar-Regolament (UE) Nru1024/2013, jew le;

(b) l-eżistenza ta’ azzjonijiet ta’ riżoluzzjoni li jkunu għaddejjin fid-data tat-terminazzjoni;

(c) iċ-ċiklu ekonomiku tal-Istat Membru kkonċernat mid-data tat-terminazzjoni.

L-irkupri għandhom jitqassmu matul perjodu limitat proporzjonat mat-tul ta’ żmien tal-kooperazzjoni mill-qrib. Is-sehem tal-Istat Membru rilevanti tal-mezzi finanzjarji mill-SRF użati għal azzjonijiet ta’ riżoluzzjoni matul il-perjodu ta’ kooperazzjoni mill-qrib għandu jitnaqqas minn dawk l-irkupri.

Għall-finijiet tal-punt (b) tal-ewwel subparagrafu, l-ammont trasferit lil kull SGD uffiċjalment rikonoxxuta fl-Istat Membru kkonċernat ikun daqs il-mezzi finanzjarji disponibbli tad-DIF immultiplikat bil-proporzjon ta’ (a) għal (b):

(a) l-ammont tal-kontribuzzjonijiet *ex ante* kollha mħallsa lid-DIF minn istituzzjonijiet tal-kreditu affiljati mal-iSGD kkonċernata;

(b) l-ammont tal-kontribuzzjonijiet *ex-ante* kollha mħallsa lid-DIF.

L-ammont trasferit ma jaqbiżx l-ammont li huwa neċessarju għal mezzi finanzjarji disponibbli tal-iSGD kkonċernata biex tilħaq żewġ terzi tal-livell fil-mira tagħha kif definit fl-Artikolu 10(2) l-ewwel subparagrafu tad-Direttiva 2014/49/UE.

4. Dan ir-Regolament ikompli japplika għall-proċedimenti ta' riżoluzzjoni u assigurazzjoni tad-depożiti li jkunu għadhom għaddejjin fid-data tal-applikazzjoni ta' deċiżjoni kif imsemmija fil-paragrafu 2.";

6. fl-Artikolu 5(2), l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Il-Bord, il-Kunsill u l-Kummissjoni, u meta rilevanti, l-awtoritajiet nazzjonali ta' riżoluzzjoni, u l-iSGD parteċipanti, għandhom jieħdu deċiżjonijiet soġġetti għall-liġi rilevanti tal-Unjoni u f'konformità magħha, u b'mod partikolari kwalunkwe att leġiżlattiv u mhux leġiżlattiv, inklużi dawk imsemmija fl-Artikoli 290 u 291 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.";

7. L-Artikolu 6 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafi 1 u 2 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"1. L-ebda azzjoni, proposta jew politika tal-Bord, tal-Kunsill, tal-Kummissjoni jew tal-awtorità nazzjonali ta' riżoluzzjoni jew SGD parteċipanti ma għandha tiddiskrimina kontra entitajiet, detenturi ta' depożiti, investituri jew kredituri oħra stabbiliti fl-Unjoni minħabba n-nazzjonalità jew il-post tal-operat tagħhom.

2. Kull azzjoni, proposta jew politika tal-Bord, tal-Kunsill, tal-Kummissjoni, tal-awtorità nazzjonali ta' riżoluzzjoni jew SGD parteċipanti fil-qafas tal-SRM jew tal-EDIS għandha tittieħed b'kunsiderazzjoni sħiħa u fi dmir ta' diliġenza għall-unità u għall-integrità tas-suq intern.";

(b) il-paragrafu 7 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"7. Meta l-Bord jieħu deċiżjoni li hija indirizzata lil awtorità nazzjonali ta' riżoluzzjoni jew SGD parteċipanti, l-awtorità nazzjonali ta' riżoluzzjoni jew SGD parteċipanti għandu jkollha d-dritt tispeċifika ulterjorment il-miżuri li għandhom jittieħdu. Tali speċifikazzjonijiet ikunu konformi mad-deċiżjoni tal-Bord inkwistjoni.";

8. it-titolu tal-Parti II huwa sostitwit b'dan li ġej: "Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni";

9. L-Artikolu 19 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 3, l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Sa fejn l-azzjoni ta' riżoluzzjoni kif proposta mill-Bord tinvolvi l-użu tal-Fondi (SRF jew DIF), il-Bord għandu jinnotifika lill-Kummissjoni dwar l-użu tal-Fondi kif propost. In-notifika tal-Bord għandha tinkludi l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex il-Kummissjoni tkun tista' twettaq il-valutazzjonijiet tagħha skont dan il-paragrafu.";

(b) fil-paragrafu 3, fit-tielet, fil-ħames u fis-seba' paragrafu, il-kelma "Fond" hija sostitwita b'"Fondi", filwaqt li jsiru l-bidliet fil-grammatika kif meħtieġ;

(c) fil-paragrafu 5, l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Il-Bord għandu jħallas lill-Fond rispettiv (SRF jew DIF) kwalunkwe ammont riċevut skont l-ewwel subparagrafu u għandu jikkunsidra tali ammonti meta jistabbilixxi l-kontribuzzjonijiet f'konformità mal-Artikoli 70 u 71, u 74c u 74d.";

(d) fil-paragrafi 7 u 10, il-kelma "Fond" hija sostitwita bil-kelma "Fondi", filwaqt li jsiru l-bidliet fil-grammatika kif meħtieġ;

10. Il-Parti IIa tiddaħħal kif ġej:

# "PARTI IIa SKEMA EWROPEA TA' ASSIGURAZZJONI TAD-DEPOŻITI (EDIS)

## TITOLU I: STADJI TAL-EDIS

## Kapitolu 1

## Riassigurazzjoni

*Artikolu 41a*
*Finanzjament parzjali u kopertura ta' telf eċċessiv*

1. Mid-data tal-applikazzjoni stabbilità fl-Artikolu 99(5a), l-iSGD parteċipanti huma riassigurati mill-EDIS f'konformità ma' dan il-Kapitolu għal perjodu ta' tliet snin ("il-perjodu ta' riassigurazzjoni").
2. F'każ li SGD parteċipanti taffaċċja event ta' żborż jew tintuża f'riżoluzzjoni skont l-Artikolu 79 ta' dan ir-Regolament, tista' titlob finanzjament mid-DIF sa 20 % tan-nuqqas ta' likwidità tagħha kif stipulat fl-Artikolu 41b.
3. Id-DIF ikopri wkoll 20 % tat-telf eċċessiv tal-iSGD parteċipanti kif stipulat fl-Artikolu 41c. L-iSGD parteċipanti għandha tħallas lura l-ammont ta' finanzjament li kisbet skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, li minnu jitnaqqas l-ammont tal-kopertura ta' telf eċċessiv, f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 41o.
4. La l-finanzjament u lanqas il-kopertura ta' telf eċċessiv ma għandhom jaqbżu l-inqas minn 20 % tal-livell fil-mira inizjali tad-DIF kif stipulat fl-Artikolu 74b(1) ta' dan ir-Regolament jew10 darbiet iktar mil-livell fil-mira tal-iSGD parteċipanti kif definit fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 10(2) tad-Direttiva 2014/49/UE.

*Artikolu 41b*
*Nuqqas ta' likwidità*

1. F'każ li SGD parteċipanti taffaċċja event ta' żborż, in-nuqqas ta' likwidità tagħha tiġi kkalkolata bħala l-ammont totali ta' depożiti koperti fis-sens tal-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2014/49/UE li jkun miżmum mill-istituzzjoni ta' kreditu fiż-żmien l-event ta' żborż li minnu jitnaqqas:

   (a) l-ammont ta' mezzi finanzjarji disponibbli li l-iSGD parteċipanti għandu jkollha fiż-żmien tal-event ta' żborż jekk tkun ġabret il-kontribuzzjonijiet *ex-ante* f'konformità mal-Artikolu 41j;

(b) l-ammont ta' kontribuzzjonijiet straordinarji kif definit fl-Artikolu 10(8) tad-Direttiva 2014/49/UE li l-iSGD parteċipanti tista' tiġbor fi żmien tlett ijiem mill-event ta' żborż.

2. F'każ li l-iSGD parteċipanti tintuża fi proċedimenti ta' riżoluzzjoni, in-nuqqas ta' likwidità tagħha jkun l-ammont iddeterminat mill-awtorità ta' riżoluzzjoni f'konformità mal-Artikolu 79 li minnu jitnaqqas l-ammont ta' mezzi finanzjarji disponibbli li l-iSGD parteċipanti għandu jkollha fiż-żmien tad-determinazzjoni jekk tkun ġabret il-kontribuzzjonijiet *ex-ante* f'konformità mal-Artikolu 41j.

*Artikolu 41c*
*Telf eċċessiv*

1. F'każ li SGD parteċipanti taffaċċja event ta' żborż, it-telf eċċessiv tagħha jiġi kkalkolat bħala l-ammont totali li ħallset lura lid-depożitanti f'konformità mal-Artikolu 8 tad-Direttiva 2014/49/UE li minnu jitnaqqas:

(a) l-ammont li l-iSGD parteċipanti rkuprat mis-surrogazzjoni għad-drittijiet tad-depożitanti fil-proċedimenti tal-istralċ jew tar-riorganizzazzjoni skont l-ewwel sentenza tal-Artikolu 9(2) tad-Direttiva 2014/49/UE;

(b) l-ammont ta' mezzi finanzjarji disponibbli li l-iSGD parteċipanti għandu jkollha fiż-żmien tal-event ta' żborż jekk tkun ġabret il-kontribuzzjonijiet *ex-ante* f'konformità mal-Artikolu 41j;

(c) l-ammont ta' kontribuzzjonijiet *ex-post* li l-iSGD parteċipanti tista' tiġbor f'konformità mal-ewwel sentenza tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 10(8) tad-Direttiva 2014/49/UE fi żmien sena kalendarja, li jkun fih l-ammont miġbur f'konformità mal-punt (b) tal-Artikolu 41b(1) ta' dan ir-Regolament.

2. F'każ li l-fondi tal-iSGD parteċipanti jintużaw fi proċedimenti ta' riżoluzzjoni, it-telf eċċessiv tagħha jkun l-ammont determinat mill-awtorità ta' riżoluzzjoni f'konformità mal-Artikolu 79 li minnu jitnaqqas:

(a) l-ammont ta' kwalunkwe differenza li l-iSGD parteċipanti kienet imħallsa f'konformità mal-Artikolu 75 tad-Direttiva 2014/59/UE;

(b) l-ammont ta' mezzi finanzjarji disponibbli li l-iSGD parteċipanti għandu jkollha fiż-żmien tad-determinazzjoni jekk tkun ġabret il-kontribuzzjonijiet *ex-ante* f'konformità mal-Artikolu 41j.

# Kapitolu 2
# Koassigurazzjoni

*Artikolu 41d*
*Finanzjament u kopertura ta' telf*

1. Mit-tmiem tal-perjodu ta' riassigurazzjoni, l-iSGD parteċipanti tkun koassigurata mill-EDIS f'konformità ma' dan l-Artikolu għal perjodu ta' erba' snin ("il-perjodu ta' koassigurazzjoni").

2. F'każ li SGD parteċipanti taffaċċja event ta' żborż jew tintuża f'riżoluzzjoni f'konformità mal-Artikolu 109 tad-Direttiva 2014/59/UE jew mal-Artikolu 79 ta'

dan ir-Regolament, tista' titlob finanzjament mid-DIF għal sehem mil-likwidità tagħha kif definit fl-Artikolu 41f ta' dan ir-Regolament. Is-sehem jiżdied f'konformità mal-Artikolu 41e.

3. Id-DIF ikopri wkoll sehem mit-telf tal-iSGD parteċipanti kif definit permezz tal-Artikolu 41g. Is-sehem jiżdied f'konformità mal-Artikolu 41e. L-SGD parteċipanti għandha tħallas lura l-ammont tal-finanzjament li kisbet skont il-paragrafu 2, li minnu jitnaqqas l-ammont ta' kopertura ta' telf, skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 41o.

*Artikolu 41e*
*Żieda ta' finanzjament u kopertura ta' telf*

Is-sehem ta' kopertura skont it-tieni u t-tielet paragrafu tal-Artikolu 41d jiżdied matul il-perjodu ta' koassigurazzjoni kif ġej:

– fl-ewwel sena tal-perjodu ta' koassigurazzjoni jkun ta' 20 %;
– fit-tieni sena tal-perjodu ta' koassigurazzjoni jkun ta' 40 %;
– fit-tielet sena tal-perjodu ta' koassigurazzjoni jkun ta' 60 %;
– fir-raba' sena tal-perjodu ta' koassigurazzjoni jkun ta' 80 %;

*Artikolu 41f*
*Ħtieġa ta' likwidità*

1. F'każ li SGD parteċipanti taffaċċja event ta' żborż, il-ħtieġa ta' likwidità tagħha titqies bħala l-ammont totali ta' depożiti koperti fis-sens tal-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2014/49/UE li jkun miżmum fl-istituzzjoni ta' kreditu fiż-żmien tal-event ta' żborż.

2. F'każ li l-iSGD parteċipanti tintuża fi proċedimenti ta' riżoluzzjoni, il-ħtieġa ta' likwidità tagħha tkun l-ammont determinat mill-awtorità ta' riżoluzzjoni f'konformità mal-Artikolu 109 tad-Direttiva 2014/59/UE jew mal-Artikolu 79 ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 41g*
*Telf*

1. F'każ li l-iSGD parteċipanti taffaċċja event ta' żborż, it-telf tagħha jkun l-ammont totali li ħallset lura lid-depożitanti f'konformità mal-Artikolu 8 tad-Direttiva 2014/49/UE li minnu jitnaqqas l-ammont li l-iSGD parteċipanti rkuprat mis-surrogazzjoni għad-drittijiet tad-depożitanti fil-proċedimenti tal-istralċ jew tar-riorganizzazzjoni skont l-ewwel sentenza tal-Artikolu 9(2) tad-Direttiva 2014/49/UE.

2. F'każ li l-iSGD parteċipanti tintuża fi proċedimenti ta' riżoluzzjoni, it-telf tagħha jkun l-ammont iddeterminat mill-awtorità ta' riżoluzzjoni f'konformità mal-Artikolu 109 tad-Direttiva 2014/59/UE jew mal-Artikolu 79 ta' dan ir-Regolament li minnu jitnaqqas l-ammont ta' kwalunkwe differenza li l-iSGD parteċipanti tkun tħallset f'konformità mal-Artikolu 75 tad-Direttiva 2014/59/UE.

# Kapitolu 3
# Assigurazzjoni sħiħa

*Artikolu 41h*

*Finanzjament u kopertura ta' telf*

1. Mit-tmiem tal-perjodu ta' koassigurazzjoni, l-iSGD parteċipanti għandha tkun assigurata bis-sħiħ mill-EDIS f'konformità ma' dan il-Kapitolu.
2. F'każ li SGD parteċipanti taffaċċja event ta' żborż jew tintuża f'riżoluzzjoni f'konformità mal-Artikolu 109 tad-Direttiva 2014/59/UE jew mal-Artikolu 79 ta' dan ir-Regolament, tista' titlob finanzjament mid-DIF għal-likwidità tagħha kif definit permezz tal-Artikolu 41f ta' dan ir-Regolament.
3. Id-DIF għandu jkopri wkoll it-telf tal-iSGD parteċipanti kif definit fl-Artikolu 41g. L-iSGD parteċipanti għandha tħallas lura l-ammont tal-finanzjament li kisbet skont il-paragrafu 2, li minnu jitnaqqas l-ammont ta' kopertura ta' telf, f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 41o.

# Kapitolu 4
# Dispożizzjonijiet komuni

*Artikolu 41i*

*Skwalifikazzjoni mill-kopertura tal-EDIS*

1. SGD parteċipanti ma għandhiex tkun koperta mill-EDIS fil-fażi ta' riassigurazzjoni, koassigurazzjoni jew assigurazzjoni sħiħa, jekk il-Kummissjoni, fuq inizjattiva tagħha stess jew fuq talba mill-Bord jew Stat Membru parteċipanti, tiddeċiedi u tinforma lill-Bord kif xieraq li mill-inqas tkun sodisfatta waħda mill-kundizzjonijiet ta' skwalifika li ġejjin:
   (a) l-iSGD parteċipanti tonqos milli tkun konformi mal-obbligi skont dan ir-Regolament jew l-Artikoli 4, 6, 7 jew 10 tad-Direttiva 2014/49/UE;
   (b) l-SGD parteċipanti, l-awtorità amministrattiva rilevanti fis-sens tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2014/49/UE, jew kwalunkwe awtorità rilevanti oħra tal-Istat Membru rispettiv aġixxew b'mod, rigward talba partikolari għall-kopertura tal-EDIS, li jmur kontra l-prinċipju ta' kooperazzjoni sinċiera kif stipulat fl-Artikolu 4(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.
2. Meta l-finanzjament diġà jkun inkiseb minn SGD parteċipanti u mill-inqas waħda mill-kundizzjonijiet ta' skwalifika msemmija fil-paragrafu 1 hija ssodisfata rigward event ta' żborż jew użu f'riżoluzzjoni, il-Kummissjoni tista' tordna rimborż sħiħ jew parzjali tal-finanzjament lid-DIF.

*Artikolu 41j*

*Perkors ta' finanzjament li għandu jiġi segwit mill-iSGD parteċipanti*

1. SGD parteċipanti għandha biss tkun riassigurata, ikkoassigurata jew assigurata bis-sħiħ mill-EDIS tul is-sena li tiġi wara kwalunkwe minn fost id-dati stipulati aktar 'l isfel, jekk, sa dik id-data, il-mezzi finanzjarji disponibbli tagħha miġbura permezz tal-kontribuzzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 10(1) tad-Direttiva 2014/49/UE jkunu

jammontaw għal minn tal-anqas il-perċentwali segwenti tal-ammont totali ta' depożiti koperti tal-istituzzjonijiet tal-kreditu kollha affiljati mal-iSGD parteċipanti:

– sat-3 ta' Lulju 2017: 0,14 %;
– sat-3 ta' Lulju 2018: 0, 21 %;
– sat-3 ta' Lulju 2019: 0, 28 %;
– sat-3 ta' Lulju 2020: 0, 28 %;
– sat-3 ta' Lulju 2021: 0, 26 %;
– sat-3 ta' Lulju 2022: 0, 20 %;
– sat-3 ta' Lulju 2023: 0, 11 %;
– sat-3 ta' Lulju 2024: 0 %.

2. Il-Kummissjoni, wara konsultazzjoni mal-Bord, tista' tapprova deroga mir-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 1 għal raġunijiet iġġustifikati kif xieraq marbuta maċ-ċiklu tan-negozju fl-Istat Membru rispettiv, mal-impatt li kontribuzzjonijiet pro-ċikliċi jista' jkollhom, jew mal-event ta' żborż li seħħ fil-livell nazzjonali. Dawk id-derogi jridu jkunu temporanji u jistgħu jkunu soġġetti għall-issodisfar ta' ċerti kundizzjonijiet.

## TITOLU II
## DISPOŻIZZJONIJIET PROĊEDURALI

*Artikolu 41k*
*Informazzjoni preliminari*

Meta SGD parteċipanti tkun ġiet infurmata mill-awtorità kompetenti, jew tkun diġà taf, dwar ċirkostanzi rigward istituzzjoni ta' kreditu affiljata ma' dik l-iSGD parteċipanti li x'aktarx sejra tirriżulta f'event ta' żborż jew fl-użu tagħha fi proċedimenti ta' riżoluzzjoni, din għandha tinforma lill-Bord dwar ċirkostanzi bħal dawn mingħajr dewmien jekk tkun beħsiebha titlob kopertura mill-EDIS. F'dan il-każ l-iSGD parteċipanti tipprovdi wkoll stima ta' nuqqas ta' likwidità mistenni jew bżonn ta' likwidità lill-Bord.

*Artikolu 41l*
*Dmir tan-notifika*

1. F'każ li SGD parteċipanti taffaċċja event ta' żborż jew tintuża f'riżoluzzjoni f'konformità mal-Artikolu 109 tad-Direttiva 2014/59/UE jew mal-Artikolu 79 ta' dan ir-Regolament, din għandha tinnotifika lill-Bord immedjatament u tissottometti l-informazzjoni meħtieġa kollha sabiex tippermetti lill-Bord jivvaluta jekk il-kundizzjonijiet għall-għoti ta' finanzjament u kopertura ta' telf skont l-Artikoli 41a, 41d u 41h ta' dan ir-Regolament humiex issodisfati.

2. L-iSGD parteċipanti għandha tinforma lill-Bord b'mod partikolari dwar:

   (a) l-ammont ta' depożiti koperti tal-istituzzjoni tal-kreditu kkonċernata;

(b) il-mezzi ta’ finanzjament disponibbli tagħha fiż-żmien tal-event ta’ żborż jew l-użu f’riżoluzzjoni;

(c) f’każ ta’ event ta’ żborż, stima tal-kontribuzzjonijiet straordinarji li tista’ tiġbor fi żmien tlett ijiem minn dak l-event;

(d) kwalunkwe ċirkostanza li jwaqqfuha milli tissodisfa l-obbligi tagħha skont il-liġi nazzjonali li tittrasponi d-Direttiva 2014/49/UE u r-rimedji possibbli.

*Artikolu 41m*

*Determinazzjoni tal-ammont ta’ finanzjament*

1. Wara li jirċievi n-notifika skont l-Artikolu 41k, il-Bord għandu jiddeċiedi fi żmien 24 siegħa, fis-sessjoni eżekuttiva tiegħu, li l-kundizzjonijiet għal kopertura mill-EDIS ġew issodisfati u għandu jiddetermina l-ammont ta’ finanzjament li se jipprovdi lill-iSGD parteċipanti.

2. F’każ li l-Bord ikun ġie informat f’konformità mal-Artikolu 41k, qabel in-notifika msemmija fil-paragrafu 1 jew fl-istess ħin magħha, dwar il-possibbiltà ta’ event ta’ żborż ieħor jew aktar jew ta’ użi f’riżoluzzjoni, jista’ jestendi l-perjodu tal-paragrafu 1 sa sebat ijiem. Jekk, waqt dan il-perjodu estiż, eventi ta’ żborż addizzjonali jew użi f’riżoluzzjoni huma notifikati f’konformità mal-Artikolu 41k u l-finanzjament totali li jista’ jintalab mid-DIF għandu mnejn jaqbeż il-mezzi finanzjarji disponibbli tiegħu, il-finanzjament provdut għal kull event ta’ żborż notifikat jew użu f’riżoluzzjoni notifikat ikun daqs il-mezzi finanzjarji disponibbli tad-DIF immultiplikati bil-proporzjon ta’ (a) għal (b):

   (a) l-ammont ta’ finanzjament li l-iSGD parteċipanti rilevanti tista’ titlob mid-DIF għall-event ta’ żborż jew użu f’riżoluzzjoni jekk ma kien hemm l-ebda event ta’ żborż jew użu f’riżoluzzjoni notifikat ieħor;

   (b) it-total tal-ammonti kollha ta’ finanzjament li kull SGD parteċipanti rilevanti tista’ titlob mid-DIF għal kull event ta’ żborż jew użu f’riżoluzzjoni jekk ma kien hemm l-ebda event ta’ żborż jew użu f’riżoluzzjoni notifikat ieħor.

3. Il-Bord jinforma immedjatament lill-iSGD parteċipanti dwar id-deċiżjoni tiegħu skont il-paragrafi 1 u 2. L-iSGD parteċipanti tista’ titlob reviżjoni tad-deċiżjoni tal-Bord fi żmien 24 siegħa wara li tiġi infurmata. Għandha tiddikjara r-raġunijiet għaliex qiegħda tikkunsidra emenda għad-deċiżjoni tal-Bord bħala neċessarja, b’mod partikolari fir-rigward tal-limitu tal-kopertura mill-EDIS. Il-Bord għandu jieħu deċiżjoni dwar it-talba sa 24 siegħa wara.

*Artikolu 41n*

*Għoti ta’ finanzjament*

Il-Bord għandu jipprovdi finanzjament skont l-Artikoli 41a(2), 41d(2) u 41h(2) f’konformità mad-dispożizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-finanzjament għandu jkun ipprovdut fil-forma ta’ kontribuzzjoni fi flus lill-iSGD parteċipanti;

(b) il-fondi għandhom ikunu dovuti immedjatament wara d-determinazzjoni tal-Bord fl-Artikolu 41m.

*Artikolu 41o*
*Rimborż tal-finanzjament u d-determinazzjoni ta' telf eċċessiv u telf*

1. L-iSGD parteċipanti għandha tħallas lura l-finanzjament ipprovdut mill-Bord skont l-Artikolu 41n, li minnu jitnaqqas l-ammont ta' kwalunkwe kopertura ta' telf eċċessiv f'każ ta' kopertura skont l-Artikolu 41a jew kwalunkwe kopertura ta' telf f'każ ta' kopertura skont l-Artikolu 41d jew l-Artikolu 41h.

2. Sat-terminazzjoni tal-proċedura ta' insolvenza jew ta' riżoluzzjoni, il-Bord għandu jiddetermina, fuq bażi annwali, l-ammont li l-iSGD parteċipanti rkuprat diġà mill-proċedura ta' insolvenza jew li diġà tħallas f'konformità mal-Artikolu 75 tad-Direttiva 2014/59/UE. L-iSGD parteċipanti għandha tipprovdi l-informazzjoni kollha neċessarja lill-Bord sabiex tagħmel din id-determinazzjoni. L-iSGD parteċipanti għandha tħallas sehem minn dak l-ammont lill-Bord li jikkorrispondi għas-sehem li huwa kopert mill-EDIS f'konformità mal-Artikolu 41a, l-Artikolu 41d jew l-Artikolu 41h.

3. F'każ ta' kopertura skont l-Artikolu 41a, l-iSGD parteċipanti għandha tħallas ukoll lill-Bord, sa tmiem l-ewwel sena kalendarja wara li ġie pprovdut il-finanzjament, ammont daqs il-kontribuzzjonijiet *ex-post* li l-iSGD parteċipanti tista' tiġbor fi żmien sena kalendarja waħda f'konformità mal-ewwel sentenza tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 10(8) tad-Direttiva 2014/49/UE, li minnu jitnaqqas l-ammont ta' kontribuzzjonijiet *ex-post* li ġabret skont punt (b) tal-Artikolu 41b(1) ta' dan ir-Regolament.

4. Wara t-terminazzjoni tal-proċedura ta' insolvenza jew tal-proċedura ta' riżoluzzjoni tal-istituzzjoni ta' kreditu kkonċernat, il-Bord għandu jiddetermina mingħajr dewmien it-telf eċċessiv f'konformità mal-Artikolu 41d jew it-telf f'konformità mal-Artikolu 41h. Meta din id-determinazzjoni tirriżulta f'obbligu ta' rimborż tal-iSGD parteċipanti li huwa differenti mill-ammonti mħallsa lura skont it-tieni u t-tielet paragrafu, id-differenza tiġi saldata bejn il-Bord u l-iSGD parteċipanti mingħajr dewmien.

*Artikolu 41p*
*Monitoraġġ ta' żborżi lid-depożitanti u l-użu f'riżoluzzjoni*

1. Wara l-għoti ta' finanzjament f'każ ta' event ta' żborż f'konformità mal-Artikolu 41n, il-Bord għandu jagħmel monitoraġġ mill-qrib tal-proċedura ta' żborż imwettqa mill-iSGD parteċipanti u b'mod partikolari tal-użu tagħha tal-kontribuzzjoni fi flus.
2. L-iSGD parteċipanti għandha tipprovdi, f'intervalli regolari stabbiliti mill-Bord, informazzjoni preċiża, affidabbli u kompluta dwar il-proċedura ta' żborż, l-eżerċitar tad-drittijiet li ssurrogat għalihom, jew kwalunkwe suġġett li huwa rilevanti għall-implimentazzjoni effettiva tal-azzjonijiet tal-Bord previsti f'dan ir-Regolament jew għall-eżerċitar tas-setgħat tal-iSGD parteċipanti fid-Direttiva 2014/49/UE jew dan ir-Regolament. L-iSGD parteċipanti għandha tinforma lill-Bord, kuljum, dwar l-ammont totali mħallsa lura lid-depożitanti, l-użu tal-kontribuzzjoni fi flus, u kwalunkwe diffikultà li ffaċċjat.

*Artikolu 41q*

*Monitoraġġ tal-proċedura ta' insolvenza*

1. Wara l-għoti ta' finanzjament f'każ ta' event ta' żborż f'konformità mal-Artikolu 41n ta' dan ir-Regolament, il-Bord għandu jagħmel monitoraġġ tal-proċedura ta' insolvenza tal-istituzzjonijiet tal-kreditu kkonċernati u b'mod partikolari tal-isforzi tal-iSGD parteċipanti biex tiġbor it-talbiet ta' depożitu li ssurrogat għalihom f'konformità mal-ewwel sentenza tal-Artikolu 9(2) tad-Direttiva 2014/49/UE.

2. L-iSGD parteċipanti għandha timmassimizza r-rikavat tagħha mill-proprjetà tal-insolvenza u għandha tkun responsabbli lejn il-Bord għal kwalunkwe ammont mhux irkuprat minħabba nuqqas ta' diliġenza. Il-Bord jista' jiddeċiedi, wara li jisma' lill-iSGD parteċipanti, li jeżerċita d-drittijiet kollha hu stess li jirriżultaw mit-talbiet ta' depożiti msemmija fil-paragrafu 1."

11. L-Artikolu 43 jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, il-punt fi tmiem il-punt (c) huwa sostitwit minn punt u virgola u jiżdied il-punt (d) li ġej:

"(d) membru maħtur minn kull Stat Membru parteċipanti, li jirrappreżenta l-awtoritajiet maħtura tagħhom.";

(b) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Kull membru, inkluż il-President, għandu jkollu vot wieħed ħlief meta l-Bord jiltaqa' fis-sessjoni plenarja konġunta f'konformità mal-Artikolu 49b li f'liema każ il-membri maħtura minn Stat Membru parteċipanti skont il-paragrafu 1(c) u (d) għandu jkollhom vot wieħed flimkien.";

(c) fil-paragrafu 3, l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Il-Kummissjoni u l-BĊE għandhom kull wieħed jaħtru rappreżentant li jkun intitolat li jipparteċipa fil-laqgħat tas-sessjonijiet eżekuttivi, tas-sessjonijiet plenarji u tas-sessjonijiet plenarji konġunti bħala osservatur permanenti.";

(d) il-paragrafi 4 u 5 jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

"4. Fil-każ ta' iktar minn awtorità nazzjonali waħda ta' riżoluzzjoni jew iktar minn awtorità nazzjonali waħda maħtura rispettivament fi Stat Membru parteċipanti, it-tieni rappreżentant għandu jitħalla jipparteċipa bħala osservatur mingħajr drittijiet tal-vot.

5. L-istruttura amministrattiva u maniġerjali tal-Bord tkun magħmula minn:

(a) sessjoni plenarja konġunta li għandha twettaq il-kompiti msemmija fl-Artikolu 49b;

(b) sessjoni plenarja tal-Bord f'konformità mal-Artikoli 49 u 49a, li għandha twettaq il-kompiti msemmija fl-Artikolu 50 u l-Artikolu 50a rispettivament;

(c) sessjoni eżekuttiva tal-Bord, li għandha twettaq il-kompiti msemmija fl-Artikolu 54;

(d) President, li għandu jwettaq il-kompiti msemmija fl-Artikolu 56;

(e) Segretarjat, li għandu jipprovdi l-appoġġ neċessarju amministrattiv u tekniku rigward it-twettiq tal-kompiti kollha assenjati lill-Bord.";

12. L-Artikolu 45 jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafi 4 u 5, il-kliem "kompiti ta' riżoluzzjoni" huwa sostitwit b'"il-kompiti ta' riżoluzzjoni u ta' assigurazzjoni tad-depożiti", filwaqt li jsiru l-bidliet fil-grammatika kif meħtieġ;

(b) fil-paragrafu 7, il-kliem "bħala awtorità nazzjonali ta' riżoluzzjoni" huwa sostitwit b'"bħala awtorità nazzjonali ta' riżoluzzjoni jew bħala SGD jew awtorità maħtura nazzjonali", filwaqt li jsiru l-bidliet fil-grammatika kif meħtieġ;

13. fl-Artikolu 46(4), il-kliem "l-awtoritajiet nazzjonali ta' riżoluzzjoni" huwa sostitwit b'"awtoritajiet nazzjonali ta' riżoluzzjoni jew ta' SGD jew awtoritajiet maħtura nazzjonali", filwaqt li jsiru l-bidliet fil-grammatika kif meħtieġ;

14. fl-Artikolu 47 il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Meta jwettqu l-kompiti kkonferiti lilhom minn dan ir-Regolament, il-Bord, l-awtoritajiet nazzjonali ta' riżoluzzjoni, l-iSGD jew l-awtoritajiet maħtura nazzjonali għandhom jaġixxu b'mod indipendenti u fl-interess pubbliku.";

15. fil-Parti III, l-intestatura tat-Titolu II "Sessjoni plenarja tal-Bord" hija sostitwita minn "Sessjoni plenarja konġunta u sessjonijiet plenarji tal-Bord";

16. jiddaħħal l-Artikolu 48a li ġej:

*"Artikolu 48a*
*Parteċipazzjoni f'sessjonijiet plenarji konġunti*

Il-membri kollha tal-Bord imsemmija fl-Artikolu 43(1) għandhom jieħdu sehem fis-sessjonijiet plenarji konġunti tiegħu.";

17. L-Artikolu 49 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 49*
*Parteċipazzjoni fis-sessjonijiet plenarji rigward il-Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni*

Il-membri tal-Bord imsemmija fil-punti (a), (b) u (c) tal-Artikolu 43(1) għandhom jipparteċipaw fis-sessjonijiet plenarji tiegħu rigward il-Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni ("is-sessjoni plenarja tal-SRM").";

18. jiddaħħlu l-Artikoli 49a u 49b li ġejjin:

*"Artikolu 49a*
*Parteċipazzjoni fis-sessjonijiet plenarji rigward l-Iskema Ewropea ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti*

Il-membri tal-Bord imsemmija fil-punti (a), (b) u (d) tal-Artikolu 43(1) għandhom jipparteċipaw fis-sessjonijiet plenarji tiegħu rigward l-EDIS (is-sessjoni plenarja tal-EDIS).

*Artikolu 49b*
*Kompiti tas-sessjoni plenarja konġunta tal-Bord*

1. Fis-sessjoni plenarja konġunta tiegħu, il-Bord għandu:

(a) kull sena jadotta, sat-30 ta' Novembru, il-programm ta' ħidma annwali tal-Bord għas-sena segwenti, abbażi ta' abbozz ippreżentat mill-President u għandu jittrażmettih għall-informazzjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, u lill-BĊE;

(b) jadotta l-baġit annwali tal-Bord u jagħmel monitoraġġ tiegħu f'konformità mal-Artikolu 61(2), u japprova l-kontijiet finali tal-Bord u jagħti l-kwittanza lill-President f'konformità mal-Artikolu 63(4) u (8);

(c) jiddeċiedi dwar l-investimenti f'konformità mal-Artikolu 75;

(d) jadotta r-rapport annwali ta' attività dwar l-attivitajiet tal-Bord imsemmi fl-Artikolu 45, li għandu jippreżenta spjegazzjonijiet dettaljati dwar l-implimentazzjoni tal-baġit;

(e) jadotta r-regoli finanzjarji applikabbli għall-Bord f'konformità mal-Artikolu 64;

(f) jadotta strateġija kontra l-frodi, proporzjonata mar-riskji ta' frodi, filwaqt li jqis il-kostijiet u l-benefiċċji tal-miżuri li għandhom ikunu implimentati;

(g) jadotta regoli għall-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess fir-rigward tal-membri tiegħu;

(h) jadotta r-Regoli ta' Proċedura tiegħu u dawk tal-Bord fis-sessjonijiet plenarji u eżekuttivi tiegħu skont dan ir-Regolament;

(i) f'konformità mal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, jeżerċita, fir-rigward tal-persunal tal-Bord, is-setgħat mogħtija lill-Awtorità tal-Ħatra mir-Regolamenti tal-Persunal u mill-Kundizzjonijiet tal-Impjieg ta' Uffiċjali Oħra tal-Unjoni Ewropea kif stipulati mir-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259/68 ("Kondizzjonijiet tal-Impjieg") fuq il-Bord bis-Setgħa li Jikkonkludi Kuntratt ta' Impjieg ("setgħat tal-awtorità tal-ħatra");

(j) jadotta regoli ta' implimentazzjoni xierqa biex jimplimenta r-Regolamenti tal-Persunal u l-Kundizzjonijiet tal-Impjieg f'konformità mal-Artikolu 110 tar-Regolamenti tal-Persunal;

(k) jaħtar Uffiċjal tal-Kontijiet, soġġett għar-Regolamenti tal-Persunal u l-Kundizzjonijiet tal-Impjieg, li għandu jkun funzjonalment indipendenti fit-twettiq ta' dmirijietu jew dmirijietha;

(l) jiżgura segwitu xieraq għal sejbiet u rakkomandazzjonijiet li joħorġu mir-rapporti interni u esterni tal-awditjar u evalwazzjonijiet, kif ukoll minn investigazzjonijiet tal-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (l-OLAF);

(m) jieħu d-deċiżjonijiet kollha dwar il-ħolqien tal-istrutturi interni tal-Bord u fejn meħtieġ, il-modifiki tagħhom.

2. Meta tieħu deċiżjonijiet, is-sessjoni plenarja konġunta tal-Bord għandha taġixxi f'konformità mal-għanijiet kif speċifikati fl-Artikoli 6 u 14.

3. Fis-sessjoni plenarja konġunta tiegħu, f'konformità mal-Artikolu 110 tar-Regolamenti tal-Persunal, il-Bord għandu jadotta deċiżjoni bbażata fuq l-Artikolu 2(1) tar-Regolamenti tal-Persunal u fuq l-Artikolu 6 tal-Kundizzjonijiet tal-Impjieg, li tiddelega s-setgħat rilevanti tal-awtorità tal-ħatra lill-President u li tistabbilixxi l-kundizzjonijiet li skonthom tista' tiġi sospiża d-delega tas-setgħat. Il-President għandu jkun awtorizzat li jissottodelega dawn is-setgħat.

F'ċirkostanzi ta' eċċezzjoni, il-Bord, fis-sessjoni plenarja konġunta tiegħu, jista' permezz ta' deċiżjoni, jissospendi temporanjament id-delega tas-setgħat tal-awtorità tal-ħatra lill-President u lil kull sottodelegazzjoni mill-President u jeżerċitahom huwa

stess jew jiddelegahom lil wieħed mill-membri tiegħu jew lil membru tal-persunal li mhuwiex il-President.";

19. L-Artikolu 50 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 50*
*Kompiti tal-Bord fis-sessjoni plenarja tal-SRM tiegħu*

1. Fis-sessjoni plenarja tal-SRM tiegħu, il-Bord għandu:

(a) soġġett għall-proċedura msemmija fil-paragrafu 2, jiddeċiedi dwar l-użu tal-Fond, jekk ikun meħtieġ appoġġ għall-Fond f'dik l-azzjoni ta' riżoluzzjoni speċifika li jmur lil hinn mil-limitu ta' EUR 5 000 000 000 u li għalih il-kalkolu għal-likwidità jkun ta' 0,5;

(b) ladarba l-użu nett akkumulat tal-Fond tul l-aħħar 12-il xahar konsekuttivi jilħaq il-livell limitu ta' EUR 5 000 000 000, jevalwa l-applikazzjoni tal-għodod ta' riżoluzzjoni, b'mod partikolari l-użu tal-Fond, u joffri gwida li s-sessjoni eżekuttiva għandha ssegwi fid-deċiżjonijiet ta' riżoluzzjoni sussegwenti tagħha, b'mod partikolari, biex tiddifferenzja bejn il-likwidità u forom oħra ta' appoġġ, jekk ikun xieraq;

(c) jiddeċiedi dwar il-bżonn li jinġabru kontribuzzjonijiet *ex-post* straordinarji f'konformità mal-Artikolu 71, dwar is-self volontarju bejn arranġamenti ta' finanzjament f'konformità mal-Artikolu 72, dwar mezzi finanzjarji alternattivi f'konformità mal-Artikoli 73 u 74, u dwar il-mutwalizzazzjoni tal-arranġamenti nazzjonali ta' finanzjament f'konformità mal-Artikolu 78, u jinvolvi l-appoġġ għall-Fond lil hinn mil-livell limitu msemmi fil-punt (c) ta' dan il-paragrafu;

(d) japprova l-qafas imsemmi fl-Artikolu 31(1) biex jorganizza l-arranġamenti prattiċi għall-kooperazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali ta' riżoluzzjoni.

2. Meta tieħu d-deċiżjonijiet, is-sessjoni plenarja tal-Bord għandha taġixxi f'konformità mal-għanijiet kif speċifikati fl-Artikoli 6 u 14.

Għall-finijiet tal-punt (a) tal-paragrafu 1, l-iskema ta' riżoluzzjoni mħejjija mis-sessjoni eżekuttiva għandha titqies bħala adottata sakemm, fi żmien tliet sigħat mis-sottomissjoni tal-abbozz mis-sessjoni eżekuttiva lis-sessjoni plenarja, minn tal-anqas membru wieħed mis-sessjoni plenarja ma jkunx sejjaħ laqgħa tas-sessjoni plenarja. Fil-każ tal-aħħar, għandha tittieħed deċiżjoni dwar l-iskema ta' riżoluzzjoni mis-sessjoni plenarja.".

20. Jiddaħħal l-Artikolu 50a li ġej:

*"Artikolu 50a*
*Kompiti tal-Bord fis-sessjoni plenarja tal-EDIS tiegħu*

1. Fis-sessjoni plenarja tal-EDIS tiegħu, il-Bord għandu:

(a) ladarba l-użu nett akkumulat tad-DIF tul l-aħħar 12-il xahar konsekuttivi jilħaq il-livell limitu ta' 25 % tal-livell fil-mira finali, jevalwa l-applikazzjoni tal-EDIS, b'mod partikolari l-użu tad-DIF, u joffri gwida li s-sessjoni eżekuttiva għandha ssegwi fid-deċiżjonijiet ta' żborż sussegwenti tagħha, b'mod partikolari, biex tiddifferenzja bejn l-għoti ta' finanzjament u l-kopertura tat-telf, jekk ikun xieraq;

(b) jiddeċiedi dwar l-estensjoni tal-perjodu msemmi fl-Artikolu 41m(1) f'konformità mal-Artikolu 41m(2);

(c) jiddeċiedi dwar is-self volontarju bejn l-arranġamenti finanzjarji f'konformità mal-Artikolu 74f, dwar mezzi alternattivi ta' finanzjament f'konformità mal-Artikolu 74g;

(d) jiddeċiedi, fuq riferiment tas-sessjoni eżekuttiva fil-każijiet tal-paragrafu 1 jew 2 tal-Artikolu 41i, jekk il-kundizzjoni ta' skwalifika stipulata fil-punt (b) tal-Artikolu 41i(1) hijiex issodisfata.

2. Meta tieħu d-deċiżjonijiet, is-sessjoni plenarja tal-Bord għandha taġixxi f'konformità mal-objettivi kif speċifikati fl-Artikolu 6.";

21. L-Artikolu 51 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 51*
*Laqgħat tas-sessjonijiet plenarji konġunti u tal-plenarji tal-SRM u l-EDIS tal-Bord*

1. Il-President għandu jsejjaħ u jippresiedi l-laqgħat tas-sessjonijiet plenarji konġunti u tal-plenarji tal-SRM u l-EDIS tal-Bord f'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 56(2).

2. Fis-sessjoni plenarja konġunta tiegħu, il-Bord għandu jkollu mill-inqas żewġ laqgħat ordinarji fis-sena. Barra minn hekk, huwa għandu jiltaqa' b'inizjattiva tal-President, jew fuq it-talba ta' mill-inqas terz tal-membri tiegħu. Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni jista' jitlob lill-President biex isejjaħ laqgħa tal-Bord fis-sessjoni plenarja konġunta jew tal-plenarja tal-SRM jew l-EDIS tiegħu rispettivament. Il-President għandu jagħti raġunijiet bil-miktub jekk hu jew hi ma jsejħux il-laqgħa fiż-żmien dovut.

3. Meta jkun rilevanti, il-Bord jista' jistieden lil osservaturi apparti dawk imsemmija fl-Artikolu 43(3) biex jipparteċipaw fil-laqgħat tas-sessjoni plenarja konġunta jew tal-plenarja tal-SRM jew l-EDIS tiegħu fuq bażi *ad hoc*, inkluż rappreżentant tal-ABE.

4. Il-Bord għandu jipprovdi għas-segretarjat għas-sessjoni plenarja konġunta jew għas-sessjoni plenarja tal-Bord.";

22. L-Artikolu 52 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 52*
*Dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet*

1. Il-Bord, fis-sessjoni plenarja konġunta jew tal-plenarja tal-SRM jew l-EDIS tiegħu rispettivament, għandu jieħu d-deċiżjonijiet tiegħu permezz ta' maġġoranza sempliċi tal-membri tiegħu, sakemm ma jkunx previst mod ieħor f'dan ir-Regolament. Kull membru votanti għandu jkollu vot wieħed. Fil-każ ta' parità, il-President għandu jkollu vot deċiżiv.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, id-deċiżjonijiet msemmija fil-punti (a) u (b) tal-Artikolu 50(1), il-punt (a) tal-Artikolu 50a(1) kif ukoll dwar il-mutwalizzazzjoni tal-arranġamenti nazzjonali ta' finanzjament skont l-Artikolu 78, limitati għall-użu tal-mezzi finanzjarji disponibbli fl-SRF jew fid-DIF, għandhom jittieħdu b'maġġoranza sempliċi tal-membri tal-Bord, b'rappreżentanza ta' mill-inqas 30 % tal-kontribuzzjonijiet. Kull membru votanti għandu jkollu vot wieħed. Fil-każ ta' parità, il-President għandu jkollu vot deċiżiv.

3. B'deroga mill-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, id-deċiżjonijiet msemmija fl-Artikolu 50(1) jew l-Artikolu 50a(1), li jinvolvu l-ġbir ta' kontribuzzjonijiet *ex-post* skont l-Artikolu 71 jew l-Artikolu 74d, dwar self volontarju bejn arranġamenti ta' finanzjament skont l-Artikolu 72 jew l-Artikolu 74f, dwar mezzi volontarji alternattivi skont l-Artikolu 73, l-Artikolu 74 jew l-Artikolu 74g, kif ukoll dwar il-mutwalizzazzjoni ta' arranġamenti nazzjonali ta' finanzjament skont l-Artikolu 78, li jeċċedu l-użu tal-mezzi finanzjarji disponibbli fl-SRF jew fid-DIF, għandhom jittieħdu b'maġġoranza ta' żewġ terzi tal-membri tal-Bord, b'rappreżentanza ta' minn tal-inqas 50 % tal-kontribuzzjonijiet tul il-perjodu ta' tranżizzjoni sakemm l-SRF jiġi mutwalizzat bis-sħiħ u d-DIF jilħaq il-livell fil-mira finali rispettivament u b'maġġoranza ta' żewġ terzi tal-membri tal-Bord, li jkunu jirrappreżentaw minn tal-inqas 30 % ta' kontribuzzjonijiet minn dak il-mument 'il quddiem. Kull membru votanti għandu jkolli vot wieħed. Fil-każ ta' parità, il-President għandu jkollu vot deċiżiv.

4. Permezz ta' deroga minn paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, id-deċiżjoni msemmija fil-punt (d) tal-Artikolu 50a(1) għandha tittieħed minn maġġoranza ta' żewġ terzi tal-membri tal-Bord. Kull membru votanti għandu jkollu vot wieħed. Fil-każ ta' parità, il-President għandu jkollu vot deċiżiv.

5. Il-Bord għandu jadotta u jippubblika r-Regoli ta' Proċedura tiegħu. Ir-Regoli ta' Proċedura jistabbilixxu arranġamenti ta' votazzjoni iktar dettaljati b'mod partikolari ċ-ċirkostanzi li fihom membru jista' jaġixxi f'isem membru ieħor u inklużi, fejn xieraq, ir-regoli rigward il-kworum.";

23. L-Artikolu 53 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, fit-tielet subparagrafu, il-kliem "l-awtoritajiet nazzjonali ta' riżoluzzjoni" huwa sostitwit b'"awtoritajiet nazzjonali ta' riżoluzzjoni jew awtoritajiet maħtura nazzjonali", filwaqt li jsiru l-bidliet fil-grammatika kif meħtieġ;

(b) fil-paragrafu 2, ir-referenza għall-"Artikolu 43(1)(c)" hija sostitwita b'dan li ġej: "l-Artikolu 43(1)(c) jew fejn rilevanti l-Artikolu 43(1)(d)";

(c) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Meta jiddeliberaw dwar entità msemmija fl-Artikolu 2 jew grupp ta' entitajiet stabbiliti biss fi Stat Membru parteċipanti wieħed jew dwar azzjoni ta' assigurazzjoni tad-depożitu, il-membru maħtur minn dak l-Istat Membru skont l-Artikolu 43(1) (c) jew 43(1)(d) għandu jipparteċipa wkoll fid-deliberazzjonijiet u fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet, u għandhom japplikaw ir-regoli stipulati fl-Artikolu 55(1).";

(d) il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5. Il-membri tal-Bord imsemmija fl-Artikolu 43(1) (a) u (b) għandhom jiżguraw li l-azzjonijiet u d-deċiżjonijiet ta' riżoluzzjoni u assigurazzjoni tad-depożitu, b'mod partikolari fir-rigward tal-użu tal-SRF u tad-DIF rispettivament, fil-formazzjonijiet differenti kollha tas-sessjonijiet eżekuttivi tal-Bord ikunu koerenti, xierqa u proporzjonati.";

24. L-Artikolu 54 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Il-Bord, fis-sessjoni eżekuttiva tiegħu, għandu:

(a) jipprepara d-deċiżjonijiet kollha li għandhom jiġu adottati mill-Bord fis-sessjonijiet plenarji konġunti jew plenarji tal-SRM jew tal-EDIS tiegħu, rispettivament;

(b) jieħu d-deċiżjonijiet kollha biex ikun implimentat dan ir-Regolament, sakemm dan ir-Regolament ma jistipulax mod ieħor.";

(b) fil-paragrafu 2, il-punt fi tmiem il-punt (e) huwa sostitwit minn punt u virgola u jiżdiedu l-punti li ġejjin:

"(f) jiddetermina l-ammont ta' finanzjament f'konformità mal-Artikolu 41l;

(g) jiddetermina t-telf mill-iżborż u l-kopertura ta' telf f'konformità mal-Artikolu 41o;

(h) jiddeċiedi li jeżerċita d-drittijiet li jirriżultaw mill-Artikolu 41q.";

(c) il-paragrafi 3 u 4 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"3. Fejn meħtieġ minħabba l-urġenza, il-Bord fis-sessjoni tal-eżekuttiv tiegħu jista' jieħu ċerti deċiżjonijiet proviżorji f'isem il-Bord fis-sessjonijiet konġunti jew plenarji tal-SRM jew tal-EDIS tiegħu rispettivament, b'mod partikolari dwar kwistjonijiet ta' ġestjoni amministrattiva, inklużi kwistjonijiet baġitarji.

4. Il-Bord fis-sessjoni tal-eżekuttiv tiegħu għandu jżomm lill-Bord fis-sessjonijiet plenarji konġunti jew fis-sessjonijiet plenarji tal-SRM u tal-EDIS tiegħu informati rispettivament dwar id-deċiżjoni li jieħu fir-rigward tar-riżoluzzjoni jew l-assigurazzjoni tad-depożiti.".

25. L-Artikolu 56 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1:

(i) il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) it-tħejjija tal-ħidma tal-Bord, fis-sessjonijiet plenarji konġunti, plenarji u eżekuttivi tiegħu, u biex ilaqqa' u jippresiedi l-laqgħat tiegħu;";

(ii) fil-punt (g), il-kliem b'"dwar l-attivitajiet ta' riżoluzzjoni" huwa sostitwit b'"dwar l-attivitajiet ta' riżoluzzjoni u dwar l-attivitajiet ta' assigurazzjoni tad-depożiti", filwaqt li jsiru l-bidliet fil-grammatika kif meħtieġ;

(b) fil-paragrafu 4, fl-ewwel sentenza, il-kliem "ir-riżoluzzjoni tal-banek" huma sostitwiti b'"ir-riżoluzzjoni tal-banek u l-garanzija tad-depożiti", filwaqt li jsiru l-bidliet fil-grammatika kif meħtieġ;

26. fl-Artikolu 58, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Il-baġit ikun jinkludi tliet partijiet: Il-Parti I għall-amministrazzjoni tal-Bord, il-Parti II għall-SRF u l-Parti III għad-DIF.".

27. fl-Artikolu 59, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Dan l-Artikolu huwa bla preġudizzju għad-dritt tal-awtoritajiet nazzjonali ta' riżoluzzjoni, SGD parteċipanti u awtoritajiet maħtura li jimponu tariffi f'konformità mal-liġi nazzjonali, fir-rigward tal-infiq amministrattiv tagħhom tat-tipi msemmija fil-paragrafi 1 u 2, inkluż in-nefqiet biex jiġi assistit il-Bord u biex issir kooperazzjoni miegħu.";

28. jiddaħħal l-Artikolu 60a li ġej:

*"Artikolu 60a*

*Parti III tal-Baġit*

1. Id-dħul tal-Parti III tal-baġit jikkonsisti, b'mod partikolari, minn dan li ġej:

(a) kontribuzzjonijiet imħallsa mill-istituzzjonijiet affiljati mal-iSGD parteċipanti f'konformità mal-Artikolu 74c u l-Artikolu 74d;

(b) self riċevut minn skemi ta' garanzija tad-depożiti fi Stati Membri mhux parteċipanti skont l-Artikolu 74f;

(c) self riċevut minn istituzzjonijiet finanzjarji jew partijiet terzi oħra skont l-Artikolu 74g;

(d) redditi fuq l-investimenti tal-ammonti miżmuma fid-DIF f'konformità mal-Artikolu 75;

(e) finanzjament imħallas lura mill-iSGD parteċipanti skont l-Artikolu 41o.

2. In-nefqa tal-Parti III tal-baġit tikkonsisti minn dan li ġej:

(a) finanzjament ipprovdut lill-iSGD parteċipanti għall-finijiet tal-Artikolu 41a, l-Artikolu 41d jew l-Artikolu 41h;

(b) investimenti f'konformità mal-Artikolu 75;

(c) imgħax imħallas fuq self riċevut minn arranġamenti ta' finanzjament ta' garanziji tad-depożiti oħra fi Stati Membri mhux parteċipanti f'konformità mal-Artikolu 74f;

(d) imgħax imħallas fuq self riċevut minn istituzzjonijiet finanzjarji jew partijiet terzi oħra f'konformità mal-Artikolu 74g.";

29. fl-Artikolu 61(2), il-kliem "fis-sessjoni plenarja tiegħu" huwa sostitwit bil-kliem "fis-sessjoni plenarja konġunta tiegħu";

30. fl-Artikolu 63(8), il-kliem "fis-sessjoni plenarja tiegħu" huwa sostitwit bil-kliem "fis-sessjoni plenarja konġunta tiegħu";

31. L-Artikolu 65 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 2(1) u punt (b) tal-Artikolu 2(2) rispettivament għandhom jikkontribwixxu għall-Parti I tal-baġit tal-Bord f'konformità ma' dan ir-Regolament u l-atti delegati dwar il-kontribuzzjonijiet adottati skont il-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu.";

(b) fil-paragrafu 5, il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) tiddetermina t-tip ta' kontribuzzjonijiet, il-kwistjonijiet li għalihom huma dovuti kontribuzzjonijiet u, tqis il-kompiti differenti tal-Bord skont dan ir-Regolament għall-finijiet tal-SRM u l-EDIS, il-mod li bih l-ammont tal-kontribuzzjonijiet huwa kkalkolat u l-mod li bih għandhom jitħallsu;";

32. fit-Titolu V tal-Parti III, l-intestatura tal-Kapitolu 2 hija sostitwita b'"Il-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni u l-Fond ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti";

33. fil-Kapitolu 2 tat-Titolu V tal-Parti III, l-intestatura tat-Taqsima 1 hija sostitwita b'"Kostituzzjoni tal-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni";

34. fil-Kapitolu 2 tat-Titolu V tal-Parti III, tiddaħħal it-taqsima li ġejja;

## "TAQSIMA 1A
## KOSTITUZZJONI TAL-FOND TA' ASSIGURAZZJONI TAD-DEPOŻITI

*Artikolu 74a*
*Dispożizzjonijiet Ġenerali*

1. Id-DIF huwa b'dan stabbilit. Dan għandu jimtela minn kontribuzzjonijiet dovuti lill-Bord minn istituzzjonijiet tal-kreditu affiljati mal-iSGD parteċipanti. Il-kontribuzzjonijiet jiġu kkalkolati u fatturati, f'isem il-Bord, minn SGD parteċipanti.
2. Il-Bord għandu juża d-DIF biss sabiex jipprovdi l-finanzjament lil SGD parteċipanti u jkopri t-telf tagħha fl-istadji differenti stabbiliti fl-Artikolu 1(2) u f'konformità mal-għanijiet u mal-prinċipji li jirregolaw l-EDIS imsemmija fl-Artikolu 6. Il-baġit tal-Unjoni jew il-baġits nazzjonali fl-ebda ċirkostanza ma għandhom jinżammu responsabbli għal spejjeż jew telf tal-Fond.
3. Is-sid tad-DIF ikun il-Bord. L-attivitajiet tal-Bord taħt dan ir-Regolament taħt l-ebda ċirkostanza ma jistgħu jinvolvu r-responsabbiltà baġitarja tal-Istati Membri.

*Artikolu 74b*
*Il-livelli fil-mira tal-Fond ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti*

1. Sa tmiem il-perjodu ta' riassigurazzjoni, il-mezzi finanzjarji disponibbli tad-DIF għandhom jilħqu livell fil-mira inizjali ta' 20 % ta' erbgħa minn kull disgħa tas-somma tal-livelli fil-mira minimi li l-iSGD parteċipanti għandhom jilħqu f'konformità mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 10(2) tad-Direttiva 2014/49/UE.
2. Fl-aħħar tal-perjodu ta' riassigurazzjoni, il-mezzi finanzjarji disponibbli tad-DIF għandhom jilħqu t-total tal-livelli fil-mira minimi li l-iSGD parteċipanti għandhom jilħqu skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 10(2) tad-Direttiva 2014/49/UE.
3. Waqt il-perjodi ta' riassigurazzjoni u koassigurazzjoni, il-kontribuzzjonijiet lid-DIF ikkalkolati skont l-Artikolu 74c għandhom jitqassmu maż-żmien b'mod kemm jista' jkun uniformi sakemm il-livell fil-mira rispettiv jintlaħaq.
4. Wara li jkun intlaħaq il-livell fil-mira speċifikat fil-paragrafu 2 għall-ewwel darba u fejn il-mezzi finanzjarji disponibbli jkunu sussegwentement tnaqqsu għal inqas minn żewġ terzi tal-livell fil-mira, il-kontribuzzjonijiet ikkalkolati skont l-Artikolu 74c għandhom jiġu stabbiliti f'livell li jippermetti li jintlaħaq il-livell fil-mira fi żmien sitt snin.
5. Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 93 sabiex tispeċifika dan li ġej:
   (a) kriterji biex il-kontribuzzjonijiet għad-DIF ikkalkolati skont il-paragrafu 2 jitqassmu maż-żmien;
   (b) kriterji għall-istabbiliment tal-kontribuzzjonijiet annwali previsti fil-paragrafu 4.

*Artikolu 74c*
*Kontribuzzjonijiet ex-ante*

1. Kull sena waqt il-perjodu ta' riassigurazzjoni u koassigurazzjoni, il-Bord, wara li jikkonsulta l-BĊE u l-awtorità kompetenti nazzjonali u f'kooperazzjoni mill-qrib mal-iSGD parteċipanti u l-awtoritajiet maħtura, għandu jiddetermina għal kull SGD

parteċipanti l-ammont totali ta' kontribuzzjonijiet *ex-ante* li tista' titlob mill-istituzzjonijiet tal-kreditu affiljati mal-iSGD parteċipanti rispettivi sabiex jintlaħqu l-livelli fil-mira previsti fl-Artikolu 74b. L-ammont totali ta' kontribuzzjonijiet ma għandux jaqbeż il-livelli fil-mira previsti fl-Artikolu 74b(1) u (2).

2. Waqt il-perjodu ta' riassigurazzjoni kull SGD parteċipanti għandha tikkalkola, abbażi tal-ammont totali ddeterminat mill-Bord skont il-paragrafu 1, il-kontribuzzjoni ta' kull istituzzjoni ta' kreditu affiljata magħha. Għandha tapplika l-metodu bbażat fuq ir-riskju stabbilit mill-att delegat skont it-tieni subparagrafu ta' paragrafu 5.

   Wara l-perjodu ta' riassigurazzjoni, il-Bord innifsu jikkalkola l-kontribuzzjoni ta' kull istituzzjoni ta' kreditu affiljata ma' SGD parteċipanti. Il-Bord għandu japplika l-metodu bbażat fuq ir-riskju stabbilit mill-att delegat skont it-tielet subparagrafu tal-paragrafu 5.

   Fl-istadji kollha tal-EDIS, l-iSGD parteċipanti għandha tiffattura, f'isem il-Bord, il-kontribuzzjoni ta' kull istituzzjoni ta' kreditu fuq bażi annwali. L-istituzzjonijiet tal-kreditu għandhom iħallsu l-ammont fatturat direttament lill-Bord. Il-kontribuzzjonijiet ikunu dovuti kull 31 ta' Mejju ta' kull sena.

3. Il-kontribuzzjonijiet debitament riċevuti ta' kull istituzzjoni ta' kreditu msemmija fl-Artikolu 2(2) ma għandhomx jiġu rimborżati lil dawk l-entitajiet.

4. Il-kontribuzzjonijiet li l-istituzzjonijiet tal-kreditu affiljati ma' SGD parteċipanti jħallsu lid-DIF skont dan l-Artikolu jgħoddu fir-rigward tal-livell fil-mira minimu li l-iSGD parteċipanti għandhom jilħqu f'konformità mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 10(2) tad-Direttiva 2014/49/UE. Jekk l-iSGD parteċipanti, sat-3 ta' Lulju 2024 jew kwalunkwe data aktar tard, tkun segwiet il-perkors ta' finanzjament stipulat fl-Artikolu 41j u l-istituzzjonijiet tal-kreditu affiljati magħha jkunu ħallsu lid-DIF, il-kontribuzzjonijiet *ex-ante* kollha li sat-3 ta' Lulju 2024, kellhom jitħallsu lid-DIF, dawn il-kontribuzzjonijiet ikunu jikkostitwixxu l-kontribuzzjoni sħiħa dovuta sabiex jintlaħaq il-livell fil-mira f'konformità mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 10(2) tad-Direttiva 2014/49/UE.

   L-Istati Membri jistgħu jipprovdu li l-iSGD parteċipanti tista' tikkunsidra l-kontribuzzjonijiet imħallsa lid-DIF mill-istituzzjonijiet tal-kreditu affiljati magħha meta ddeterminaw il-livell ta' kontribuzzjonijiet *ex-ante* tagħhom jew tista' tirrimborża lil dawn l-istituzzjonijiet tal-kreditu mill-mezzi finanzjarji disponibbli tagħha sal-punt li dawn jkunu jaqbżu l-ammonti stabbiliti fl-Artikolu 41j fid-data rilevanti.

5. Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 93 sabiex tispeċifika metodu bbażat fuq ir-riskju għal kalkolazzjoni ta' kontribuzzjonijiet f'konformità mal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

   Għandha tadotta att delegat wieħed li jispeċifika l-metodu għall-kalkolazzjoni ta' kontribuzzjonijiet li għandhom jitħallsu lill-iSGD parteċipanti u, għall-perjodu ta' riassigurazzjoni biss, lid-DIF. F'dan l-att delegat il-kalkolazzjoni tkun abbażi tal-ammont ta' depożiti koperti u l-grad ta' riskju mġarrab minn kull istituzzjoni ta' kreditu b'rabta mal-istituzzjonijiet tal-kreditu l-oħra kollha affiljati mal-istess SGD parteċipanti.

   Għandha tadotta t-tieni att delegat li jispeċifika l-metodu għall-kalkolazzjoni tal-kontribuzzjonijiet li għandhom jitħallsu lid-DIF mill-perjodu ta' koassigurazzjoni. F'dan it-tieni att delegat il-kalkolazzjoni tkun abbażi tal-ammont ta' depożiti

koperti u l-grad ta’ riskju mġarrab minn kull istituzzjoni ta’ kreditu b’rabta mal-istituzzjonijiet tal-kreditu l-oħra kollha msemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 2(2).

Iż-żewġ atti delegati għandhom jinkludu formula ta’ kalkolazzjoni, indikaturi speċifiċi, klassijiet tar-riskju għall-membri, limiti għal piżijiet tar-riskju assenjati lil klassijiet tar-riskju speċifiċi, u elementi neċessarji oħra. Il-grad tar-riskju għandu jkun ivvalutat abbażi tal-kriterji li ġejjin:

(a) il-livell ta’ kapaċità ta’ assorbiment ta’ telf tal-istituzzjoni;

(b) il-ħila tal-istituzzjoni biex tissodisfa l-obbligi fuq perjodu qasir u twil;

(c) l-istabbiltà u l-varjetà tas-sorsi ta’ finanzjament tal-istituzzjonijiet u l-assi likwidi ħafna mhux gravati;

(d) il-kwalità tal-assi tal-istituzzjoni;

(e) il-mudell kummerċjali u l-ġestjoni tal-istituzzjoni;

(f) il-grad ta’ kemm l-assi tal-istituzzjoni huma gravati.

*Artikolu 74d*
*Kontribuzzjonijiet ex-post straordinarji*

1. Meta, wara l-perjodu ta’ riassigurazzjoni, il-mezzi finanzjarji disponibbli mhumiex suffiċjenti biex ikopru t-telf, l-ispejjeż jew spejjeż oħra mġarrba mid-DIF wara event ta’ żborż, il-kontribuzzjonijiet *ex-post* straordinarji mingħand l-istituzzjonijiet tal-kreditu affiljati mal-iSGD parteċipanti għandhom jinġabru sabiex ikunu koperti l-ammonti addizzjonali. Minkejja l-paragrafi 2 u 3, l-ammont ta’ kontribuzzjonijiet *ex-post* li għandhom jinġabru għandu jkun daqs in-nuqqas ta’ mezzi finanzjarji disponibbli iżda ma għandux jaqbeż is-sehem massimu tad-depożiti totali koperti tal-istituzzjonijiet tal-kreditu kollha fl-ambitu tal-EDIS stabbilit minn att delegat tal-Kummissjoni f’konformità mal-paragrafu 5.

2. Il-Bord jikkalkola huwa stess il-kontribuzzjoni ta’ kull istituzzjoni tal-kreditu affiljata ma’ kull SGD parteċipanti. Għandu japplika l-metodu bbażat fuq ir-riskju speċifikat fl-att delegat adottat mill-Kummissjoni f’konformità mat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 74c(5).

   It-tielet subparagrafu tal-Artikolu 74c(2) japplika b’analoġija.

3. Il-Bord għandu, fuq inizjattiva tiegħu stess, wara li jikkonsulta mal-awtorità kompetenti rilevanti, jew fuq proposta mill-awtorità kompetenti rilevanti, jiddifferixxi, parzjalment jew kompletament, f’konformità mal-atti delegati msemmija fil-paragrafu 4, il-ħlas minn istituzzjoni ta’ kontribuzzjonijiet *ex-post* straordinarji jekk dan ikun neċessarju biex jipproteġi l-pożizzjoni finanzjarja tagħha. Tali differiment ma għandux isir għal perjodu itwal minn sitt xhur iżda jista’ jiġġedded fuq talba tal-istituzzjoni. Il-kontribuzzjonijiet differiti skont dan il-paragrafu għandhom isiru f’perjodu iktar tard meta l-pagament ma jipperikolax iktar il-pożizzjoni finanzjarja tal-istituzzjoni.

4. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f’konformità mal-Artikolu 93 biex tispeċifika l-limiti annwali msemmija fil-paragrafu 1 u ċ-ċirkostanzi u l-kundizzjonijiet li taħthom il-ħlas ta’ kontribuzzjonijiet *ex-post* minn entità msemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 2(2) jista’ jkun parzjalment jew kompletament differit skont il-paragrafu 3 ta’ dan l-Artikolu.

*Artikolu 74e*
*Implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet skont dan ir-Regolament*

1. L-iSGD parteċipanti għandha tieħu l-passi meħtieġa sabiex timplimenta d-deċiżjonijiet imsemmija f'dan ir-Regolament.

   Soġġett għal dan ir-Regolament, l-iSGD parteċipanti għandha teżerċita s-setgħat tagħha skont il-liġi nazzjonali li tittrasponi d-Direttiva 2014/49/UE u f'konformità mal-kundizzjonijiet stipulati mil-liġi nazzjonali. L-iSGD parteċipanti għandha tinforma bis-sħiħ lill-Bord dwar l-eżerċitar ta' dawk is-setgħat.

2. Meta SGD parteċipanti ma applikatx jew ma kinitx konformi ma' deċiżjoni tal-Bord skont dan ir-Regolament jew applikatha b'mod li joħloq theddida għall-implimentazzjoni effiċjenti tal-EDIS u għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament, il-Bord jista' jordna lill-iSGD parteċipanti biex tadotta kwalunkwe azzjoni neċessarja sabiex tkun konformi mad-deċiżjoni inkwistjoni.

3. Meta SGD parteċipanti indirizzat deċiżjoni lil istituzzjoni tal-kreditu affiljata magħha, inkluż il-fatturat tal-kontribuzzjonijiet, u l-istituzzjoni tal-kreditu ma kinitx konformi ma' dik id-deċiżjoni b'mod intenzjonali jew b'mod negliġibbli, il-Bord għandu jieħu deċiżjoni li timponi multa fuq l-istituzzjoni tal-kreditu skont l-Artikolu 38.

*Artikolu 74f*
*Self volontarju lil SGD mhux parteċipanti u self volontarju mingħandha*

1. Il-Bord għandu jiddeċiedi li jagħmel talba biex jissellef għad-DIF minn skemi ta' garanzija tad-depożiti fl-Istati Membri mhux parteċipanti fil-każ li:

   (a) l-ammonti miġbura skont l-Artikolu 74c mhumiex biżżejjed biex ikopru t-telf, il-kostijiet jew spejjeż oħra mġarrba bl-użu tad-DIF b'rabta ma' azzjonijiet ta' riżoluzzjoni;

   (b) il-kontribuzzjonijiet *ex-post* straordinarji previsti fl-Artikolu 74d mhumiex immedjatament aċċessibbli;

   (c) il-mezzi alternattivi ta' finanzjament previsti fl-Artikolu 74g mhumiex immedjatament aċċessibbli b'kundizzjonijiet raġonevoli.

2. Dawk l-iskemi ta' garanzija tad-depożiti għandhom jiddeċiedu fuq it-tali talba skont l-Artikolu 12 tad-Direttiva 2014/49/UE.

3. Il-Bord jista' jiddeċiedi li jsellef lil skemi ta' garanzija tad-depożiti oħra fi ħdan Stati Membri mhux parteċipanti fuq talba. L-Artikolu 12 tad-Direttiva 2014/49/UE japplika b'analoġija fir-rigward tal-kundizzjonijiet ta' self.

*Artikolu 74g*
*Mezzi alternattivi ta' finanzjament*

1. Il-Bord jista' jikkuntratta għas-self tad-DIF jew kwalunkwe forma oħra ta' appoġġ mill-istituzzjonijiet, istituzzjonijiet finanzjarji jew partijiet terzi oħra, li joffru kundizzjonijiet finanzjarji aħjar, fl-iktar żmien xieraq sabiex jiġu ottimizzati l-ispejjeż tal-finanzjament u jżomm ir-reputazzjoni tiegħu. Ir-rikavati minn self bħal dan għandhom jintużaw esklussivament biex jiġu ssodisfati l-obbligi ta' ħlas fil-konfront ta' SGD parteċipanti, f'każ li l-ammonti f'konformità mal-Artikolu 74c u

74d mhumiex aċċessibbli immedjatament jew ma jkoprux l-ammonti mitluba mid-DIF fir-rigward ta' eventi ta' żborż.

2. Is-self jew forom oħra ta' appoġġ imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikunu kompletament irkuprati f'konformità mal-Artikoli 74c u 74d.

3. Kwalunkwe spiża mġarrba mill-użu tas-self speċifikat fil-paragrafu 1 għandha tiġġarrab mill-Parti III tal-baġit tal-Bord u mhux mill-baġit tal-Unjoni jew mill-Istati Membri parteċipanti.

4. Il-Bord jista' jiddeċiedi li jinvesti r-rikavati mit-teħid ta' self f'konformità mal-Artikolu 75 sabiex jipproteġi l-valur reali tagħhom.";

35. fil-Kapitolu 2 tat-Titolu V tal-Parti III, l-intestatura tat-Taqsima 2 hija sostitwita b'"Amministrazzjoni tal-SRF u tad-DIF".

36. L-Artikolu 75 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 75*
*Investimenti*

1. Il-Bord għandu jamministra l-SRF u d-DIF f'konformità ma' dan ir-Regolament u mal-atti delegati adottati skont il-paragrafu 4.

2. L-ammonti riċevuti mingħand istituzzjoni f'riżoluzzjoni jew istituzzjoni tranżitorja, l-imgħax u l-gwadann ieħor fuq l-investimenti u kwalunkwe gwadann ieħor ikun biss għall-benefiċċju tal-SRF u d-DIF.

3. Il-Bord għandu jkollu strateġija ta' investiment prudenti u sikura li hija prevista fl-atti delegati adottati skont il-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu, u għandu jinvesti l-ammonti miżmuma fl-SRF u d-DIF f'obbligi tal-Istati Membri jew ta' organizzazzjonijiet intergovernattivi, jew f'assi likwidi ħafna b'affidabbiltà kreditizja għolja, filwaqt li jqis l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 460 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 kif ukoll dispożizzjonijiet rilevanti oħra ta' dak ir-Regolament. L-investimenti għandhom ikunu settorjalment, ġeografikament u proporzjonalment diversifikati biżżejjed. L-SRF u d-DIF rispettivament għandhom jibbenefikaw mir-redditu fuq dawk l-investimenti.

4. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati dwar ir-regoli dettaljati għall-amministrazzjoni tal-Fond u kriterji u prinċipji ġenerali għall-istrateġija ta' investiment tagħhom, f'konformità mal-proċedura stipulata fl-Artikolu 93.";

37. jiddaħħal l-Artikolu 77a li ġej:

*"Artikolu 77a*
*Użu tad-DIF*

1. Waqt il-perjodu ta' riassigurazzjoni, il-Bord għandu juża d-DIF biex jipprovdi l-finanzjament f'konformità mal-Artikolu 41a(2) u jkopri sehem mit-telf eċċessiv f'konformità mal-Artikolu 41a(3).

2. Waqt u wara l-perjodu ta' koassigurazzjoni, il-Bord għandu juża d-DIF biex jipprovdi l-finanzjament skont l-Artikolu 41d(2) u l-Artikolu 41h(2), rispettivament, u jkopri t-telf eċċessiv skont l-Artikolu 41d(3) u 41(h)3, rispettivament.

3. L-użu tad-DIF fir-rigward ta' istituzzjoni ta' kreditu affiljata ma' SGD parteċipanti għandu jkun jiddependi fuq il-konformità ta' din l-istituzzjoni tal-kreditu mal-obbligi li jaqgħu fuqha bħala membru tal-iSGD parteċipanti stabbiliti f'dan ir-Regolament u fid-Direttiva 2014/49/UE.";

38. fit-Titolu VI tal-Parti III, fl-Artikolu 81(4), l-Artikolu 83(2) u (3), l-Artikolu 87(4), l-Artikolu 88(2) u (6), il-kliem "awtorità nazzjonali ta' riżoluzzjoni" huwa sostitwit b'"awtorità nazzjonali ta' riżoluzzjoni, SGD parteċipanti jew awtoritajiet maħtura meta rilevanti" u l-kliem "awtoritajiet nazzjonali ta' riżoluzzjoni" huwa sostitwit b'"awtoritajiet nazzjonali ta' riżoluzzjoni, SGD parteċipanti jew awtoritajiet maħtura meta rilevanti";

39. L-Artikolu 93 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Id-delega ta' setgħat imsemmija fl-Artikolu 19(8), l-Artikolu 65(5), l-Artikolu 69(5), l-Artikolu 71(3), l-Artikolu 74b(5), l-Artikolu 74c(5), l-Artikolu 74d(4) u l-Artikolu 75(4) tingħata għal perjodu ta' żmien indeterminat mid-dati rilevanti msemmija fl-Artikolu 99.";

(b) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Id-delega ta' setgħat imsemmija fl-Artikolu 19(8), l-Artikolu 65(5), l-Artikolu 69(5), l-Artikolu 71(3), l-Artikolu 74b(5), l-Artikolu 74c(5), l-Artikolu 74d(4) u l-Artikolu 75(4) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka ttemm id-delega ta' setgħat speċifikata f'dik id-Deċiżjoni. Din issir effettiva l-għada tal-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data iktar tard speċifikata fih. Din ma taffettwax il-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.";

(c) il-paragrafu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 19(8), l-Artikolu 65(5), l-Artikolu 69(5), l-Artikolu 71(3), l-Artikolu 74b(5), l-Artikolu 74c(5), l-Artikolu 74d(4) u l-Artikolu 75(4) jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkunx ġiet espressa oġġezzjoni la mill-Parlament Ewropew u lanqas mill-Kunsill f'perjodu ta' tliet xhur min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn għarrfu lill-Kummissjoni li huma ma jkunux se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu jiġi estiż bi tliet xhur fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.";

40. fl-Artikolu 99 jiżdied il-paragrafu 5a li ġej:

"5a. B'deroga mill-paragrafu 2, l-Artikolu 1(2), il-Parti IIa u l-Parti III, it-Titolu V Kapitolu 2 Taqsima 1a japplikaw minn [*OP daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament*]";

41. fir-Regolament (UE) Nru 806/2014 kollu, il-kelma "il-Fond" hija sostitwita b'"l-SRF".

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Strasburgu,

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
| *Il-President* | *Il-President* |

## DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

### 1. QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/inizjattiva

1.2. Qasam/oqsma ta' politika kkonċernat(i) fl-istruttura tal-ABM/ABB

1.3. Natura tal-proposta/inizjattiva

1.4. Objettiv(i)

1.5. Raġunijiet għall-proposta/inizjattiva

1.6. Tul taż-żmien u l-impatt finanzjarju

1.7. Metodu/i ta' ġestjoni previst(i)

### 2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rappurtar

2.2. Sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni tal-frodi u tal-irregolaritajiet

### 3. STIMA TAL-IMPATT FINANZJARJU TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

3.1. Intestatura jew intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja jew l-linji baġitarji tan-nefqa affettwati

3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

*3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa*

*3.2.2. Impatt stmat fuq approprjazzjonijiet operazzjonali*

*3.2.3. Impatt stmat fuq approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva*

*3.2.4. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*

*3.2.5. Kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi*

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

## DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

## 6. QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

### 6.1. Titolu tal-proposta/inizjattiva

| |
|---|
| Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 806/2014 sabiex tiġi stabbilita Skema Ewropea ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti |

### 6.2. Qasam/oqsma ta' politika kkonċernat(i) fl-istruttura tal-ABM/ABB[14]

| |
|---|
| Servizzi finanzjarji u swieq kapitali.<br>Strateġija u koordinazzjoni tal-politika għall-Istabilità Finanzjarja, is-Servizzi Finanzjarji u l-Unjoni tas-Swieq Kapitali.<br>Ġestjoni tad-Direttorat Ġenerali għall-Istabilità Finanzjarja, is-Servizzi Finanzjarji u l-Unjoni tas-Swieq Kapitali. |

### 6.3. Natura tal-proposta/inizjattiva

☑ Il-proposta/inizjattiva hija relatata ma' **azzjoni ġdida**

☐ Il-proposta/inizjattiva hija relatata ma' **azzjoni ġdida li ssegwi proġett pilota/azzjoni preparatorja**[15]

☐ Il-proposta/inizjattiva hija relatata mal-**estensjoni ta' azzjoni eżistenti**

☐ Il-proposta/inizjattiva hija relatata ma' **azzjoni ridirezzjonata lejn azzjoni ġdida**

### 6.4. Objettiv(i)

*6.4.1. L-objettiv(i) strateġiku/strateġiċi pluriennali tal-Kummissjoni fil-mira tal-proposta/inizjattiva*

| |
|---|
| 1) Iż-żamma tal-istabilità tas-sistema finanzjarja billi tissaħħaħ il-fiduċja tad-depożitanti fis-sistema bankarja madwar l-Unjoni.<br>2) It-tnaqqis tal-ostakli għall-moviment liberu tal-kapital u l-ħolqien ta' kundizzjonijiet ekwi għall-istituzzjonijiet tal-kreditu madwar l-Unjoni.<br>3) Il-protezzjoni tal-finanzi pubbliċi billi tiddgħajjef l-interazzjoni tagħhom mas-sitwazzjoni finanzjarja tal-istituzzjonijiet tal-kreditu. |

*6.4.2. Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi u l-attività/attivitajiet ABM/ABB ikkonċernata/i*

| |
|---|
| Objettiv speċifiku Nru:<br>Fid-dawl tal-objettivi ġenerali ta' hawn fuq ġew stabbiliti l-objettivi speċifiċi segwenti:<br>1) It-tlestija tal-Unjoni Bankarja permezz tat-tnedija ta' Skema Ewropea ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti (l-EDIS) li tikkumplimenta l-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku u l-Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni.<br>2) Il-ħolqien ta' Fond ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti (id-DIF) fl-ambitu tal-Baġit tal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni (l-SRB jew il-Bord) li jgħin fl-assorbiment tax- |

[14] ABM: immaniġġjar ibbażat fuq l-attività (activity-based management); ABB: ibbaġitjar ibbażat fuq l-attività (activity-based budgeting).

[15] Kif imsemmi fl-Artikolu 54, paragrafu 2, punt (a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

xokkijiet asimetriċi f’termini ġeografiċi fis-suq intern tal-Unjoni għas-servizzi finanzjarji, filwaqt li jtejjeb il-protezzjoni tad-depożitanti madwar l-Unjoni.

3) Il-protezzjoni tal-finanzi pubbliċi billi l-kostijiet tal-assigurazzjoni tad-depożiti jinġabru mill-banek kollha fl-Unjoni.

Ġew stabbiliti l-objettivi sekondarji segwenti:

a) Fl-ewwel stadju (il-perjodu ta’ riassigurazzjoni), id-DIF, sa ċertu punt, jipprovdi finanzjament u jkopri s-sehem mit-telf ta’ skema ta’ garanzija tad-depożiti parteċipanti (l-iSGD) f’każ li l-mezzi finanzjarji neċessarji sabiex l-iSGD parteċipanti tikkonforma mal-obbligi ta’ pagament tagħha skont id-Direttiva 2014/49/UE fil-konfront tad-depożitanti jew fil-konfront awtorità ta’ riżoluzzjoni jkunu aktar mir-riżorsi finanzjarji tal-iSGD.

b) Fit-tieni stadju (il-perjodu ta’ koassigurazzjoni), id-DIF, sa punt li jiżdied gradwalment, jipprovdi finanzjament u jkopri sehem mit-telf ta’ skema ta’ garanzija tad-depożiti parteċipanti fis-sitwazzjoni deskritta aktar ’il fuq (fil-punt (a)).

c) Fit-tielet stadju (l-assigurazzjoni sħiħa), id-DIF, jipprovdi l-finanzjament kollu u jkopri t-telf kollu ta’ skema ta’ garanzija tad-depożiti parteċipanti fis-sitwazzjoni deskritta aktar ’il fuq (fil-punt (a)).

Attività/attivitajiet ikkonċernata/i tal-ABM/ABB

Servizzi finanzjarji u swieq kapitali.

Strateġija u koordinazzjoni tal-politika għall-Istabilità Finanzjarja, is-Servizzi Finanzjarji u l-Unjoni tas-Swieq Kapitali.

Ġestjoni tad-Direttorat Ġenerali għall-Istabilità Finanzjarja, is-Servizzi Finanzjarji u l-Unjoni tas-Swieq Kapitali.

*6.4.3. Ir-riżultat(i) u l-impatt mistenni(ja)*

| |
|---|
| 1) Il-proposta se ddgħajjef b'mod sinifikanti l-interazzjoni bejn il-finanzi pubbliċi ta' Stat Membru parteċipanti u l-istituzzjonijiet tal-kreditu stabbiliti fih.<br><br>2) Il-proposta se tnaqqas il-frammentazzjoni tas-suq intern għas-servizzi finanzjarji u toħloq kundizzjonijiet ekwi għall-istituzzjonijiet tal-kreditu kollha stabbiliti fl-Istati Membri parteċipanti.<br><br>3) Il-proposta se żżid b'mod sinifikanti l-fiduċja fil-protezzjoni tad-depożiti fl-Istati Membri parteċipanti kollha. |

*6.4.4. Indikaturi tar-riżultati u tal-impatt*

| |
|---|
| 1) Tnaqqis fiċ-ċaqliq tad-depożiti mill-istituzzjonijiet tal-kreditu stabbiliti fl-Istati Membri parteċipanti perċepiti bħala li għandhom finanzi pubbliċi mhux fis-sod, għall-istituzzjonijiet tal-kreditu stabbiliti fi Stati Membri parteċipanti perċepiti bħala li għandhom finanzi pubbliċi fis-sod.<br><br>2) Anqas differenzi fil-firxa tar-rati tal-imgħax fuq id-depożiti bejn l-istituzzjonijiet tal-kreditu stabbiliti fi Stati Membri parteċipanti differenti.<br><br>3) Żieda fl-għadd u fid-daqs tal-istituzzjonijiet tal-kreditu li għalihom, f'każ li d-depożiti miżmuma f'tali istituzzjonijiet tal-kreditu ma jibqgħux disponibbli jew l-istituzzjoni tal-kreditu ssir soġġetta għal proċedimenti ta' riżoluzzjoni, SGD parteċipanti tkun tista' tissodisfa l-obbligi tagħha fil-konfront tad-depożitanti jew tal-awtorità ta' riżoluzzjoni. |

## 6.5. Raġunijiet għall-proposta/inizjattiva

*6.5.1. Rekwiżit(i) li għandhom jiġu ssodisfati fuq terminu qasir jew twil*

| |
|---|
| Fl-2012, il-Kummissjoni talbet għal Unjoni Bankarja li tpoġġi s-settur bankarju fuq bażi iktar soda u biex jerġa' jkun hemm fiduċja fl-euro bħala parti minn viżjoni ta' terminu itwal għal integrazzjoni ekonomika u fiskali. L-Unjoni Bankarja għandha tiġi implimentata billi s-superviżjoni tinġieb fuq livell Ewropew, tistabbilixxi ġestjoni integrata tal-kriżijiet bankarji u, daqstant importanti, sistema komuni għall-protezzjoni tad-depożiti. Filwaqt li l-ewwel żewġ passi ntlaħqu permezz tal-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku tal-Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni, sistema komuni għall-protezzjoni tad-depożiti għadha ma ġietx stabbilita.<br><br>Ir-Rapport tal-Ħames Presidenti u l-Komunikazzjoni ta' segwitu tal-Kummissjoni stabbilixxew pjan ċar għat-tisħiħ tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja (UEM), inklużi passi biex jitnaqqsu iktar ir-riskji għall-istabilità finanzjarja. It-Tlestija tal-Unjoni Bankarja hija pass indispensabbli lejn UEM sħiħa u approfondita. Għall-munita unika, sistema finanzjarja unifikata u integrata b'mod sħiħ hija essenzjali mhux biss għat-trażmissjoni xierqa tal-politika monetarja, iżda wkoll għal diversifikazzjoni adegwata tar-riskju fost il-pajjiżi u fiduċja ġenerali fis-sistema bankarja fiż-żona tal-euro.<br><br>B'mod partikolari, ir-Rapport tal-Ħames Presidenti jipproponi li jistabbilixxi, fit-tul, Skema Ewropea ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti (EDIS), bħala t-tielet pilastru ta' Unjoni Bankarja żviluppata bis-sħiħ flimkien ma' superviżjoni bankarja, li tinsab f'idejn il-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku (MSU), u mar-riżoluzzjoni tal-bank, li ġiet fdata lill-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRB). |

*6.5.2. Valur miżjud tal-involviment tal-UE*

Ir-Rapport tal-Ħames Presidenti jiġbed l-attenzjoni li hekk kif l-istruttura attwali bl-iskemi ta' garanzija tad-depożiti (iSGD) nazzjonali tibqa' vulnerabbli għal xokkijiet lokali kbar (b'mod partikolari meta s-sovran u s-settur bankarju nazzjonali jkunu perċepiti bħala li jinsab f'qagħda fraġli), assigurazzjoni ta' depożitu komuni żżid ir-reżiljenza kontra kriżijiet futuri. Skema komuni aktarx ukoll li tul iż-żmien tkun aktar newtrali f'termini fiskali minn skemi ta' garanzija tad-depożiti nazzjonali għaliex ir-riskji jitferrxu aktar u għaliex il-kontribuzzjonijiet privati jinġabru minn ġabra ħafna akbar ta' istituzzjonijiet finanzjarji. Skont ir-Rapport tal-Ħames Presidenti, għandhom diġà jittieħdu passi tranżitorji sa nofs l-2017, bħala parti mill-Ewwel Stadju tat-tlestija tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja tal-Ewropa, pereżempju fl-għamla ta' mekkaniżmu ta' riassigurazzjoni. L-EDIS ikun iffinanzjat b'mod privat permezz ta' tariffi bbażati fuq ir-riskju *ex ante* mħallsa mill-banek kollha parteċipanti fl-Istati Membri u mfassla b'mod li jippreveni l-periklu morali.

*6.5.3. Tagħlimiet minn esperjenzi simili fil-passat*

Hemm ftit li xejn informazzjoni disponibbli pubblikament dwar il-livelli ta' persunal tal-iSGD nazzjonali. Apparti minn hekk, l-iSGD nazzjonali huma organizzati f'għamliet differenti u jirċievu livelli differenti ta' assistenza mill-persunal ta' pereż. assoċjazzjonijiet bankarji jew awtoritajiet superviżorji, jew jużaw l-istess servizzi tagħhom. Stħarriġ mill-Forum Ewropew ta' Assiguraturi tad-Depożiti jindika li l-livelli ta' persunal dirett (jiġifieri bla funzjonijiet ta' sostenn) ivarjaw minn 10 sa 40 FTE (ekwivalenti għal *full time*).

*6.5.4. Kompatibbiltà u sinerġija possibbli ma' strumenti oħrajn rilevanti*

Wara t-twaqqif tal-MSU permezz tal-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku (MSU) permezz tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013 u tal-Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRM) permezz tar-Regolament (UE) 806/2014, hemm allinjament ħażin bejn is-superviżjoni tal-Unjoni u r-riżoluzzjoni ta' banek fl-Istati Membri parteċipanti, min-naħa waħda, u l-effikaċja u l-kredibbiltà ta' SGD nazzjonali f'każ ta' falliment ta' dawk l-istess banek skont id-Direttiva 2014/49/UE, min-naħa l-oħra. It-twaqqif tal-EDIS huwa pass essenzjali lejn it-tlestija tat-tielet pilastru ta' Unjoni Bankarja żviluppata bis-sħiħ flimkien mas-superviżjoni u r-riżoluzzjoni bankarja.

Dan ir-Regolament propost jibni fuq il-qafas eżistenti ta' skemi nazzjonali ta' garanzija tad-depożiti kif irregolat mid-Direttiva 2014/49/UE (id-Direttiva SGD). It-twaqqif ta' EDIS huwa parti integrali mill-proċess ta' armonizzazzjoni ulterjuri tal-garanziji tad-depożiti skont id-Direttiva 2014/49/UE. L-applikazzjoni uniformi tal-qafas tal-garanzija tad-depożiti fl-Istati Membri parteċipanti f'EDIS se tittejjeb bħala riżultat ta' dan ir-Regolament propost permezz tal-attribuzzjoni ta' setgħat ta' teħid tad-deċiżjonijiet, il-monitoraġġ u l-infurzar b'rabta mal-EDIS lill-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni ("il-Bord"). Dan l-approċċ se jiżgura l-istess protezzjoni għad-depożitanti koperti u se jappoġġja t-tħaddim kif suppost tas-Suq Intern. Sabiex ikun żgurat li l-Istati Membri parteċipanti kollha jkollhom fiduċja sħiħa fil-kwalità u fl-imparzjalità tal-protezzjoni tad-depożiti mill-EDIS u sabiex tittejjeb l-effettività tal-garanzija tad-depożiti, ir-Regolament propost jistabbilixxi Fond ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti (id-DIF). Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni jiġbor il-kontribuzzjonijiet direttament mill-istituzzjonijiet u jġesti u jamministra d-DIF.

## 6.6. Tul taż-żmien u l-impatt finanzjarju

☐ Proposta/inizjattiva ta' **tul ta' żmien** limitat

– ☐ ☐Il-proposta/l-inizjattiva fis-seħħ minn [JJ/XX]SSSS sa [JJ/XX]SSSS

– ☐ ☐Impatt finanzjarju minn SSSS sa SSSS

☑ Proposta/inizjattiva ta' **tul ta' żmien mingħajr limitu**

– Implimentazzjoni b'perjodu ta' bidu mill-2017 sal-2024,

– segwita minn operazzjoni fuq skala sħiħa.

## 6.7. Metodu/i ta' ġestjoni previst(i)[16]

☐ **Ġestjoni diretta** mill-Kummissjoni

– ☐ mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;

– ☐ ☐mill-aġenziji eżekuttivi

☐ **Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri

☐ **Ġestjoni indiretta** b'delega tal-kompiti ta' implimentazzjoni lil:

– ☐ pajjiżi terzi jew il-korpi nnominati minnhom;

– ☐ organizzazzjonijiet internazzjonali u l-aġenziji tagħhom (għandhom jiġu speċifikati);

– ☐il-BEI u l-Fond Ewropew tal-Investiment;

– ☑ korpi msemmija fl-Artikoli 208 u 209 tar-Regolament Finanzjarju;

– ☐ korpi tal-liġi pubblika;

– ☐ korpi rregolati mil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku, sa fejn jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

– ☐ korpi rregolati mil-liġi privata ta' Stat Membru li jkunu fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika privata u li jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

– ☐ il-persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-PESK, skont it-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u identifikati fl-att bażiku rilevanti.

[16] Id-dettalji tal-metodi ta' ġestjoni u r-referenzi tar-Regolament Finanzjarju jinsabu fuq is-sit web tal-BudgWeb: http://www.cc.cec/budg/man/budgmanag/budgmanag_en.html

## 7. MIŻURI TA' ĠESTJONI

### 7.1. Regoli ta' monitoraġġ u rapportar

L-Artikolu 45 tar-Regolament jirrikjedi li l-Bord ikollu l-obbligu ta' rendikont fil-konfront tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, fost affarijiet oħra, biex kull sena jissottometti rapport lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri dwar it-twettiq tal-kompiti mogħtija lilu minn dan ir-Regolament.

### 7.2. Sistema ta' ġestjoni u kontroll

*7.2.1. Riskju/i identifikat(i)*

Il-proposta ma ġġibx magħha riskji ġodda fir-rigward tal-użu legali, ekonomiku, effiċjenti u effettiv tal-approprjazzjonijiet baġitarji.

Madankollu, il-ġestjoni interna tar-riskju għandha tikkunsidra n-natura speċifika tal-mekkaniżmu ta' finanzjament tal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni. Kuntrarjament għal ħafna korpi oħra mwaqqfa mill-Unjoni, is-servizzi provduti mill-Bord se jkunu esklussivament iffinanzjati mill-istituzzjonijiet finanzjarji.

It-tieni nett, il-Bord se jkun responsabbli mill-iżgurar tal-ġestjoni tal-Fond ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti. F'dan ir-rigward, sett ta' proċeduri ta' kontroll intern jeħtieġ li jkun żviluppat u stabbilit.

*7.2.2. Informazzjoni li tikkonċerna s-sistema stabbilita ta' kontroll intern*

Il-qafas u r-regoli għall-kontroll intern għandu jsegwi s-sekwenza applikata minn awtoritajiet oħra stabbiliti fil-Kummissjoni, għajr għall-ġestjoni tal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni, li se tkun teħtieġ it-twaqqif ta' sett speċifiku ta' regoli.

*7.2.3. Stima tal-kostijiet u tal-benefiċċji tal-kontrolli u valutazzjoni tal-livell mistenni ta' riskju ta' żball*

Il-kontrolli interni għandhom ikunu inkorporati fil-proċeduri tal-Bord rilevanti għat-twettiq tar-responsabbiltà tiegħu u għall-implimentazzjoni tal-kompiti mogħtija lilu. Il-kostijiet ta' tali proċeduri ma jaqbżux il-benefiċċji tagħhom fl-evitar tal-iżbalji materjali.

### 7.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u irregolaritajiet

Ir-Regolament jistabbilixxi li SGD parteċipanti ma għandhiex tkun koperta mill-EDIS fil-fażi ta' riassigurazzjoni, koassigurazzjoni jew assigurazzjoni sħiħa, jekk l-iSGD parteċipanti jew kwalunkwe awtorità rilevanti oħra tal-Istat Membru rispettiv ma jkunux ikkonformaw mal-obbligi skont ir-Regolament jew tad-Direttiva 2014/49/UE dwar l-iskemi ta' garanzija tad-depożiti.

Għall-finijiet tal-ġlieda kontra l-frodi, l-korruzzjoni u kwalunkwe attività illegali oħra, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1073/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Mejju 1999 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) japplikaw għall-Bord mingħajr ebda restrizzjoni.

Il-Bord għandu jaderixxi mal-Ftehim Interistituzzjonali tal-25 ta' Mejju 1999 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej dwar investigazzjonijiet interni mill-Uffiċċju Ewropew ta'

Kontra l-Frodi (OLAF) u għandu jadotta immedjatament dispożizzjonijiet xierqa għall-persunal kollu tal-Bord.

Id-deċiżjonijiet ta' finanzjament u l-ftehimiet u l-istrumenti ta' implimentazzjoni li jirriżultaw minnhom jistipulaw espliċitament li l-Qorti tal-Awdituri u l-OLAF jistgħu, jekk ikun hemm il-bżonn, jwettqu spezzjonijiet fuq il-post tal-benefiċjarji tal-flus żborżati mill-Bord kif ukoll fuq il-persunal responsabbli mill-allokazzjoni ta' dawn il-flus.

L-Artikoli 61 sa 66 tar-Regolament jistabbilixxu d-dispożizzjonijiet dwar l-implimentazzjoni u l-kontroll tal-baġit tal-Bord u r-regoli finanzjarji applikabbli.

## 8. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

L-analiżi ta' hawn taħt tipprovdi stima tal-kostijiet kumplessivi għall-Bord u l-amministrazzjoni tiegħu. Għall-baġit tal-UE mhuma mistennija ebda kostijiet billi l-ispejjeż tal-bord se jkunu ffinanzjati kompletament mill-madwar 6 000 istituzzjoni finanzjarja koperti mill-EDIS. Il-metodu għall-kalkolu se jkun ibbażat fuq id-daqs u se jkun stabbilit f'att delegat fl-2016. Għal raġunijiet ta' konsistenza, l-istess metodoloġija għandha tkun applikata taħt l-EDIS.

Il-kompiti tal-Bord se jkunu limitati fir-rigward tal-Assigurazzjoni tad-Depożiti. L-EDIS se jevolvi tul it-tliet fażijiet segwenti: (i) riassigurazzjoni, (ii) koassigurazzjoni u (iii) assigurazzjoni sħiħa. Fil-fażijiet kollha, il-Bord se jkun jeħtieġ jivvaluta jekk l-iSGD rikjedenti jikkonformax ma' għadd ta' dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2014/49/UE, partikolarment jekk żviluppax il-fond nazzjonali tiegħu. Kuntrarjament għall-funzjoni tal-Bord fir-riżoluzzjoni, ma hemm ebda element diskrezzjonali fid-deċiżjoni tiegħu, billi l-obbligu ta' pagament tal-iSGD fil-konfront tad-depożitanti (kumpens) jew fil-konfront ta' awtorità tar-riżoluzzjoni (kontribuzzjoni lejn ir-riżoluzzjoni) isegwi d-determinazzjoni ta' awtorità amministrattiva jew ġudizzjarja.

Fl-ewwel fażi, il-Bord se jivvaluta t-talbiet għal kopertura ta' riassigurazzjoni u jipprovdi l-finanzjament neċessarju biex jikkumpensa l-iSGD nazzjonali fil-limiti tal-kopertura. Dawn il-kompiti jibqgħu l-istess fil-fażi ta' koassigurazzjoni, iżda, billi l-affarijiet l-oħra jkunu ugwali, wieħed jista' jistenna għadd ogħla ta' każijiet potenzjali billi l-prekundizzjonijiet għall-kopertura mill-EDIS huma inqas restrittivi milli fil-perjodu ta' riassigurazzjoni. Taħt assigurazzjoni sħiħa, il-kompiti tal-Bord jiżdiedu b'mod sinifikanti. Apparti li jwieġeb għal talbiet għall-kopertura, ikollu jikkalkola u jiġbor il-kontribuzzjonijiet mill-banek individwali u jġesti l-Fond Ewropew ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti. Dawn il-kompiti huma simili għal dawk skont il-Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni. Għaldaqstant jistgħu jkunu mistennija ekonomiji ta' skala sinifikanti u ż-żieda fil-kompiti ma tissarrafx fi ħtieġa li l-persunal jiżdied proporzjonalment.

L-istruttura tal-persunal fl-iSGD tiddependi fuq l-ambitu tal-interventi. Xi SGD għandhom il-possibbiltà li jużaw il-fondi tagħhom għal miżuri li jilqgħu kontra l-falliment tal-istituzzjonijiet, jiġifieri l-ewwel u qabel kollox jevitaw l-eventi ta' żborż. SGD b'possibbiltà bħal din għandhom ukoll kapaċitajiet usa' ta' monitoraġġ tar-riskju u ta' ġestjoni minn SGD oħra li prinċipalment iservu ta' "kaxxa għall-pagamenti" biex jikkompensaw lid-depożitanti. L-ambitu tal-EDIS ikun limitat għall-assistenza finanzjarja lil SGD nazzjonali f'din il-funzjoni ta' kaxxa għall-pagamenti.

Hemm ftit li xejn informazzjoni disponibbli pubblikament dwar il-livelli tal-persunal tal-iSGD nazzjonali. Stħarriġ mill-Forum Ewropew tal-Assiguraturi tad-Depożiti

jindika li l-livelli tal-persunal dirett (jiġifieri bla funzjonijiet ta' sostenn) ivarjaw minn 10 sa 40 FTE (ekwivalenti għal *full time*) għal SGD bħal dawn b'funzjonijiet komparabbli mal-EDIS.

Fid-dawl tal-kompiti limitati, iżda li se jiżdiedu gradwalment, tal-EDIS, il-Kummissjoni tipproponi l-FTE segwenti għall-funzjonijiet diretti

- Taħt ir-Riassigurazzjoni: 5 FTE (+ 0,5 FTE għall-persunal ġenerali)
- Taħt il-Koassigurazzjoni: 10 FTE (+1 FTE għall-persunal ġenerali)
- Taħt l-assigurazzjoni sħiħa: 20 FTE (+2 FTE għall-persunal ġenerali)

*Tabella: Żvilupp indikattiv tal-FTEs*

| Riżorsi Umani | 2017 | 2018 | 2019 | 2020 | 2021 | 2022 | 2023 | 2024 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Pożizzjonijiet skont it-tabella tal-persunal: AD** | 4 | 4 | 4 | 4 | 8 | 8 | 8 | 16 |
| **Pożizzjonijiet skont it-tabella tal-persunal: AST** | 0,5 | 0,5 | 0,5 | 0,5 | 1 | 1 | 1 | 2 |
| **Pożizzjonijiet skont it-tabella tal-persunal: AST/SC** | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| **Total tal-pożizzjonijiet skont it-tabella tal-persunal** | **4,5** | **4,5** | **4,5** | **4,5** | **9** | **9** | **9** | **18** |
| **Aġenti Kuntrattwali** | 0,5 | 0,5 | 0,5 | 0,5 | 1 | 1 | 1 | 2 |
| **Esperti nazzjonali sekondati** | 0,5 | 0,5 | 0,5 | 0,5 | 1 | 1 | 1 | 2 |
| **It-total tal-persunal** | **5,5** | **5,5** | **5,5** | **5,5** | **11** | **11** | **11** | **22** |

Bħalissa d-DĠ FISMA għandu proporzjon ta' persunal ġenerali ta' 11,2 fil-mija. Huwa mistenni li jistgħu jinkisbu ekonomiji ta' skala sinifikanti għall-EDIS bil-funzjonijiet ta' riżoluzzjoni tal-Bord, partikolarment fil-ġestjoni tar-riżorsi umani, fil-kalkolazzjoni u fil-ġbir tal-kontribuzzjonijiet u fil-ġestjoni tal-Fond. Proporzjon ta' 9 % ta' persunal ġenerali jidher fattibbli.

*Tabella: Żvilupp indikattiv tan-nefqa*

| Nefqa | 2017 | 2018 | 2019 | 2020 | 2021 | 2022 | 2023 | 2024 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Titolu 1: Nefqa fuq il-persunal** | 658 | 658 | 658 | 658 | 1 315 | 1 315 | 1 315 | 2 631 |
| **Titolu 2: Nefqa fuq l-infrastruttura u l-operat** | 50 | 50 | 50 | 50 | 110 | 110 | 110 | 220 |
| **Titolu 3: Nefqa operazzjonali** | 116 | 116 | 116 | 116 | 232 | 232 | 232 | 464 |
| **Total** | **824** | **824** | **824** | **824** | **1 657** | **1 657** | **1 657** | **3 315** |

## Suppożizzjonijiet prinċipali

Billi tibni fuq dak li ġie vvalutat għall-funzjoni ta' riżoluzzjoni tal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni, qiegħda tiġi ssuġġerita d-distribuzzjoni segwenti tal-persunal:

- 80 % tat-AT (68 % tal-AD u 12 % tal-AST);
- 10 % tal-END;

- 10 % tal-AK;

Ir-Regolament tal-Persunal tal-istituzzjonijiet tal-UE se jiġi applikat, li huwa rifless fir-rati *per capita* użati:

- kost medju fis-sena ta' AT: EUR 131 000;
- kost medju fis-sena ta' END: EUR 78 000;
- kost medju fis-sena ta' AK: EUR 70 000.

Minbarra s-salarju, dan il-kost jinkludi l-kostijiet indiretti bħall-kostijiet għall-bini, għat-taħriġ, għall-IT u għall-infrastruttura soċjomedika.

Billi l-Bord għandu s-sede tiegħu fi Brussell, jintuża koeffiċjent ta' korrezzjoni tas-salarji ta' 1.

L-infiq operazzjonali huwa mistenni li jammonta għal 15 % tal-kostijiet totali tal-Bord. Dan huwa ferm anqas mill-25 % stmati għall-funzjoni ta' riżoluzzjoni, billi huwa mistenni li l-kostijiet għall-iżvilupp u l-manutenzjoni tas-sistemi tal-informazzjoni u tas-servizzi interni jistgħu jinqasmu flimkien mal-funzjoni ta' riżoluzzjoni.

## 8.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-intestatura/i tal-baġit tan-nefqa affettwat(i)

L-ebda impatt fuq il-baġit tal-Unjoni.

- Linji baġitarji eżistenti

<u>Fl-ordni</u> tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.

| Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali | Linja baġitarja | Tip ta' nefqa | Kontribuzzjoni | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Numru [Intestatura…………………………...………… …] | Diff./Mhux diff[17]. | mill-pajjiżi tal-EFTA[18] | mill-pajjiżi kandidati[19] | minn pajjiżi terzi | fis-sens tal-Artikolu 21, paragrafu 2, punt (b) tar-Regolament Finanzjarju |
| | [XX.YY.YY.YY] | Diff./mhux diff. | IVA/LE | IVA/LE | IVA/LE | IVA/LE |

- Linji baġitarji ġodda mitluba

*<u>Fl-ordni</u> tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.*

| Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali | Linja baġitarja | Tip ta' nefqa | Kontribuzzjoni | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Numru [Intestatura…………………………………… | Diff./mhux diff. | mill-pajjiżi tal- | mill-pajjiżi kandidati | minn pajjiżi | fis-sens tal-Artikolu 21, paragrafu 2, punt |

17 Diff. = Approprjazzjonijiet differenzjati / Mhux diff. = Approprjazzjonijiet mhux differenzjati.
18 EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.
19 Il-pajjiżi kandidati u, meta applikabbli, pajjiżi kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | …] | | EFTA | | terzi | (b) tar-Regolament Finanzjarju |
| | [XX.YY.YY.YY] | | IVA/LE | IVA/LE | IVA/LE | IVA/LE |

## 8.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

L-ebda impatt fuq il-baġit tal-Unjoni.

### *8.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa*

Miljun EUR (sa tliet ċifri wara l-punt deċimali)

| **Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali** | Numru | [Intestatura……………..…………………………………………………………… .] |
|---|---|---|

| DĠ: <…….> | | | Sena **N**[20] | Sena **N+1** | Sena **N+2** | Sena **N+3** | Daħħal snin skont kemm hemm bżonn biex turi t-tul tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| • Approprjazzjonijiet operazzjonali | | | | | | | | | | |
| Numru tal-linja baġitarja | Impenji | (1) | | | | | | | | |
| | Pagamenti | (2) | | | | | | | | |
| Numru tal-linja baġitarja | Impenji | (1a) | | | | | | | | |
| | Pagamenti | (2a) | | | | | | | | |
| Approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett tal-programmi speċifiċi[21] | | | | | | | | | | |
| Numru tal-linja baġitarja | | (3) | | | | | | | | |
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet għad-DĠ** <…….> | Impenji | =1+1a +3 | | | | | | | | |
| | Pagamenti | =2+2a +3 | | | | | | | | |

[20] Is-sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva.

[21] Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa b'appoġġ għall-implimentazzjoni tal-programmi u/jew azzjonijiet tal-UE (ex linji "BA"), riċerka indiretta, riċerka diretta.

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| • TOTAL tal-approprjazzjonijiet operazzjonali | Impenji | (4) | | | | | | | | |
| | Pagamenti | (5) | | | | | | | | |
| • TOTAL tal-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi | | (6) | | | | | | | | |
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet** **taħt l-INTESTATURA <….>** tal-qafas finanzjarju pluriennali | Impenji | =4+ 6 | | | | | | | | |
| | Pagamenti | =5+ 6 | | | | | | | | |

**<u>Jekk iżjed minn intestatura waħda hija affettwata mill-proposta/inizjattiva:</u>**

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| • TOTAL tal-approprjazzjonijiet operazzjonali | Impenji | (4) | | | | | | | | |
| | Pagamenti | (5) | | | | | | | | |
| • TOTAL tal-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi | | (6) | | | | | | | | |
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet** **taħt l-INTESTATURI minn 1 sa 4** tal-qafas finanzjarju pluriennali (Ammont ta' referenza) | Impenji | =4+ 6 | | | | | | | | |
| | Pagamenti | =5+ 6 | | | | | | | | |

| **Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali:** | **5** | “Nefqa amministrattiva” |
|---|---|---|

Miljun EUR (sa tliet ċifri wara l-punt deċimali)

| | | Sena **N** | Sena **N+1** | Sena **N+2** | Sena **N+3** | Daħħal snin skont kemm hemm bżonn biex turi t-tul tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| DĠ: <…….> | | | | | | | | | |
| • Riżorsi umani | | | | | | | | | |
| • Infiq amministrattiv ieħor | | | | | | | | | |
| **TOTAL tad-DĠ** <…….> | Approprjazzjonijiet | | | | | | | | |

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet taħt l-INTESTATURA 5** tal-qafas finanzjarju pluriennali | (Total impenji = Total pagamenti) | | | | | | | | |

Miljun EUR (sa tliet ċifri wara l-punt deċimali)

| | | Sena **N**[22] | Sena **N+1** | Sena **N+2** | Sena **N+3** | Daħħal snin skont kemm hemm bżonn biex turi t-tul tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet taħt l-INTESTATURI minn 1 sa 5** tal-qafas finanzjarju pluriennali | Impenji | | | | | | | | |
| | Pagamenti | | | | | | | | |

22 Is-sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva.

*8.2.2. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali*

– ☐ ☐Il-proposta/inizjattiva ma teħtieġ l-ebda użu ta’ approprjazzjonijiet operazzjonali

– ☐ ☐Il-proposta/inizjattiva tirrikjedi l-użu ta’ approprjazzjonijiet operazzjonali, kif spjegat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet ta’ impenji f’miljun EUR (sa tliet ċifri wara l-punt deċimali)

| **Indika l-objettivi u l-outputs** ⇩ | | | Sena **N** | | Sena **N+1** | | Sena **N+2** | | Sena **N+3** | | Daħħal snin skont kemm hemm bżonn biex turi t-tul tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | | | | | **TOTAL** | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | **OUTPUTS** | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| | Tip[23] | Kost medju | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru totali | Kost totali |
| L-OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 1[24]… | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| - Output | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| - Output | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| - Output | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Subtotal tal-objettiv speċifiku Nru 1 | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 2 ... | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| - Output | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Subtotal tal-objettiv speċifiku Nru 2 | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| **KOST TOTALI** | | | | | | | | | | | | | | | | | | |

23 L-outputs huma l-prodotti u s-servizzi li għandhom jiġu provduti (pereż.: l-għadd ta’ skambji tal-istudenti ffinanzjati, l-għadd ta’ km ta’ toroq mibnija, eċċ.)

24 Kif deskritt fil-punt 1.4.2. “Objettiv(i)” speċifiku/speċifiċi)…”

*8.2.3. L-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva*

8.2.3.1. Sommarju

– ☐ ☐Il-proposta/inizjattiva ma tirrikjedix l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

– ☐ ☐Il-proposta/inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

Miljun EUR (sa tliet ċifri wara l-punt deċimali)

| | Sena N[25] | Sena N+1 | Sena N+2 | Sena N+3 | Daħħal snin skont kemm hemm bżonn biex turi t-tul tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali** | | | | | | | | |
| Riżorsi umani | | | | | | | | |
| Infiq amministrattiv ieħor | | | | | | | | |
| **Subtotal tal-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali** | | | | | | | | |
| **Barra mill-INTESTATURA 5[26] tal-qafas finanzjarju pluriennali** | | | | | | | | |
| Ir-riżorsi umani | | | | | | | | |
| Infiq ieħor ta' natura amministrattiva | | | | | | | | |
| **Subtotal barra mill-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali** | | | | | | | | |
| **TOTAL** | | | | | | | | |

L-approprjazzjonijiet ta' riżorsi umani u ta' infiq ieħor ta' natura amministrattiva meħtieġa se jkunu koperti mill-approprjazzjonijiet tad-DĠ li diġà huma assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew huma riallokati fid-DĠ, flimkien ma', jekk ikun meħtieġ, kull allokazzjoni oħra li tista' tingħata lid-DĠ ta' ġestjoni fil-proċedura annwali ta' allokazzjoni u fid-dawl tar-restrizzjonijiet baġitarji eżistenti.

25 Is-sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva.

26 Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa b'appoġġ għall-implimentazzjoni tal-programmi u/jew azzjonijiet tal-UE (ex linji "BA"), riċerka indiretta, riċerka diretta.

8.2.3.2. Stima tar-riżorsi umani meħtieġa

– ☐ ☐Il-proposta/inizjattiva ma tirrikjedix l-użu ta' riżorsi umani.

– ☐ ☐Il-proposta/inizjattiva teħtieġ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

*L-istima għandha tiġi espressa f'unitajiet ekwivalenti għal full-time*

| | | Sena **N** | Sena **N+1** | Sena **N+2** | Sena **N+3** | Daħħal snin skont kemm hemm bżonn biex turi t-tul tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **• Postijiet skont it-tabella tal-persunal (uffiċjali u aġenti temporanji)** | | | | | | | | |
| XX 01 01 01 (fil-Kwartieri Ġenerali u fl-Uffiċċji tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni) | | | | | | | | |
| XX 01 01 02 (Delegazzjonijiet) | | | | | | | | |
| XX 01 05 01 (Riċerka indiretta) | | | | | | | | |
| 10 01 05 01 (Riċerka diretta) | | | | | | | | |
| **• Persunal estern (f'ekwivalenti għal *full-time*: FTE)**[27] | | | | | | | | |
| XX 01 02 01 (AK, END, INT mill-"pakkett globali") | | | | | | | | |
| XX 01 02 02 (AK, AL, END, INT u JED fid-delegazzjonijiet) | | | | | | | | |
| **XX** 01 04 **yy** [28] | - fil-Kwartieri Ġenerali | | | | | | | |
| | - fid-Delegazzjonijiet | | | | | | | |
| **XX** 01 05 02 (AK, END, INT - Riċerka indiretta) | | | | | | | | |
| 10 01 05 02 (AK, END, INT - Riċerka diretta) | | | | | | | | |
| Linji baġitarji oħra (speċifika) | | | | | | | | |
| **TOTAL** | | | | | | | | |

**XX** huwa l-qasam ta' politika jew it-titolu tal-baġit ikkonċernat.

Ir-riżorsi umani mitluba se jiġu ssodisfati mill-persunal tad-DĠ li diġà huma assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew ġew riallokati fid-DĠ, flimkien, jekk dan ikun meħtieġ, ma' kull allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ ta' ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokazzjoni u fid-dawl tal-limiti tal-baġit eżistenti.

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu:

| | |
|---|---|
| Uffiċjali u aġenti temporanji | |
| Persunal estern | |

27 AK = Persunal Kuntrattwali; AL = Persunal Lokali; END = Espert Nazzjonali Sekondat ; INT = Persunal tal-Aġenziji; JED = Esperti Żgħażagħ fid-Delegazzjonijiet.

28 Sottolimitu għall-persunal estern kopert minn approprjazzjonijiet operazzjonali (ex linji "BA").

### 8.2.4. *Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*

– ☐ ☐Il-proposta/inizjattiva hija kompatibbli mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali.

– ☐ ☐Il-proposta/inizjattiva se tinvolvi r-riprogrammar tal-intestatura rilevanti fil-qafas finanzjarju pluriennali.

| Spjega liema riprogrammar huwa meħtieġ, billi tispeċifika l-intestaturi baġitarji konċernati u l-ammonti korrispondenti. |
|---|

– ☐ ☐Il-proposta/inizjattiva tirrikjedi l-applikazzjoni tal-istrument tal-flessibbiltà jew ir-reviżjoni tal-qafas finanzjarju pluriennali.

| Spjega x'inhu meħtieġ, billi tispeċifika l-intestaturi u l-linji baġitarji konċernati u l-ammonti korrispondenti. |
|---|

### 8.2.5. *Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi*

– Il-proposta/inizjattiva ma tipprovdix għal kofinanzjament minn partijiet terzi.

– Il-proposta/inizjattiva tipprovdi għall-kofinanzjament li qiegħed jiġi stmat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet f'miljun EUR (sa tliet ċifri wara l-punt deċimali)

| | Sena **N** | Sena **N+1** | Sena **N+2** | Sena **N+3** | Daħħal snin skont kemm hemm bżonn biex turi t-tul tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Speċifika l-korp ta' kofinanzjament | | | | | | | | |
| TOTAL tal-approprjazzjonijiet kofinanzjati | | | | | | | | |

### 8.3. Impatt stmat fuq id-dħul

*L-ebda impatt fuq il-baġit tal-Unjoni.*

– ☐ ☐Il-proposta/inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.

– ☐ ☐Il-proposta/inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju segwenti:

☐ ☐fuq ir-riżorsi proprji

☐ ☐fuq id-dħul mixxellanju

Miljun EUR (sa tliet ċifri wara l-punt deċimali)

| Linja baġitarja tad-dħul: | Approprjazzjonijiet disponibbli għas-sena finanzjarja attwali | Impatt tal-proposta/inizjattiva[1] | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Sena **N** | Sena **N+1** | Sena **N+2** | Sena **N+3** | Daħħal snin skont kemm hemm bżonn biex turi t-tul tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | |
| Artikolu …………. | | | | | | | | |

Għad-dħul mixxellanju "assenjat", speċifika l-linja/i baġitarja(i) tan-nefqa affettwata(i).

| |
|---|
| |

Speċifika l-metodu għall-kalkolu tal-impatt fuq id-dħul.

| |
|---|
| |

[1] Fejn jidħlu r-riżorsi proprji tradizzjonali (dazji tad-dwana, imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri ammonti gross wara t-tnaqqis ta' 25 % għall-ispejjeż tal-ġbir.